SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Frar 2026 *

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni tal-elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru (sovrataxxa tal-fjuwil, sovrataxxa tas-sigurtà u rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi) – Drittijiet tad-difiża – Dritt ta' aċċess għall-fajl – Provi inkriminanti u li jiskaġunaw – Servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound – Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni – Effetti kkwalifikati – Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet – Dritt għal smigħ – Ksur uniku u kontinwu – Portata ġeografika tal-akkordju – Motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni – Prova tal-parteċipazzjoni fi ksur uniku u kontinwu – Kalkolu tal-multa – Ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Żnaturament"

Fil-Kawża C-403/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2022,

SAS Cargo Group A/S, stabbilita fi Kastrup (Id-Danimarka),

Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden, stabbilita fi Stokkolma (L-Isvezja),

SAS AB, stabbilita fi Stokkolma,

irrappreżentati minn B. Creve u M. Kofmann, advokater, kif ukoll minn G. Forwood u J. Killick, avocats,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Dawes u C. Zois, bħala aġenti, assistiti minn B. Doherty, BL,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, E. Regan u D. Gratsias, imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' April 2024,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, SAS Cargo Group A/S (iktar 'il quddiem "SAS Cargo"), Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden (iktar 'il quddiem "SAS Consortium") u SAS AB (iktar 'il quddiem, flimkien, "SAS Cargo *et*") qegħdin jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:175), li permezz tagħha l-imsemmija qorti ċaħdet parzjalment ir-rikors tagħhom intiż, prinċipalment, għall-annullament totali jew parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 final tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Każ AT.39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża"), sa fejn din tikkonċernhom, u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom f'din id-deċiżjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera

2 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim[iet] mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 41, p. 89, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 38) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. L-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-ftehim jikkorrispondu, *mutatis mutandis*, għall-Artikoli 101 u 102 TFUE, rispettivament.

3 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim:

"1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9 għandhom jiġu applikati [...] mill-istituzzjonijiet Komunitarji skond il-leġislazzjoni Komunitarja hekk kif iddikjarata fl-Anness ta' dan il-Ftehim, waqt li tingħata kull konsiderazzjoni lill-bżonn ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-awtoritajiet Svizzeri.

2. L-awtoritajiet Svizzeri għandhom jiddeċiedu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9, dwar l-ammissibilità ta' kull ftehim, deċiżjoni u prattika [...] li jolqtu rotot bejn l-Isvizzera u pajjiżi terzi."

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) sar applikabbli taħt l-istess ftehim, b'effett mill-5 ta' Diċembru 2007, permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat konġunt Komunità/Żvizzera għat-Trasport bl-Ajru stabbiliti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tal-5 ta' Diċembru 2007, li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (ĠU 2008, L 34, p. 19). F'din id-data, huwa ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262), li kien jinsab fl-Anness tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

It-Trattat FUE

5 L-Artikolu 101(1) TFUE jipprovdi:

"Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' deċiżjonijiet assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment,

c) it-taqsim tas-swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista,

[...]"

Il-Ftehim ŻEE

6 L-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") jikkorrispondi, *mutatis mutandis*, għall-Artikolu 101 TFUE.

7 Ir-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/2004 tas-26 ta' Frar 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 17), ġie integrat fil-Ftehim ŻEE permezz, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2004 tal-24 ta' Settembru 2004 li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni), il-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) u l-Protokoll 23 (dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 64, p. 57), li daħlet

fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005, kif ukoll, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 198, p. 38), li daħlet fis-seħħ fl-istess jum.

Il-Linji Gwida tal-2006

8 Il-punti 13, 25, 28, 29 u 37 tal-Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-2006") jipprovdu:

"13. Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni [Ewropea] ser tuża l-valur tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, iġġenerat mill-impriża, b'konnessjoni diretta jew indiretta mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat fit-territorju taż-[Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)]. Il-Kummissjoni għandha tuża b'mod partikolari l-bejgħ tal-impriża matul l-aħħar sena kompleta tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur [...]

[...]

25. Barra minn hekk, indipendentement mit-tul tal-parteċipazzjoni ta' impriża fil-ksur, il-Kummissjoni għandha tinkludi fl-ammont bażiku somma ta' bejn 15 % u 25 % tal-valur tal-bejgħ [...], sabiex isservi bħala deterrent għall-impriżi milli jipparteċipaw fi ftehimiet orizzontali ta' ffissar tal-prezzijiet, ta' tqassim tas-suq u ta' limitazzjoni tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapplika tali ammont addizzjonali fil-każ ta' ksur ieħor. Sabiex tiddeċiedi dwar il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'każ partikolari, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' fatturi [...]

[...]

28. L-ammont bażiku tal-multa jista' jitnaqqas meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti, bħal:

– Meta impriża tkompli jew tirrepeti ksur identiku jew simili wara li l-Kummissjoni jew awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun ikkonstatat li din l-impriża kisret id-dispożizzjonijiet tal-[Artikolu 101] jew tal-[Artikolu 102 TFUE]. L-ammont bażiku għandu jiżdied sa 100 % għal kull ksur ikkonstatat;

[...]

29. L-ammont bażiku tal-multa jista' jitnaqqas meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti, bħal:

[...]

– meta l-aġir antikompetittiv ikun ġie awtorizzat jew imħeġġeġ mill-awtoritajiet pubbliċi jew mil-leġiżlazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[...]

37. Għalkemm dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-metodoloġija ġenerali għall-iffissar tal-multi, il-karatteristiċi ta' każ partikolari jew il-bżonn li jintlaħaq livell dissważiv f'każ partikolari jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni titbiegħed minn din il-metodoloġija jew mil-limiti stabbiliti fil-punt 21" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

9 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża, kif tfissru fil-punti 1 sa 63 tas-sentenza appellata, jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jinġabru bil-mod kif ġej.

10 SAS Cargo *et* joperaw fis-suq tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru. SAS Cargo, li toffri servizzi ta' trasport tal-merkanzija, hija sussidjarja li hija l-proprjetà esklużiva indiretta ta' SAS. Sal-1 ta' Ġunju 2001, SAS Cargo ma kinitx entità ġuridika distinta, iżda kienet tikkostitwixxi unità kummerċjali ta' SAS Consortium. SAS Consortium tappartjeni lil SAS.

11 Fis-settur tat-trasport tal-merkanzija, kumpanniji tal-ajru jiżguraw it-trasport tal-merkanzija bl-ajru (iktar 'il quddiem it-"trasportaturi"). Bħala regola ġenerali, it-trasportaturi jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija lill-ispedizjoniera, li jieħdu ħsieb it-trasport ta' din il-merkanzija f'isem l-ispedituri. Bħala korrispettiv, dawn l-ispedizjoniera jħallsu lit-trasportaturi prezz li huwa magħmul minn tariffi kkalkolati għal kull kilogramma u wkoll minn diversi sovrataxxi.

Il-proċedura amministrattiva

12 Fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet, taħt l-Avviż tagħha dwar l-immunità minn multi u it-tnaqqis fl-ammont tagħha f'każijiet ta' akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3), applikazzjoni għal immunità ppreżentata minn Deutsche Lufthansa AG (iktar 'il quddiem "Lufthansa") u minn tnejn mis-sussidjarji tagħha, Lufthansa Cargo AG u Swiss International Air Lines AG. Skont din l-applikazzjoni, kienu jeżistu kuntatti antikompetittivi bejn diversi trasportaturi, li kienu jikkonċernaw elementi tal-prezz tas-servizzi pprovduti fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sovrataxxi tal-"fjuwil" u tas-"sigurtà", kif ukoll ir-rifjut ta' dawn it-trasportaturi li jħallsu lill-ispedizjoniera kummissjoni fuq is-sovrataxxi (iktar 'il quddiem ir-"rifjut li jitħallsu kummissjonijiet").

13 Fl-14 u fil-15 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni għamlet spezzjonijiet għal għarrieda fil-bini ta' diversi trasportaturi.

14 Wara dawn l-ispezzjonijiet, diversi trasportaturi, fosthom SAS Cargo u SAS Consortium, ippreżentaw applikazzjoni għal immunità taħt l-Avviż dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis fl-ammont tagħhom f'każijiet ta' akkordji, imsemmi fil-punt 12 ta' din is-sentenza.

15 Fid-19 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil 27 trasportatur, fosthom SAS Cargo *et*, li sussegwentement ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Saret seduta mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2008.

Id-Deċiżjoni inizjali

16 Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2010) 7694 finali li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 [TFUE], l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ C.39258 – Trasport tal-merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni inizjali"). Din id-deċiżjoni kienet indirizzata lil 21 trasportatur, fosthom SAS Cargo *et*.

17 L-imsemmija deċiżjoni spjegat, fil-motivi tagħha, li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija, billi ftehmu fuq is-sovrataxxa tal-fjuwil u fuq is-sovrataxxa tas-sigurtà u rrifjutaw li jħallsu kummissjonijiet, u kienu, b'dan il-mod, ipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, li jkopri t-territorju taż-ŻEE u tal-Isvizzera.

Is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2015

18 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-56/11, EU:T:2015:990), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet tirrigwarda lil SAS Cargo *et*. Permezz ta' tnax-il sentenza oħra tal-istess jum, il-Qorti Ġenerali annullat ukoll, kompletament jew parzjalment, din id-deċiżjoni sa fejn din kienet tirrigwarda tnax-il trasportatur jew grupp ta' trasportaturi oħra.

19 Il-Qorti Ġenerali qieset li l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata b'difett ta' motivazzjoni.

Id-Deċiżjoni kontenzjuża

20 Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni baġħtet lit-trasportaturi msemmija fid-Deċiżjoni inizjali u li ppreżentaw rikors kontra din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali ittra li tinformahom bl-intenzjoni tagħha li tadotta mill-ġdid deċiżjoni li tikkonstata li huma kienu ppartecipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera fir-rotot kollha msemmija f'din id-deċiżjoni inizjali. Huma ngħatalhom terminu ta' xahar sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Kollha ħadu l-opportunità li jagħmlu dan.

21 Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija indirizzata lil 19-il trasportatur, fosthom SAS Cargo *et*.

22 Id-Deċiżjoni kontenzjuża tispjega li t-trasportaturi inkriminati kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja permezz tas-sovrataxxa tal-fjuwil, tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet (iktar 'il quddiem l-"akkordju kontenzjuż"), u b'hekk wettqu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera.

23 Fit-Taqsima 4 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Deskrizzjoni tal-fatti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni indikat, b'mod partikolari, li l-investigazzjoni kienet żvelat akkordju fuq skala globali b'network ta' kuntatti bilaterali u multilaterali tul perijodu twil ta' żmien bejn il-kompetituri, li kien jikkonċerna l-aġir li huma kienu ddeċidew, ipprevedew jew għamlu l-ħsieb

li jadottaw b'rabta mal-varji elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija msemmija fil-punt ta' qabel. Hija enfasizzat li dan in-network ta' kuntatti kellu l-għan komuni li jikkoordina l-aġir tal-kompetituri fir-rigward tat-tarifikazzjoni jew li jnaqqas l-inċertezza sa fejn għandha x'taqsam il-politika ta' pprezzar tagħhom. Hija mbagħad iddeskriviet il-kuntatti li jikkonċernaw, rispettivament, is-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u evalwat il-provi fattwali li jikkonċernaw, minn naħa, l-akkordju kontenzjuż kollu kemm hu u, min-naħa l-oħra, kull wieħed mid-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni.

24 Fit-Taqsima 5 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 101 TFUE għall-fatti tal-każ u ppreċiżat li r-riferimenti għal dan l-artikolu kellhom jinftiehmu wkoll bħala riferimenti għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u għall-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, peress li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis*.

25 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam il-kompetenza tagħha, il-Kummissjoni eżaminat il-limiti tal-kompetenza *ratione temporis* u territorjali tagħha sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dan il-każ.

26 Minn naħa, fil-premessi 822 sa 832 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.2 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Kompetenza tal-Kummissjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hija rrilevat, essenzjalment, li hija ma kinitx ser tapplika, l-ewwel nett, l-Artikolu 101 TFUE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni Ewropea u ajruporti barra ż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-pajjiżi terzi"), it-tieni nett, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel id-19 ta' Mejju 2005 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi u r-rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u li ma humiex membri tal-Unjoni u ajruporti f'pajjiżi terzi (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi") u, fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Ġunju 2002 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajurporti fl-Unjoni u ajruporti fl-Isvizzera (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-Svizzera"). Hija ppreċiżat, fil-premessa 832 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-istess deċiżjoni ma kellhiex "l-iskop li tirrileva kwalunkwe ksur tal-Artikolu 8 tal-Ftehim [dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija [bejn] l-Isvizzera [u] pajjiżi terzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

27 Min-naħa l-oħra, fil-premessi 1036 sa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.3.8 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "[A]pplikabbiltà tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot inbound" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għaliex hija ċaħdet l-argumenti ta' diversi trasportaturi inkriminati li hija marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza territorjali tagħha fid-dawl tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku billi kkonstatat u ssanzjonat ksur ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet dwar ir-rotot li jitilqu minn pajjiżi terzi u li sejrin iż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot inbound" u, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija offruti f'dawn ir-rotot, is-"servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound").

28 B'mod partikolari, fil-premessa 1045 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-prattiki antikompetittivi sa fejn kellhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound "setgħu jkollhom effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u fiż-ŻEE, peress li ż-żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata jistgħu, min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux

uffiċjali]. Hija żiedet tgħid li, f'dan il-każ, dawn il-prattiki setgħu jkollhom tali effetti wkoll fuq il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru minn trasportaturi oħra fiż-ŻEE, bejn iċ-ċentri ("hubs") fiż-ŻEE użati mit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi u l-ajruporti ta' destinazzjoni ta' dawn il-kunsinni fiż-ŻEE li t-trasportatur tal-pajjiż terz ma joperax minnhom.

29 Barra minn hekk, fil-premessa 1046 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkordju kontenzjuż kien ġie "implimentat globalment", li l-arranġamenti li jikkonċernaw ir-rotot inbound kienu jagħmlu parti integrali mill-ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, u li l-applikazzjoni uniformi tas-sovrataxxi fuq livell globali kienet element ewlieni ta' dan l-akkordju.

30 Is-Sottotaqsima 5.3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tirrigwarda l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, tinkludi l-premessi 833 sa 1052 tagħha. L-ewwel nett, fil-premessa 846 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom jew influwenzaw it-tarifikazzjoni, u dan kien "finalment jammonta għal iffissar tal-prezzijiet b'rabta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mas-sovrataxxa tal-fjuwil, mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mal-ħlas ta' kummissjoni lill-ispedizjoniera fuq is-sovrataxxi. Fil-premessa 861 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkunsidrat li s-"sistema ġenerali ta' koordinazzjoni tal-aġir fejn tidħol it-tarifikazzjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija" li kixfet l-investigazzjoni tagħha kienet tixhed l-eżistenza ta' "ksur kumpless li jikkonsisti f'diversi azzjonijiet li [setgħu] jiġu kklassifikati jew bħala ftehim jew bħala prattika miftiehma li fil-kuntest tagħhom il-kompetituri [kienu] bi ħsieb issostitwixxew il-kooperazzjoni prattika bejniethom bir-riskji tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31 It-tieni nett, fil-premessa 869 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset li l-"aġir inkwistjoni [kien] jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 [TFUE]" u ppreċiżat, fil-premessi 870 sa 902 tagħha, li l-arranġamenti inkwistjoni kienu jfittxu li jilħqu għan antikompetittiv uniku, jiġifieri li tiġi ostakolata l-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija fi ħdan iż-ŻEE, li kienu jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija u t-tarifikazzjoni tagħhom, li kienu jikkonċernaw l-istess impriżi, kienu uniċi u kontinwi u li kienu jirrigwardaw tliet elementi, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. F'dan il-kuntest, hija indikat, b'mod partikolari fil-premessa 882 ta' din id-deċiżjoni, li SAS Cargo et kienet involuta fi tnejn mit-tliet komponenti tal-ksur uniku, jiġifieri f'dak relatat mas-sovrataxxa tas-sigurtà u dak relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil, iżda li "fid-dawl tal-involviment tagħhom fl-elementi l-oħra tal-ksur, setgħu raġonevolment jipprevedu skambji bejn il-partijiet dwar tali kwistjoni relatata bħalma huwa l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi u kienu lesti jieħdu r-riskju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

32 It-tielet nett, fil-premessa 903 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-aġir antikompettiv inkwistjoni kellu l-għan li jillimita l-kompetizzjoni tal-inqas fi ħdan l-Unjoni, fiż-ŻEE u fl-Isvizzera. Fil-premessa 917 ta' din tal-aħħar, hija essenzjalment żiedet tgħid li ma kienx meħtieġ, għaldaqstant, li tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti konkreti ta' dan l-aġir.

33 Fil-premessi 922 sa 971 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni eżaminat l-alleanza WOW, li fiż-żmien tal-fatti inkwistjoni kienet tgħaqqad lil Lufthansa, SAS Cargo, Singapore Airlines Cargo Pte Ltd u Japan Airlines International Co. Ltd. (iktar 'il quddiem "Japan Airlines"). Hija indikat, f'din il-premessa 971, li, "fid-dawl tal-kontenut tal-ftehim ta' alleanza WOW u l-implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tqis li l-koordinazzjoni tas-sovrataxxi bejn il-membri tal-[alleanza] WOW saret barra mill-kuntest leġittimu tal-alleanza, u għalhekk ma hijiex

iġġustifikata. Il-membri kienu fil-fatt konxji dwar l-illegalità ta' tali koordinazzjoni. Barra minn hekk, huma kienu jafu li l-koordinazzjoni tas-sovrataxxi kienet tinvolvi diversi [trasportaturi] li ma kinux parti mill-[alleanza] WOW. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-provi dwar il-kuntatti bejn il-membri tal-[alleanza] WOW [...] jikkostitwixxu l-prova tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur tal-[Artikolu 101 TFUE] kif deskritt f'din id-deċiżjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

34 Ir-raba' nett, fil-premessi 972 sa 1021 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni ta' seba' pajjiżi terzi li diversi trasportaturi inkriminati sostnew li kienet ġiegħlithom jiftiehmu bejniethom dwar is-sovrataxxi u b'hekk ipprekludiet l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn it-trasportaturi ma kienu ġabu ebda prova li l-imsemmija pajjiżi terzi kienu ġiegħluhom jaġixxu b'dan il-mod.

35 Il-ħames nett, fil-premessi 1024 sa 1035 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-ksur uniku u kontinwu seta' jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri, bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera.

36 It-Taqsima 7 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Tul tal-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tinkludi l-premessi 1146 sa 1169 ta' din id-deċiżjoni. Kif jirriżulta mill-premessa 1146 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordju kontenzjuż kien beda fis-7 ta' Diċembru 1999 u dam sal-14 ta' Frar 2006. F'din il-premessa 1146, hija ppreċiżat li dan l-akkordju kien kiser:

– l-Artikolu 101 TFUE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fl-Unjoni;

– l-Artikolu 101 TFUE, mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fiż-ŻEE;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-Svizzera.

37 Fil-premessa 1169 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li t-tul tal-ksur kien, sa fejn kellha x'taqsam SAS Cargo *et*, mit-13 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006.

38 Fit-Taqsima 8 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri korrettivi li kellhom jittieħdu u l-multi li kellhom jiġu imposti fid-dawl tal-Linji Gwida tal-2006. Hija applikat, b'mod partikolari, abbażi tal-punt 37 tagħhom, tnaqqis ta' 50 % fl-ammonti bażiċi tal-multi, billi parti mis-servizzi relatati mar-rotot inbound, kif ukoll mar-rotot li jitilqu miż-ŻEE u li sejrin f'pajjiżi terzi, minbarra r-rotot Unjoni-Svizzera, hija pprovduta barra mit-territorju kopert mill-Ftehim ŻEE u għalhekk parti mid-dannu tista' sseħħ barra minn dan it-territorju. Barra minn hekk, skont il-punt 29 ta' dawn il-linji gwida, hija tat lit-trasportaturi inkriminati tnaqqis addizzjonali fl-ammonti bażiċi ta' 15 % billi ċerti sistemi regolamentari kienu ħeġġew l-akkordju kontenzjuż.

39 Il-Kummissjoni qieset ukoll, fil-premessi 1221, 1223 u 1227 sa 1229 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-ammont addizzjonali ta' 16 % tal-valur tal-bejgħ, skont il-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006, kellu jinqasam bejn SAS Cargo *et*, b'tali mod li jirrifletti t-tul tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minn dawn l-entitajiet fil-ksur uniku u kontinwu, imponiet fuq SAS Cargo *et* u SAS Consortium, skont il-punt 28 ta' dawn il-linji gwida, żieda ta' 50 % tal-ammont bażiku tal-multa minħabba reċidiva, u skont il-punt 29 tal-imsemmija linji gwida, hija tat lil SAS Cargo *et* tnaqqis ta' 10 % tal-ammont bażiku tal-multa, minħabba l-parteċipazzjoni limitata tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni applikat għall-multa tagħhom tnaqqis ta' 15 % sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-kontribuzzjoni tagħhom fil-kuntest tat-talba tagħhom għal klemenza. Għalhekk, l-ammont tal-multi imposti fuq SAS, SAS Cargo *et* u SAS Consortium ġie ffissat għal EUR 38 250 000, EUR 64 812 500 u EUR 14 875 000, rispettivament.

40 L-Artikoli 1, 3 u 4 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

Billi kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-[sovrataxxa tas-sigurtà] u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi, l-impriżi li ġejjin ikkommettew il-ksur uniku u kontinwu li ġej tal-Artikolu 101 [TFUE], tal-Artikolu 53 tal-[Ftehim ŻEE] u tal-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu ir-rotot li ġejjin u matul il-perijodi li ġejjin.

1) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot bejn ajruporti li jinsabu fiż-ŻEE, matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   o) [SAS], mis-17 ta' Awwissu 2001 sal-14 ta' Frar 2006;
   p) [SAS Cargo], mill-1 ta' Ġunju 2001 sal-14 ta' Frar 2006;
   q) [SAS Consortium], mit-13 ta' Diċembru 1999 sat-28 ta' Diċembru 2003;

   [...]

2) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   o) [SAS], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;
   p) [SAS Cargo], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;

   [...]

3) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   o) [SAS], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;
   p) [SAS Cargo], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;

   [...]

4) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-Svizzera], matul il-perijodi li ġejjin:

[...]
o) [SAS], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;
p) [SAS Cargo], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;
q) [SAS Consortium], mill-1 ta' Ġunju 2002 sat-28 ta' Diċembru 2003;

[...]

Artikolu 3

Għall-ksur uniku u kontinwu msemmi fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, huma imposti l-multi li ġejjin [...] :

[...]

n) [SAS Consortium], [EUR] 5 355 000;

o) [SAS Cargo u SAS Consortium] flimkien u *in solidum*: [EUR] 4 254 250;

p) [SAS Cargo *et*] flimkien u *in solidum*: [EUR] 5 265 750;

q) [SAS Cargo u SAS] flimkien u *in solidum*: [EUR] 32 984 250;

r) [SAS Cargo]: [EUR] 22 308 250;

[...]

Artikolu 4

L-impriżi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom immedjatament itemmu l-ksur uniku u kontinwu msemmi f'dak l-artikolu, sakemm ma jkunux diġà temmewh.

Huma għandhom iżommu ruħhom ukoll milli jagħmlu kwalunkwe att jew iġibu ruħhom b'mod li jkollu għan jew effett identiku jew simili." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

41 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2017, SAS Cargo *et* ippreżentaw rikors intiż għall-adozzjoni mill-Qorti Ġenerali ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' miżuri istruttorji li jordnaw lill-Kummissjoni tagħtihom aċċess għall-fajl kollu tal-kawża quddiemha jew kwalunkwe miżura oħra li l-Qorti Ġenerali kienet tqis neċessarja, għall-annullament, totali jew parzjali, tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn din tikkonċernahom, u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom f'din id-deċiżjoni.

42 Insostenn ta' dan ir-rikors, SAS Cargo *et* invokaw ħames motivi għal annullament. L-ewwel motiv, kien ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, minħabba li kienu rrifjutati aċċess għall-provi inkriminanti u li jiskaġunaw. It-tieni motiv, kien ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ u fuq nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni,

minn naħa, sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport ta' merkanzija inbound u, min-naħa l-oħra, sabiex tapplika l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport ta' merkanzija pprovduti fuq rotot bejn l-Isvizzera u t-tliet pajjiżi membri taż-ŻEE li ma humiex parti mill-Unjoni (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera"). Permezz tat-tielet motiv tagħhom, huma allegaw żball ta' evalwazzjoni tal-aġir li fih kienu involuti u l-fatt li dan l-aġir kien juri l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu jew l-għarfien tagħhom tiegħu. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), minħabba li d-Deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata minn inkoerenzi interni. Il-ħames motiv kien ibbażat fuq żbalji fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa imposta fuqhom.

43 Insostenn tat-talbiet tagħhom intiżi għall-bidla fl-ammont tal-multa, huma invokaw l-argumenti kollha mressqa insostenn tal-ħames motiv ta' annullament tagħhom.

44 Permezz ta' digriet tas-7 ta' Jannar 2021, il-Qorti Ġenerali reġgħet fetħet il-fażi orali tal-proċedura, billi qieset li kien hemm lok li l-partijiet jintalbu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar argument li ma kienx ġie diskuss minnhom. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fit-12 ta' Jannar, fit-2 ta' Marzu u fit-12 ta' April 2021. Il-Kummissjoni wieġbet għal din l-aħħar mistoqsija fit-22 ta' April 2021 (iktar 'il quddiem it-"tweġiba tat-22 ta' April 2021"). SAS Cargo *et* ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar it-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dawn il-mistoqsijiet kollha fl-14 ta' Mejju 2021. Fis-26 ta' Lulju 2021, il-Qorti Ġenerali reġgħet għalqet il-fażi orali tal-proċedura.

45 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali:

– annullat l-Artikolu 1(1)(o), (p) u (q), (2)(o) u (p), (3)(o) u (p), u (4)(o), (p) u (q) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn qieset li SAS Cargo *et* ipparteċipaw fil-komponent tal-ksur uniku u kontinwu marbut mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet;

– annullat:

  – minn naħa, l-Artikolu 1(2)(o) u (p) ta' din id-deċiżjoni, sa fejn ikkonstatat ksur tal-Artikolu 101 TFUE fuq ir-rotot ġejjin mit-Tajlandja u sejrin lejn l-Unjoni bejn l-20 ta' Lulju 2005 u l-14 ta' Frar 2006 fir-rigward tal-komponent relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil, u

  – min-naħa l-oħra, l-Artikolu 1(3)(o) u (p) tal-imsemmija deċiżjoni, sa fejn ikkonstatat ksur tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot ġejjin mit-Tajlandja u sejrin lejn iż-ŻEE bejn l-20 ta' Lulju 2005 u l-14 ta' Frar 2006 fir-rigward tal-komponent relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil;

– annullat l-Artikolu 3(n) sa (r) tal-istess deċiżjoni;

– iffissat l-ammont tal-multa imposta:

  – fir-rigward ta' SAS Consortium għal EUR 7 030 618;

– fir-rigward ta' SAS Cargo *et* u SAS Consortium flimkien u *in solidum*: EUR 5 937 909;

– fir-rigward ta' SAS Cargo *et* flimkien u *in solidum* għal EUR 6 314 572;

– fir-rigward ta' SAS Cargo *et* u SAS flimkien u *in solidum* għal EUR 29 045 427; u

– fir-rigward ta' SAS Cargo għal EUR 21 687 090;

– ċaħdet il-kumplament tar-rikors, u

– ikkundannat lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal tliet kwarti tal-ispejjeż ta' SAS Cargo *et*, filwaqt li dawn tal-aħħar ġew ikkundannati għal kwart mill-ispejjeż tagħhom stess.

46 Il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, laqgħet parzjalment l-ewwel motiv. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta rrifjutat li tagħti lil SAS Cargo *et* l-aċċess għal ċerti siltiet mit-tweġibiet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Madankollu, hija qieset li dan ma kellux effett fuq il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir inkriminat li seħħ f'Ħong Kong u fil-Ġappun.

47 Fir-rigward tat-tieni motiv, hija ddeċidiet li, fl-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kinitx żammet lil SAS Cargo *et* responsabbli għal ksur tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera. Madankollu, hija kkonstatat li l-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet li ma kinitx eskludiet mill-valur tal-bejgħ ammont ta' EUR 262 084 bħala bejgħ ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija li SAS Cargo *et* kienu wettqu fl-2005 fuq ir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera. Madankollu, peress li qieset li din iċ-ċirkustanza kienet tikkonċerna esklużivament id-dħul li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa, hija ċaħdet dan it-tieni motiv.

48 Fil-kuntest tat-tielet motiv, li hija laqgħet parzjalment, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod partikolari li l-fatt li ċerti provi prodotti kontra SAS Cargo *et* fid-Deċiżjoni kontenzjuża kellhom, kif sostnew dawn tal-aħħar, jiġu miċħuda ma kienx jippermetti li jiġu kkontestati s-sensiela ta' indizji invokati mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fil-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil u ma' dak relatat mas-sovrataxxa tas-sigurtà. Madankollu, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni applikabbli fit-Tajlandja, hija kkonstatat li SAS Cargo *et* irnexxielhom jistabbilixxu li, mill-20 ta' Lulju 2005, l-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż kienu ħolqu qafas regolamentari li kien jelimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv bejn it-trasportaturi li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa tal-fjuwil applikabbli għat-titjiriet li jitilqu mill-imsemmi pajjiż. Hija kkonstatat ukoll li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta żammithom responsabbli għall-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

49 Fil-kuntest tal-ħames motiv, il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod partikolari li, peress li l-Kummissjoni żbaljat meta kienet imputat lil SAS Cargo *et* ir-responsabbiltà tal-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, din l-istituzzjoni kienet qieset f'livell għoli wisq il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu. Hija qieset li, konsegwentement, il-Kummissjoni kienet ivvizzjat id-Deċiżjoni kontenzjuża b'illegalità billi ma tatx lil SAS Cargo *et*, minħabba l-parteċipazzjoni limitata tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu, tnaqqis tal-ammont bażiku tal-multa ta' iktar minn 10 %.

50 Bħala konsegwenza ta' dawn il-konstatazzjonijiet, hija annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża sal-estent indikat fil-punt 45 ta' din is-sentenza u ċaħdet il-kumplament tat-talbiet għal annullament.

51 Fir-rigward tat-talbiet intiżi għall-bidla tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali eskludiet mill-valur tal-bejgħ id-dħul li sar fuq ir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera, peress li dawn ir-rotot ma jaqgħux fl-ambitu tal-ksur uniku u kontinwu.

52 Madankollu, hija qieset, fid-dawl ta' dak li kienet wieġbet il-Kummissjoni għal waħda mill-mistoqsijiet bil-miktub tagħha u sabiex tiżgura l-ugwaljanza fit-trattament tat-trasportaturi inkriminati li ppreżentaw rikors kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża, li kien importanti li jiġi integrat mill-ġdid, fil-valur tal-bejgħ li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għal SAS Cargo *et*, id-dħul mill-bejgħ li huma kienu għamlu fuq ir-rotot operati esklużivament fid-Danimarka, fl-Isvezja u fin-Norveġja, rispettivament (iktar 'il quddiem ir-"rotot interni"), li kien jammonta għal EUR 7 991 282.

53 Barra minn hekk, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li ċerti motivi ta' annullament intlaqgħu parzjalment, hija naqqset il-koeffiċjent ta' gravità tal-ksur fir-rigward ta' dak li kien ġie adottat fid-Deċiżjoni kontenzjuża, adottat ammont addizzjonali daqsxejn inqas minn dak li kien ġie adottat mill-Kummissjoni, u applikat rata ta' tnaqqis minħabba l-parteċipazzjoni limitata tal-appellanti fil-ksur uniku u kontinwu ogħla minn dak li kien ġie ffissat minn din tal-aħħar. Għall-kuntrarju, hija qieset li l-esklużjoni ta' ċerti provi ma kinitx tiġġustifika tnaqqis addizzjonali minħabba parteċipazzjoni limitata fil-ksur uniku u kontinwu.

54 Fil-kalkolu tal-multa abbażi ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-multi imposti fuq l-appellanti kellhom jiġu ffissati fl-ammonti indikati fil-punt 45 ta' din is-sentenza.

55 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

56 SAS Cargo *et* jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet ir-rikors għal annullament tagħhom;

– tannulla fl-intier tagħha jew parzjalment id-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din tikkonċernhom;

– tannulla jew tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa imposta fuqhom;

– sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti kemm fil-kuntest tal-appell kif ukoll fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

57 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż;

– sussidjarjament, kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' l-appell, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż.

Fuq l-appell

58 Insostenn tal-appell tagħhom, SAS Cargo *et* jinvokaw ħames aggravji. L-ewwel aggravju tagħhom huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali meta evalwat il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom u tad-dritt tagħhom li jaċċedu għall-fajl. It-tieni aggravju tagħhom huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jinstemgħu dwar l-applikazzjoni tal-kriterju bbażat fuq l-effetti kkwalifikati tal-prattiki antikompetittivi fl-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-effetti kkwalifikati") u r-rotot inbound. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju. Ir-raba' aggravju tagħhom huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu. Permezz tal-ħames aggravju tagħhom, huma jallegaw żbalji ta' liġi fl-eżerċizzju, mill-Qorti Ġenerali, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

Fuq l-ewwel aggravju, dwar id-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' aċċess għall-fajl

59 L-ewwel aggravju ta' SAS Cargo *et* għandu jinqasam f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża tagħhom u d-dritt tagħhom li jaċċedu għall-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni billi ma ssanzjonatx ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tagħtihom aċċess għal provi inkriminanti. Permezz tat-tieni parti, huma jsostnu l-istess ksur fir-rigward tal-aċċess għal provi li jiskaġunaw.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-provi inkriminanti

– *L-argumenti tal-partijiet*

60 SAS Cargo *et* jindikaw li huma kienu sostnew quddiem il-Qorti Ġenerali li d-drittijiet tad-difiża tagħhom kienu nkisru sa fejn id-Deċiżjoni kontenzjuża hija bbażata fuq deskrizzjonijiet ta' oqfsa regolatorji u ta' prattiki amministrattivi ta' pajjiżi terzi, li jirriżultaw b'mod partikolari mit-tweġibiet ta' trasportaturi oħra għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll minn dokumenti li jirreferu għal dawn it-tweġibiet. Issa, dawn id-dokumenti ma ġewx ikkomunikati lilhom, għalkemm dawn huma provi inkriminanti. Minkejja li, kif jirriżulta mill-punti 104 sa 109, 115 u 124 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, ċertament, laqgħet l-argument tagħhom dwar ċerti tweġibiet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija rrifjutat, b'mod żbaljat, li tagħtihom aċċess għal kategoriji oħra ta' dokumenti inkriminanti.

61 Fl-ewwel lok, fil-punt 110 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni ma kinitx ibbażat ruħha fuq dokumenti mhux żvelati dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà fil-Ġappun. Fil-fatt, mill-premessi 1008 u 1012 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta, minn naħa, li ċerti partijiet kienu sostnew li kienet neċessarja koordinazzjoni għas-sovrataxxa tal-fjuwil u mhux għas-sovrataxxa tas-sigurtà u, min-naħa l-oħra, li provi, għalkemm mhux sodisfaċenti, kienu ġew prodotti lilha minn trasportaturi oħra. SAS Cargo *et*, li huma stess kienu ppreżentaw osservazzjonijiet dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà li juru li din il-premessa 1008 ma kinitx korretta, kellhom għalhekk ikollhom aċċess għat-tweġibiet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ipprovduti minn dawn it-trasportaturi l-oħra, sabiex jivverifikaw il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

62 Fit-tieni lok, fil-punti 112 sa 114 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li ma kienx neċessarju li SAS Cargo *et* jaċċedu għad-dokumenti użati mill-Kummissjoni sabiex tevalwa s-sistemi regolamentari tal-Ġappun u ta' pajjiżi terzi oħra, minħabba li d-Deċiżjoni kontenzjuża kienet sempliċement tiddeskrivi d-dispożizzjonijiet applikabbli u l-informazzjoni dwar il-qafas regolamentari tal-pajjiżi terzi kkunsidrati kienet, bħala prinċipju, pubblika u aċċessibbli.

63 L-ewwel nett, il-kontenut tad-dritt nazzjonali huwa kwistjoni ta' fatt u għandu jiġi stabbilit permezz ta' provi. Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-oqsfa regolamentari ta' dawn il-pajjiżi terzi kellhom għalhekk neċessarjament ikunu bbażati fuq dokumenti li jinsabu fil-fajl, iżda li ma kinux ġew żvelati. Barra minn hekk, dawn huma provi inkriminanti peress li ntużaw kontra SAS Cargo *et*. It-tieni nett, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, EU:T:2006:270), iċċitata f'dan il-punt 114, ma tikkonċernax id-dritt nazzjonali, iżda l-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni, u għalhekk ma hijiex rilevanti. It-tielet nett, minn ebda element tal-proċess ma jirriżulta li l-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni kienu aċċessibbli għall-pubbliku. Ir-raba' nett, kif jirriżulta mill-punti 558 sa 661 tas-sentenza appellata, id-Deċiżjoni kontenzjuża ssemmi wkoll ir-rekwiżiti amministrattivi applikabbli fil-pajjiżi terzi l-oħra li s-sistemi regolamentari tagħhom huma msemmija f'din id-deċiżjoni. Issa, dawn ma humiex pubblikament disponibbli.

64 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ma weġbitx għall-argument ta' SAS Cargo *et* li l-Kummissjoni kellha tagħtihom aċċess għat-tweġibiet tad-destinatarji l-oħra tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li kienu jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni Ġappuniża. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma weġbitx, b'mod partikolari, għall-argument tagħhom dwar il-premessa 1011 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li madankollu hija ħadet nota tiegħu fil-punt 103 tas-sentenza appellata. Hija kellha, tal-inqas, tindika r-raġunijiet li għalihom hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-argumenti ta' SAS Cargo *et* dwar provi inkriminanti li setgħu wasslu għall-annullament parzjali jew totali tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

65 Il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti Ġenerali fil-punti 115 u 124 tas-sentenza appellata huma wkoll, bħala konsegwenza ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, żbaljati.

66 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

67 Korollarju tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, id-dritt ta' aċċess għall-atti tal-proċess tal-kawża jfisser li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà li teżamina d-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża. Dawn jinkludu kemm id-dokumenti inkriminanti kif ukoll dawk li jiskaġunaw, bla ħsara għas-sigrieti kummerċjali ta' impriżi oħra, għad-dokumenti interni tal-Kummissjoni u għal informazzjoni kunfidenzjali oħra (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, NKT Verwaltung u NKT vs Il-Kummissjoni, C-607/18 P, EU:C:2020:385, punt 262).

68 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża biss jekk l-impriża kkonċernata turi, minn naħa, li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dak id-dokument sabiex issostni l-ilment tagħha dwar l-eżistenza ta' ksur u min-naħa l-oħra, li dan l-ilment seta' jiġi pprovat biss permezz ta' riferiment għall-imsemmi dokument. Jekk jeżistu dokumenti ta' prova oħra li l-partijiet kienu jafu bihom

matul il-proċedura amministrattiva li jsostnu b'mod speċifiku l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, l-eliminazzjoni bħala prova tad-dokument inkriminanti li ma ġiex ikkomunikat ma taffettwax il-fondatezza tal-oġġezzjoni msemmija fid-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk hija l-impriża kkonċernata li għandha turi li r-riżultat li waslet għalih il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha kien ikun differenti kieku kellu jiġi eliminat bħala mezz ta' prova dokument mhux ikkomunikat li fuqu l-Kummissjoni tkun ibbażat ruħha sabiex tikkonstata ksur fil-konfront ta' din l-impriża (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ilment dirett kontra l-punt 110 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, fih, il-Qorti Ġenerali indikat li mis-silta ċċitata fil-premessa 1012 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jipprovdi li "ma huwiex sostnut li l-partijiet kellhom l-obbligu li jiftiehmu fuq is-[sovrataxxa tas-sigurtà] jew fuq ir-[rifjut li jitħallsu kummissjonijiet]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] ma kienx jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq provi inkriminanti mhux żvelati. F'dan ir-rigward, permezz ta' din il-konstatazzjoni, hija rrilevat li l-Kummissjoni sempliċement tosserva li l-ebda prova ta' tali obbligu ma ġiet prodotta bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

70 Issa, billi ssostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq allegata assenza ta' allegazzjonijiet dwar l-obbligu li jintlaħaq ftehim dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà bħala prova inkriminanti, SAS Cargo *et* sempliċement, fir-realtà, jikkontestaw l-interpretazzjoni ta' din il-premessa 1012 imwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.

71 Issa, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell għandu jkun limitat għall-punti ta' liġi.

72 Għalhekk, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll li tevalwa l-provi. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll ir-regoli ta' proċedura li japplikaw fir-rigward tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu nġiebu quddiemha. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u provi ma hijiex, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell (sentenza tat-28 ta' Mejju 1998, Deere vs Il-Kummissjoni, C-7/95 P, EU:C:1998:256, punt 22, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

73 Dan l-ilment huwa, konsegwentement, inammissibbli, peress li SAS Cargo *et* ma jallegawx li l-Qorti Ġenerali, f'dan il-punt 110 tas-sentenza appellata, żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża.

74 Min-naħa l-oħra, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu li l-premessa 1008 tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx korretta, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-argument ma huwiex dirett kontra s-sentenza appellata, li s-siltiet ikkontestati tagħha lanqas biss isemmu speċifikament din il-premessa, iżda kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, TUIfly vs Il-Kummissjoni, C-763/21 P, EU:C:2023:528, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, kif jindika l-punt 111 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali impenjat ruħha, fil-punti 112 sa 114 tagħha, li tirrispondi għall-argument ta' SAS Cargo *et* dwar dokumenti mhux żvelati li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni, mingħajr ma dawn

id-dokumenti neċessarjament joriġinaw minn trasportaturi oħra destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. F'dan ir-rigward, huma rreferew għad-dokumenti li servew bħala bażi għall-analiżi tal-leġiżlazzjoni Ġappuniża u tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru (iktar 'il quddiem il-"FSA") applikabbli f'pajjiżi terzi minbarra Ħong Kong u l-Ġappun, imsemmija fil-premessi 998 sa 1001, 1009, 1010 u 1013 sa 1019 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

76 Fil-punt 112 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-premessi 998 sa 1001, 1009, 1010 u 1013 sa 1019 ma kienu jirreferu għal ebda dokument fil-fajl tal-investigazzjoni u li l-Kummissjoni llimitat ruħha li tiddeskrivi fihom id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-leġiżlazzjoni Ġappuniża u tal-FSA li għalihom huma partijiet il-pajjiżi terzi kkonċernati u li tikkonstata li ma ntweriex li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jeżiġu li t-trasportaturi jimplimentaw koordinazzjoni tariffarja. Ġie rrilevat ukoll li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni huma dawk li għamlu riferiment għalihom uħud mit-trasportaturi, destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fl-argumenti tagħhom bħala tweġiba għaliha, kif jirriżulta mill-premessi 1002, 1003 u 1013 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

77 Fil-punt 113 tal-imsemmija sentenza, hija rrilevat li SAS Cargo *et* baqgħu ma spjegawx kif is-siltiet inkwistjoni ta' din id-deċiżjoni jiżvelaw l-eżistenza ta' dokument inkriminanti, wieħed jew iktar, li ma ġewx żvelati u li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni.

78 Fil-punt 114 tal-istess sentenza, hija żiedet li, anki jekk jitqies li SAS Cargo *et* kellhom l-intenzjoni jilmentaw li l-Kummissjoni ma tathomx aċċess għall-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali inkwistjoni, il-kuntest ġuridiku applikabbli fil-Ġappun u fil-pajjiżi terzi l-oħra kkonċernati fil-qasam tas-sovrataxxi ma jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, element inkriminanti u li, fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni hija bħala prinċipju pubblika u aċċessibbli. Hija żiedet ukoll li, barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet qegħdithom f'pożizzjoni li jesprimu b'mod utli l-opinjoni tagħhom dwar id-dispożizzjonijiet legali inkwistjoni matul il-proċedura amministrattiva.

79 Minn dawn l-elementi jirriżulta, qabelxejn, li, f'dawn il-punti 112 u 113, il-Qorti Ġenerali ma kkonstatatx li ma kienx neċessarju li SAS Cargo *et* jaċċedu għad-dokumenti li l-Kummissjoni kienet użat sabiex tevalwa s-sistemi regolamentari tal-Ġappun u ta' pajjiżi terzi oħra, kif isostnu f'dan l-ilment, iżda li s-siltiet tad-Deċiżjoni kontenzjuża li huma għamlu riferiment għalihom ma kinux jiżvelaw l-eżistenza ta' dokumenti inkriminanti mhux żvelati li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha f'din id-deċiżjoni. Il-kritika li tirrigwarda l-imsemmija punti 112 u 113 tas-sentenza appellata għandha għalhekk, sa fejn hija bbażata fuq din l-interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata, tiġi miċħuda bħala infondata.

80 Sussegwentement, sa fejn SAS Cargo *et* jinvokaw il-punt 114 tas-sentenza appellata billi jsostnu li dawn huma effettivament dokumenti inkriminanti, li l-ġurisprudenza ċċitata f'dan il-punt 114 ma hijiex rilevanti u li n-natura pubblika tal-leġiżlazzjonijiet imsemmija ma hijiex stabbilita, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument jirrigwarda kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li huma superfluwi, kif jirriżulta mill-punti 75 sa 78 ta' din is-sentenza. Sussegwentement, l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li lmenti diretti kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u huma, għalhekk, ineffettivi (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 537, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2024, thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni, C-581/22 P, EU:C:2024:821, punt 263 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fl-aħħar nett, sa fejn SAS Cargo *et* jikkontestaw il-punti 558 sa 561 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali rreferiet għal istruzzjoni tad-dipartiment tal-avjazzjoni ċivili tat-Tajlandja li tinsab f'ittra prodotta minn SAS Cargo *et* kemm matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali. Issa, SAS Cargo *et* ma jressqu ebda argument legali li jispjega kif din il-konstatazzjoni tista' tkun indikazzjoni ta' żball ta' liġi li allegatament twettaq mill-Qorti Ġenerali fl-evalwazzjoni tal-argument li kien ġie ppreżentat lilha minn SAS Cargo *et* fir-rigward tal-allegati provi inkriminanti, imwettqa fil-punti 103 sa 115 tas-sentenza appellata.

82 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li l-appellant ikun qiegħed ifittex l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali speċifikament invokati insostenn ta' din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernata. Għalhekk, l-elementi tal-appell li ma jinkludu ebda argument intiż speċifikament sabiex jidentifika l-iżball ta' liġi li bih tkun ivvizzjata s-sentenza appellata ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, C-31/23 P, EU:C:2024:851, punti 51 u 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

83 L-ilment li jirrigwarda dawn il-punti 558 sa 561 huwa, konsegwentement, inammissibbli.

84 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni, impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tagħha, jimponilha li tgħarraf b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament li hija segwiet, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenzi tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 29, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 113 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

85 Madankollu, dan l-obbligu ma jeżiġix li l-Qorti Ġenerali tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 372, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

86 Issa, mill-punti 103 sa 109 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wieġbet għall-argument ta' SAS Cargo *et* li l-Kummissjoni kellha tagħtihom aċċess għat-tweġibiet tad-destinatarji l-oħra tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li ġew invokati u li jirrigwardaw il-leġiżlazzjoni Ġappuniża. Kif jindika dan il-punt 103, dan l-argument kien jirrigwarda b'mod partikolari l-premessa 1011 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija preċiżament relatata mat-tweġibiet ippreżentati għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet minn Japan Airlines u minn trasportaturi oħra

fir-rigward tas-sovrataxxa tal-fjuwil għat-titjiriet li jitilqu mill-Ġappun. Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 84 u 85 ta' din is-sentenza, il-ksur allegat, mill-Qorti Ġenerali, tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha għalhekk ma huwiex stabbilit.

87 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar il-provi li jiskaġunaw

– *L-argumenti tal-partijiet*

88 SAS Cargo *et* jindikaw li huma kienu sostnew, quddiem il-Qorti Ġenerali, ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx ipprovditilhom dokumenti potenzjalment skaġunanti rċevuti minn din tal-aħħar wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, b'mod partikolari t-tweġibiet għaliha ta' trasportaturi oħra kif ukoll l-osservazzjonijiet ta' destinatarji oħra tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-rikorsi tagħhom kontra d-deċiżjoni inizjali. Billi ċaħdet dan l-argument, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

89 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 123 tas-sentenza appellata, qieset li l-prinċipju li jirriżulta mis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni (T-30/91, EU:T:1995:115), li jgħid li l-Kummissjoni ma għandhiex tiddeċiedi waħedha jekk dokument ikunx utli għad-difiża, ma japplikax għall-provi sussegwenti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Issa, is-sentenza li hija ċċitat f'dan ir-rigward, jiġifieri s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2011, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni (T-240/07, EU:T:2011:284), ma teskludix li l-aċċess jingħata meta dan ikun neċessarju sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet. Id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal smigħ xieraq stabbiliti fl-Artikoli 41 u 47 tal-Karta jeżiġu li l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni jikkomunikaw il-provi rilevanti kollha fil-pussess tagħhom. Sabiex jiġi ddeterminat jekk għandux jingħata aċċess għall-provi, il-kwistjoni essenzjali ma hijiex meta dawn ġew inklużi fil-fajl tal-Kummissjoni, iżda biss jekk dawn setgħux ikunu utli għad-difiża. L-appellanti jinvokaw, f'dan ir-rigward, il-fatt li d-drittijiet mogħtija mill-Karta għandhom jingħataw l-istess portata bħal dawk ekwivalenti ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Issa, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem teżiġi li l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni jikkomunikaw il-provi kollha rilevanti fil-pussess tagħhom, kemm inkriminanti kif ukoll dawk li jiskaġunaw, anki jekk huma ma jqisux li huma rilevanti.

90 Fit-tieni lok, ir-riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2011, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni (T-112/07, EU:T:2011:342), li sar fil-punt 117 tas-sentenza appellata, ma huwiex rilevanti, peress li din is-sentenza tittratta l-"argumenti" imressqa minn destinatarji oħra tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, filwaqt li SAS Cargo *et* talbu l-aċċess għad-"data" ta' trasportaturi oħra. Il-provi li jiskaġunaw lil trasportatur wieħed probabbilment jiskaġunaw ukoll lil trasportaturi oħra, kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni meta żvelat ċerti provi sussegwenti għal din il-komunikazzjoni.

91 Fit-tielet lok, fil-punti 118 sa 122 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi u naqset milli tirrispondi għall-argument tagħhom billi qieset li huma ma kienu pproduċew ebda *prima facie* prova tal-utilità tad-dokumenti mitluba għall-proċedura. Madankollu, tali provi

prima facie ġew esposti fir-rikors u fir-replika quddiem il-Qorti Ġenerali f'dak li jirrigwarda l-aġir tal-alleanza WOW, il-prattiki fil-pajjiżi terzi, l-ispekulazzjonijiet interni ta' trasportaturi oħra fuq SAS Cargo *et* u l-prattiki lokali differenti, kif ukoll il-ftehimiet vertikali ta' provvista tal-kapaċitajiet u l-messaġġi elettroniċi relatati magħhom, imsejħa "'Għeżież imsieħba'". Dawn l-elementi, fil-parti l-kbira tagħhom, ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali.

92 Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dawn il-messaġġi elettroniċi, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 476 sa 487 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-ispjegazzjoni plawżibbli ta' SAS Cargo *et* li tipprovdi li dawn kienu ntbagħtu b'mod mhux mitlub u mhux reċiproku minn Lufthansa lill-kumpanniji tal-ajru li kienu l-klijenti tagħha, b'tali mod li hija ttrattat l-imsemmija ittri elettroniċi bħala provi inkriminanti. Madankollu, fil-kawża konnessa li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022, Latam Airlines Group u Lan Cargo vs Il-Kummissjoni (T-344/17, EU:T:2022:185), il-Qorti Ġenerali, fil-punt 512 ta' din is-sentenza, ittrattat l-istess ittri bħala provi li jiskaġunaw. B'hekk hija kisret il-prinċipju li abbażi tiegħu sentenza, inklużi l-motivi tagħha, għandha tkun applikabbli *erga omnes*. Provi identiċi għandhom jiġu evalwati bl-istess mod, tkun xi tkun il-kawża.

93 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-provi prodotti minn trasportaturi mhux akkużati, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 121 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi jew, sussidjarjament, naqset milli timmotiva d-deċiżjoni tagħha meta qieset li l-argument ta' SAS Cargo *et* kien ibbażat fuq "konġetturi estremament ġenerali". Fir-realtà, dawn tal-aħħar ipproduċew provi speċifiċi tal-fatt li t-tweġibiet ta' Air Canada u ta' trasportatur ieħor kienu jinkludu, f'dak li jikkonċernahom, provi li jiskaġunaw jew, fi kliem ieħor, provi *prima facie* li dawn id-dokumenti kienu utli għad-difiża tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u d-drittijiet tad-difiża. SAS Cargo *et* jirreferu, b'mod partikolari, għall-punti 477 u 478 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq messaġġi elettroniċi skambjati bejn Lufthansa u trasportatur ieħor bħala provi inkriminanti kontra SAS Cargo *et*. Issa, Lufthansa ma ġietx akkużata. Barra minn hekk, SAS Cargo *et* ma setgħux jaċċedu għall-motivi ta' difiża u għall-provi prodotti minnha, li jissuġġerixxi b'mod qawwi rifjut li jingħata aċċess għall-provi li jiskaġunaw. Il-Qorti Ġenerali ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex din il-prova *prima facie* kienet insuffiċjenti u ma tatx deċiżjoni fuq il-provi *prima facie* kollha prodotti.

94 Fil-ħames lok, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-aċċess għal provi li potenzjalment jiskaġunaw żvelati wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kien iħalli lil SAS Cargo *et* tibbenefika mill-isforzi mwettqa u mir-riżorsi ikbar investiti, jekk ikun il-każ, minn trasportaturi oħra. Ir-riżorsi ta' persuna ma għandhomx ikollhom impatt fuq id-drittijiet tad-difiża tagħha. Il-ġurisprudenza tistabbilixxi biss li l-argumenti li jinsabu fit-tweġibiet l-oħra għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma jistgħux jiġu preżunti bħala li jiskaġunaw.

95 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

96 Fir-rigward tan-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument li allegatament jiskaġuna, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi stabbilit li d-drittijiet tad-difiża tagħha jkunu nkisru, l-impriża għandha sempliċement tistabbilixxi li n-nuqqas ta' żvelar ta' dan id-dokument seta' jinfluwenza, bi ħsara għal din tal-aħħar, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Huwa suffiċjenti li l-impriża turi li kienet tkun tista' tuża l-imsemmija dokumenti li jiskaġunaw fid-difiża tagħha, fis-sens li, kieku setgħet tinvokahom matul il-proċedura amministrattiva, kienet tkun tista' tipproduċi provi li ma kinux jaqblu

mal-konstatazzjonijiet li l-Kummissjoni għamlet f'dak l-istadju u għalhekk seta' jkollhom xi influwenza fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fi kwalunkwe deċiżjoni li adottat, għall-inqas fir-rigward tal-gravità u tat-tul tal-aġir li kienet akkużata bihom, u għaldaqstant, fuq il-livell tal-multa. L-impriża kkonċernata għandha għalhekk tistabbilixxi, minn naħa, li hija ma kellhiex aċċess għal ċerti provi li jiskaġunaw u, min-naħa l-oħra, li hija setgħet tużahom fid-difiża tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punti 23 u 24, kif ukoll tal-14 ta' Mejju 2020, NKT Verwaltung u NKT vs Il-Kummissjoni, C-607/18 P, EU:C:2020:385, punt 265 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

97 F'dan il-każ, għandu, fl-ewwel lok, jiġi rrilevat li, kif isostnu SAS Cargo *et*, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 123 tas-sentenza appellata, li kien għalxejn li huma invokaw is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni (T-30/91, EU:T:1995:115), peress li hija kienet diġà ddeċidiet, fil-punt 254 tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Ġunju 2011, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni (T-240/07, EU:T:2011:284), li l-kunsiderazzjoni fis-sens li ma hijiex biss il-Kummissjoni li għandha tiddetermina d-dokumenti utli għad-difiża tal-impriża kkonċernata kienet tirrigwarda d-dokumenti inklużi fil-fajl tal-Kummissjoni u ma tistax tapplika għal tweġibiet mogħtija minn partijiet oħra kkonċernati għall-oġġezzjonijiet ikkomunikati minn din tal-aħħar.

98 Issa, billi affermat li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-Kummissjoni kienet intitolata twettaq evalwazzjoni inizjali tal-elementi li potenzjalment jiskaġunaw inklużi fit-tweġibiet tal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, SAS Cargo *et* jitolbu, essenzjalment, id-dritt għal aċċess sħiħ u awtomatiku għal dawn it-tweġibiet. Issa, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, tali dritt ma jeżistix. Fil-fatt, peress li hija l-impriża li tinvoka ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha li għandha tipprovdi l-ewwel indizju tal-utilità, għad-difiża tagħha, ta' tali dokumenti li ma kinux ġew ikkomunikati lilha mill-Kummissjoni, ma jistax jiġi kkunsidrat li, minħabba s-sempliċi fatt li hija ma tatx aċċess sħiħ u awtomatiku għat-tweġibiet tal-parteċipanti l-oħra f'akkordju għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża ta' impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2019, Brugg Kabel u Kabelwerke Brugg vs Il-Kummissjoni, C-591/18 P, EU:C:2019:1026, punt 40, kif ukoll tal-14 ta' Mejju 2020, NKT Verwaltung u NKT vs Il-Kummissjoni, C-607/18 P, EU:C:2020:385, punti 259, 260 u 265).

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem invokata minn SAS Cargo *et* ma tistabbilixxix dritt ta' aċċess sħiħ u awtomatiku għall-fajl matul proċedura amministrattiva. Fi kwalunkwe każ, SAS Cargo *et* ma jispjegawx b'liema mod din il-ġurisprudenza tista' tikkontesta l-approċċ adottat mill-Kummissjoni li jikkonsisti, fir-rigward ta' dokumenti rċevuti minnha wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, preċiżament fl-għoti ta' aċċess għal dawn id-dokumenti meta dawn ikunu jistgħu jikkostitwixxu provi ġodda, kemm jekk ikunu inkriminanti jew li jiskaġunaw (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, NKT Verwaltung u NKT vs Il-Kummissjoni, C-607/18 P, EU:C:2020:385, punt 268 u 269).

100 L-ewwel ilment ta' din il-parti huwa, għalhekk, infondat.

101 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-ilment dwar il-punt 117 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali rrilevat fih li SAS Cargo *et* sempliċement jinvokaw il-fatt li ċerti trasportaturi inkriminati jew destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienu ressqu l-istess argumenti bħal fit-tweġibiet tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jew fl-osservazzjonijiet tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali. Hija indikat li tali kunsiderazzjonijiet ma

kinux xierqa biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' elementi li jiskaġunaw, filwaqt li, f'dan ir-rigward, tagħmel riferiment għall-punti 43 u 44 tas- sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2011, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni (T-112/07, EU:T:2011:342).

102 Issa, mill-ġurisprudenza diġà mfakkra fil-punt 96 ta' din is-sentenza, fir-rigward tan-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument li jiskaġuna, jirriżulta li l-impriża kkonċernata għandha biss tistabbilixxi li n-nuqqas ta' żvelar tiegħu seta' jinfluwenza, għad-detriment ta' din tal-aħħar, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li, permezz tad-dikjarazzjonijiet ġenerali fformulati minn SAS Cargo *et* quddiem il-Qorti Ġenerali, kif imfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata, SAS Cargo *et* kienu ssodisfaw dan l-oneru.

103 Minn dan isegwi li l-ilment dirett kontra l-punt 117 tas-sentenza appellata huwa infondat.

104 Fit-tielet lok, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu li, fil-punti 118 sa 122 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi u naqset milli tirrispondi għall-argument tagħhom, għandu jiġi rrilevat li SAS Cargo *et* ma jikkritikawx il-kriterju legali stabbilit f'dan il-punt 118, imfakkar, essenzjalment, fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, iżda l-applikazzjoni li saret tiegħu mill-Qorti Ġenerali.

105 F'dan ir-rigward, fil-punt 119 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għad-dokumenti li fuqhom hija bbażata d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-alleanza WOW li tinsab fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Lulju 2005 fil-Każ COMP/M.3770 – Lufthansa/Swiss (ĠU 2005, C 204, p. 3), u rrilevat, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuqhom fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-Deċiżjoni kontenzjuża. Fil-punt 120 tas-sentenza appellata, hija eżaminat ukoll l-elementi li allegatament jikkonfermaw l-eżistenza ta' ftehimiet ta' kapaċitajiet bejn Lufthansa u d-destinatarji ta' diversi messaġġi elettroniċi mibgħuta minnha dwar adattament tal-livell ta' sovrataxxa tal-fjuwil tagħha. F'dan il-kuntest, hija rrilevat li SAS Cargo *et* kienu diġà ressqu, fit-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, argument f'dan ir-rigward, li huma diġà kellhom, permezz ta' elementi li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni, elenku tat-trasportaturi li huma partijiet fi ftehim ta' xiri ta' kapaċitajiet ma' Lufthansa u li l-Kummissjoni kienet diġà ċaħdet l-argument tagħhom fil-premessa 797 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Minn dan hija ddeduċiet li SAS Cargo *et* baqgħu ma wrewx li l-komunikazzjoni ta' dawn l-elementi setgħet tkun utli għalihom fil-kuntest tad-difiża tagħhom.

106 Fil-punt 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat ukoll l-argument ta' SAS Cargo *et* dwar l-elementi li ġew prodotti mit-trasportaturi mhux inkriminati, fis-sens li dawn setgħu jiġu prodotti biex jiskaġunawhom peress li kienu kkonċernati mill-kuntatti kontenzjużi li ġew invokati kontra SAS Cargo *et* fil-kuntest tad-Deċiżjoni kontenzjuża. F'dan ir-rigward, hija qieset li SAS Cargo *et* ibbażaw ruħhom fuq "konġetturi estremament ġenerali" u li, minħabba l-ġeneralità tagħha, l-ipoteżi li huma fformulaw ma setgħetx tikkostitwixxi indikazzjoni suffiċjentement preċiża tal-eżistenza ta' elementi li jiskaġunaw fit-tweġibiet tal-imsemmija trasportaturi. Fil-punt 122 ta' din is-sentenza, hija żiedet li l-istess jgħodd għall-argument tagħhom fejn sostnew li, peress li l-impjegati tagħhom ipparteċipaw biss f' "parti minima" mill-aġir inkwistjoni, il-provi li fuqhom hija bbażata l-biċċa l-kbira tal-imsemmi aġir jinsabu f'idejn it-trasportaturi inkriminati l-oħra.

107 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-kritika tagħhom tal-punti 119 sa 122 tas-sentenza appellata, SAS Cargo *et* fir-realtà jfittxu li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali f'dawn il-punti. Fil-fatt, ir-rilevanza eventwali u l-valur

probatorju ta' allegati elementi li jiskaġunaw huma manifestament ta' natura fattwali, b'tali mod li ma humiex suġġetti, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni, C-452/11 P, EU:C:2012:829, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Din il-kritika hija, għaldaqstant, inammissibbli.

108 F'dan ir-rigward, ma jistax jitqies, kif jallegaw ukoll SAS Cargo *et*, li, f'dawn il-punti 119 sa 122, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi u naqset milli tirrispondi għall-argument tagħhom. Minn naħa, ikun hemm tali żnaturament meta, mingħajr ma jsir riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun tidher li hija manifestament żbaljata jew manifestament kuntrarja għall-kontenut tagħhom. Madankollu, dan l-iżnaturament għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi. Barra minn hekk, meta appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji fl-analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2024, JCDecaux Street Furniture Belgium vs Il-Kummissjoni, C-710/22 P, EU:C:2024:787, punt 63, u tat-22 ta' Mejju 2025, Luossavaara-Kiirunavaara vs Il-Kummissjoni, C-621/23 P, EU:C:2025:368, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Issa, l-argument espost fil-punt 91 ta' din is-sentenza huwa, fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti, insuffiċjenti sabiex jistabbilixxi l-iżnaturamenti allegati, peress li SAS Cargo *et* ma tindikax b'mod speċifiku kif l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata hija manifestament żbaljata.

110 Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-ġurisprudenza diġà mfakkra fil-punti 84 u 85 ta' din is-sentenza, ma jistax jitqies li, billi ċaħdet kif għamlet, fil-punti 119 sa 122 tas-sentenza appellata, l-argumenti li SAS Cargo *et* ressqu quddiemha, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

111 Fir-raba' lok, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, permezz tal-argument espost fil-punt 93 ta' din is-sentenza, SAS Cargo *et* jikkontestaw mill-ġdid il-punt 121 tas-sentenza appellata, billi jressqu argumenti analogi għal dawk diġà miċħuda fil-punti 104 sa 110 ta' din is-sentenza. Dan għandu għalhekk jiġi miċħud ukoll bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

112 Fil-ħames lok, peress li l-argument espost fil-punt 94 ta' din is-sentenza jirrigwarda biss it-tieni sentenza tal-punt 118 tas-sentenza appellata, li, kif tindika l-frażi "barra minn hekk", jikkostitwixxi motiv superfluwu, dawn huwa ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 80 ta' din is-sentenza.

113 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli, parzjalment ineffettiva u parzjalment infondata u, konsegwentement, għandu jiġi miċħud dan l-ewwel aggravju kollu kemm hu.

Fuq it-tieni aggravju, dwar id-dritt għal smigħ fir-rigward tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati

114 It-tieni aggravju ta' SAS Cargo *et* jinkludi tliet partijiet. Permezz tal-ewwel parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta qieset li l-fatt li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq il-kriterju tal-effetti kkwalifikati fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma dan il-kriterju kien issemma fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ma kienx iwassal għal ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ. Permezz tat-tieni parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkunsidrat li l-provi

prodotti f'din id-deċiżjoni bħala bażi għall-applikazzjoni ta' dan il-kriterju kienu diġà ġew suffiċjentement esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Permezz tat-tielet parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta qieset li t-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet turi li d-drittijiet tad-difiża tagħhom kienu ġew irrispettati.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-ħtieġa li jiġi ppreżentat il-kriterju tal-effetti kkwalifikati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

– *L-argumenti tal-partijiet*

115 SAS Cargo *et* isostnu li, fil-punt 140 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li, billi bbażat ruħha fuq il-kriterju tal-effetti kkwalifikati sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha, il-Kummissjoni ma kinitx ressqet oġġezzjonijiet ġodda u lanqas ma emendat il-kontenut tal-oġġezzjonijiet ikkunsidrati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Il-ġurisprudenza teżiġi li dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tinkludi l-fatti li bihom huwa akkużat id-destinatarju tagħha, iżda wkoll il-klassifikazzjoni tagħhom. Issa, peress li l-Qorti Ġenerali ammettiet, f'dan il-punt 140, li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx tirreferi għall-kriterju tal-effetti kkwalifikati, hija ma setgħetx tikkonkludi, mingħajr ma twettaq żball, li l-fatt li dan il-kriterju ma kienx ġie diskuss speċifikament matul il-proċedura amministrattiva kien irrilevanti u ma kienx iwassal għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom. Il-Kummissjoni kellha tal-inqas tadotta dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali għal dik tas-sena 2007 u torganizza seduta ġdida, peress li hija kienet ippreżentat korrezzjonijiet sinjifikattivi għall-analiżi tagħha.

116 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, SAS Cargo *et*, fil-punt 34 tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, ressqu argument ibbażat fuq żball ta' "klassifikazzjoni tal-fatti", jiġifieri dak li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx tindika li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tibbaża ruħha fuq il-fatti sabiex tistabbilixxi "effetti immedjati, sostanzjali jew prevedibbli" jew li tapplika l-kriterju tal-effetti kkwalifikati. SAS Cargo *et* isostnu wkoll li huma ma humiex obbligati jifformulaw l-appell tagħhom fl-istess termini bħar-rikors tagħhom.

117 Il-Kummissjoni twieġeb li din il-parti hija inammissibbli, skont l-Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, quddiem il-Qorti Ġenerali, SAS Cargo *et* ma sostnewx li l-Kummissjoni kellha, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, tippreżentalhom il-kriterju tal-effetti kkwalifikati "permezz ta' klassifikazzjoni ta' fatti", iżda biss li l-analiżi tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq konstatazzjonijiet fattwali li ma kinux ġew ikkomunikati lilhom, li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx issemmi li l-Kummissjoni kienet tipprevedi li tibbaża ruħha fuq il-fatti speċifikati sussegwentement għall-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li huma ma kellhomx il-possibbiltà li jwieġbu għal dawn l-allegazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, din il-parti hija infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

118 Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istħarriġ ta' appell hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat għall-motivi ttrattati quddiem il-qrati tal-ewwel istanza. Għalhekk, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fl-istadju ta' appell hija waħda limitata, b'tilwima

usa' minn dik li biha tkun adixxiet lill-Qorti Ġenerali (sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 34, u tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 29, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

119 Madankollu, appellant jista' jippreżenta appell billi jinvoka, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji u argumenti li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha u li huma intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni, C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 17, kif ukoll tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 F'dan il-każ, ċertament, mis-sentenza appellata, b'mod partikolari mill-punt 133 tagħha, ma jirriżultax li SAS Cargo *et* ifformulaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, ilment dwar l-assenza ta' klassifikazzjoni ġuridika, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Barra minn hekk, huma ma jallegawx li l-Qorti Ġenerali, f'din is-sentenza, żnaturat l-argument li huma kienu ressqu quddiemha.

121 Madankollu, kif isostnu fil-kuntest ta' din il-parti, mill-punt 34 tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza jirriżulta li, quddiem il-Qorti Ġenerali, huma kienu sostnew li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx tindika li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet fattwali li jinsabu fihom, li barra minn hekk huma kienu qegħdin jikkontestaw, sabiex "jistabbilixxu 'effetti immedjati, sostanzjali jew prevedibbli'" jew "japplikaw il-kriterju tal-effetti".

122 Huwa minnu li, b'dan il-mod, huma ma sostnewx espliċitament li l-Kummissjoni kienet naqset milli tikklassifika legalment il-bażi tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 140 tas-sentenza appellata, li kien paċifiku bejn il-partijiet li, b'differenza mid-Deċiżjoni kontenzjuża, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx tirreferi għall-kriterju tal-effetti kkwalifikati u, fil-punt 145 ta' din is-sentenza, li l-fatt li dan il-kriterju ma kienx ġie speċifikament ittrattat matul il-proċedura amministrattiva kien irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, fid-dawl tal-elementi li hija kienet irrilevat fil-punti 140 sa 144 tagħha.

123 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 119 ta' din is-sentenza, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda u hemm lok li din il-parti tiġi eżaminata fil-mertu.

124 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża f'kull proċedura li tista' twassal għal sanzjonijiet, b'mod partikolari għal multi jew għal pagamenti ta' penalità, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi osservat b'mod sħiħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, punt 9, u tas-16 ta' Ġunju 2022, Quanta Storage vs Il-Kummissjoni, C-699/19 P, EU:C:2022:483, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

125 F'dan ir-rigward, ir-Regolament Nru 1/2003 jipprevedi li għandha tintbagħat lill-partijiet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li għandha turi, b'mod ċar, il-fatturi essenzjali kollha li fuqhom tkun ibbażat ruħha l-Kummissjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri. Tali dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tikkostitwixxi l-garanzija proċedurali li tapplika l-prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, li jeżiġi r-rispett tad-drittijiet tad-difiża f'kull proċedura li tista' twassal

għall-impożizzjoni ta' sanzjoni. Dan il-prinċipju jirrikjedi b'mod partikolari li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata mill-Kummissjoni lil impriża li fuqha hija għandha l-intenzjoni timponi sanzjoni għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tinkludi l-elementi essenzjali meqjusa kontra din l-impriża, bħall-fatti allegati, il-klassifikazzjoni tagħhom u t-tul tal-ksur preżunt kif ukoll il-provi li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha, sabiex din l-impriża tkun f'pożizzjoni li tissostanzja l-argumenti tagħha b'mod utli fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mressqa kontriha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2006, Showa Denko vs Il-Kummissjoni, C-289/04 P, EU:C:2006:431, punt 69, u tas-16 ta' Ġunju 2022, Quanta Storage vs Il-Kummissjoni, C-699/19 P, EU:C:2022:483, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

126 F'dan il-każ, fil-punt 141 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni kienet diġà indikat, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li kellha l-intenzjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound. Hija indikat f'dan ir-rigward li, fil-punt 129 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni kienet għalhekk osservat li l-"ksur kien ikopri s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija [...] ġewwa l-[Unjoni]/ŻEE u l-Isvizzera u fuq ir-rotot bejn l-ajruporti tal-[Unjoni]/ŻEE u pajjiżi terzi fid-dinja kollha, fiż-żewġ direzzjonijiet". Barra minn hekk, hija osservat li, fil-punt 1430 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni rrilevat li "l-attivitajiet antikompetittivi kollha li jinvolvu lil kull wieħed mill-parteċipanti kellhom għan globali, jiġifieri dak li jintlaħaq ftehim fuq il-prezzijiet jew tal-inqas li tiġi eliminata l-inċertezza fuq il-prezzijiet fis-suq tat-trasport tal-merkanzija taż-ŻEE, inkluż fuq ir-rotot bejn l-ajruporti taż-ŻEE u l-pajjiżi terzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

127 Fil-punt 142 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żiedet li l-Kummissjoni ġġustifikat ukoll il-kompetenza tagħha sabiex tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound sa mill-istadju tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat, fil-punt 1390 ta' din id-dikjarazzjoni, li l-Kummissjoni kienet għalhekk irrilevat li hija kienet "kompetenti sabiex tapplika l-Artikolu [101 TFUE] għall-arranġamenti dwar it-trasport bl-ajru bejn l-ajruporti tal-[Unjoni] u l-pajjiżi terzi li seta' jkollhom effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri". Barra minn hekk, hija osservat, fil-punt 1394 tal-imsemmija dikjarazzjoni, li l-Kummissjoni kienet żiedet tgħid li hija kellha ukoll "kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE [...] għall-arranġamenti għat-trasport bl-ajru bejn l-ajruporti [taż-ŻEE] u l-pajjiżi terzi li jista' jkollhom effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE jew bejn partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE".

128 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 147 ta' din is-sentenza, li l-punti ta' fatt li fuqhom huma bbażati l-premessi 1045 u 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienu jinsabu kollha fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

129 Minn dan isegwi li, billi kkonstatat, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-akkordju kontenzjuż kien ikopri aġir marbut ma' bejgħ f'pajjiżi li la huma parti mill-Unjoni u lanqas miż-ŻEE, il-Kummissjoni ma bbażatx din id-deċiżjoni fuq oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom SAS Cargo *et* ma setgħux iressqu l-argumenti tagħhom, bi ksur tal-obbligu mfakkar fil-punt 125 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, fid-dawl tal-elementi indikati mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kif esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 141, 142 u 147 tas-sentenza appellata, li SAS Cargo *et* ma jallegawx li kienu jiżnaturaw din id-dikjarazzjoni, SAS Cargo *et* ma setgħux jinjoraw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qiegħda tikkritikahom bi ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward ta' dan l-istess aġir.

130 Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-kriterju legali preċiż li fuqu l-Kummissjoni tqis li tista' tibbaża l-kompetenza internazzjonali tagħha sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir antikompetittiv adottat barra minn dawn it-territorji ma għandhiex effett fuq il-kontenut tal-elementi essenzjali li fuqhom hija tqis li tista' tibbaża din il-kompetenza u li hija għandha l-intenzjoni tinvoka kontra impriża li hija għandha l-intenzjoni li tissanzjona għal ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

131 Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-Kummissjoni tikser id-drittijiet tad-difiża tal-impriżi destinatarji ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għal smigħ fir-rigward tal-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni sabiex tissanzjona aġir antikompetittiv adottat barra mit-territorju tal-Unjoni jew taż-ŻEE, minħabba s-sempliċi fatt li hija ma tindikax espressament, f'din id-dikjarazzjoni, li hija għandha l-intenzjoni tibbaża l-kompetenza tagħha sabiex tissanzjona tali aġir fuq "il-kriterju tal-implimintazzjoni" jew ukoll fuq il-"kriterju tal-effetti kkwalifikati", jew fuq kriterju legali ieħor li hija tista' tqis, skont iċ-ċirkustanzi, li jista' jiġġustifika tali kompetenza, peress li hija tindika, bħal f'dan il-każ, fl-imsemmija dikjarazzjoni, li hija għandha l-intenzjoni li tissanzjona lill-impriżi destinatarji tagħha għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE minħabba tali aġir u li hija tesponi l-elementi essenzjali li hija għandha l-intenzjoni li tinvoka għal dan l-għan.

132 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 140 sa 142 u 146 tas-sentenza appellata, li, billi bbażat ruħha, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, fuq il-kriterju tal-effetti kkwalifikati sabiex tibbaża l-kompetenza tagħha li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound, il-Kummissjoni la invokat fil-konfront ta' SAS Cargo *et* oġġezzjonijiet ġodda u lanqas ma emendat il-kontenut ta' dawk li hija kienet invokat provviżorjament fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet diġà, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, minn naħa, indikat li hija kellha l-intenzjoni li tissanzjonahom għal tali ksur fuq dawn ir-rotot u, min-naħa l-oħra, esponiet l-elementi essenzjali li jiġġustifikaw il-kompetenza tagħha sabiex tagħmel dan.

133 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

– *L-argumenti tal-partijiet*

134 SAS Cargo *et* jallegaw li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta, fil-punti 141 u 142 tas-sentenza appellata, qieset li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet tathom biżżejjed informazzjoni dwar il-kriterju tal-effetti kkwalifikati u li, għaldaqstant, id-drittijiet tad-difiża tagħhom kienu ġew irrispettati. Is-siltiet ta' din id-dikjarazzjoni msemmija fil-punti 141 u 142 ta' din is-sentenza huma sempliċi affermazzjonijiet li ma humiex issostanzjati minn provi. It-Taqsima 5.2 tal-imsemmija dikjarazzjoni, dwar il-kompetenza tal-Kummissjoni, la ssemmi dan il-kriterju, la l-elementi kostituttivi tiegħu, u lanqas il-provi li jistabbilixxu li dan il-kriterju kien issodisfatt f'dan il-każ.

135 Barra minn hekk, fil-punt 147 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali allegatament ikkonkludiet b'mod żbaljat li l-provi prodotti fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex jiġi stabbilit il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kienu suffiċjentement esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra. Għalhekk, l-approċċ tal-Qorti Ġenerali eżiġa li SAS Cargo *et* jaqtgħu

l-kriterju legali adottat mill-Kummissjoni u li jfittxu f'din id-dikjarazzjoni kollha jekk din kinitx tinkludi elementi li jippermettu li jiġi ssostanzjat dan il-kriterju. Is-siltiet tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet iċċitati f'dan il-punt 147 lanqas biss jinkludu l-fatti rilevanti.

136 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

137 Fl-ewwel lok, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kien fiha elementi suffiċjenti sabiex tpoġġihom f'pożizzjoni li jifhmu li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound u li d-drittijiet tad-difiża tagħhom kienu, konsegwentement, ġew irrispettati, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-argument ma huwiex differenti, essenzjalment, minn dak li SAS Cargo *et* diġà ressqu insostenn tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju. Għaldaqstant, dan għandu wkoll jiġi miċħud bħala infondat, għall-istess raġunijiet bħal dawk indikati f'dawn il-punti 124 sa 133 ta' din is-sentenza.

138 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment li SAS Cargo *et* jinvokaw kontra l-punt 147 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li dawn tal-aħħar ma kellhomx raġun li jsostnu li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati fil-premessi 1045 u 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienet ibbażata fuq fatti li l-Kummissjoni ma kinitx qieset fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

139 F'dan ir-rigward, hija indikat li l-fatti li fuqhom huma bbażati dawn il-premessi 1045 u 1046 kollha kienu jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Għalhekk, hija ppreċiżat li l-motiv indikat fl-imsemmija premessa 1045 u li jirrigwarda l-effett tal-aġir kontenzjuż fuq il-konsumaturi taż-ŻEE kien ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-istruttura tal-prezzijiet tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija, mar-rwol tal-ispedizjoniera bħala intermedjarji bejn it-trasportaturi u l-ispedituri u man-natura tal-ksur uniku u kontinwu, li diġà kienu jinsabu fil-premessi 7, 104, 1396 sa 1411 u 1434 sa 1438 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Ġie rrilevat ukoll li l-motiv relatat mal-effetti fuq il-kompetizzjoni tas-servizzi bejn il-kumpanniji tal-ajru stabbilit fl-istess premessa 1045 huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-funzjonament tas-settur tat-trasport tal-merkanzija msemmija fil-premessi 7, 9, 102 u 105 ta' din id-dikjarazzjoni. Fir-rigward tal-portata ġeografika tal-akkordju kontenzjuż u tal-inklużjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound fil-ksur uniku u kontinwu msemmija fil-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, hija kkonstatat li dawn kienu ttrattati fil-premessi 3, 125, 129, 1045, 1390, 1394 u 1430 tal-imsemmija dikjarazzjoni.

140 Għaldaqstant, billi jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonkludiet li l-provi prodotti fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex jiġi stabbilit li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt kienu ġew esposti b'mod suffiċjenti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u li s-siltiet imsemmija tagħha ma kinux jinkludu l-fatti rilevanti, SAS Cargo *et* ifittxu li jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kif imwettqa mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, mingħajr ma jinvokaw ebda żnaturament. Issa, tali evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti ma hijiex koperta mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

141 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tielet parti, dwar it-tweġibiet ta' SAS Cargo et għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

– *L-argumenti tal-partijiet*

142 SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali indikat b'mod żbaljat, fil-punt 143 tas-sentenza appellata, li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża tagħhom kien ikkonfermat mit-tweġibiet tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, dawn it-tweġibiet ma setgħux jimlew il-lakuni ta' din il-komunikazzjoni dwar il-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Il-punt 144 ta' din is-sentenza huwa, konsegwentement, żbaljat ukoll sa fejn il-Qorti Ġenerali tiddikjara fih li l-premessi 1042 sa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienu sempliċement iwieġbu għall-argumenti ta' SAS Cargo *et*, minkejja li dawn qatt ma indirizzaw dan l-aħħar kriterju. Għalkemm, ċertament, l-argumenti esposti f'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jistgħu jiġu riveduti jew ikkompletati, ma huwiex permess li jiġu emendati l-elementi essenzjali tal-ksur allegat. Konsegwentement, il-punt 145 tal-imsemmija sentenza, li fih il-Qorti Ġenerali qieset li l-fatt li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma ġiex ittrattat kien irrilevanti, u l-punt 146 tagħha, li fih hija qieset li d-drittijiet tad-difiża ta' SAS Cargo *et* għalhekk ma kinux inkisru, huma wkoll żbaljati.

143 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

144 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din il-parti hija bbażata fuq il-premessa li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx kompleta minħabba l-fatt li, fiha, il-Kummissjoni ma kinitx indikat espressament li hija kellha l-intenzjoni tibbaża l-kompetenza tagħha sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tar-rotot inbound fuq il-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Issa, mill-analiżi tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju jirriżulta li din il-premessa hija żbaljata.

145 Minn dan isegwi li t-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata u li, konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tielet aggravju, dwar l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati

146 It-tielet aggravju ta' SAS Cargo *et* jinkludi ħames partijiet. Permezz tal-ewwel parti, huma jsostnu li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn inkoerenzi u minn applikazzjonijiet żbaljati tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Permezz tat-tieni parti, huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali illegalment issostitwixxiet ir-raġunament tagħha għal dak espost mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Permezz tat-tielet parti, huma jinvokaw inverżjoni illegali tal-oneru tal-prova. Permezz tar-raba' parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat fir-rigward tan-natura immedjata tal-effett li hija evalwat. Permezz tal-ħames parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot inbound setgħet tiġi stabbilita abbażi tal-ksur uniku u kontinwu.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq inkoerenzi u fuq żbalji fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati

– *L-argumenti tal-partijiet*

147 SAS Cargo *et* isostnu li l-punti 167 sa 171, 179 sa 181, 197, 198, 203, 221, 222 u 226 tas-sentenza appellata huma vvizzjati b'inkoerenzi u b'applikazzjonijiet żbaljati tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Kif indikat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 161 u 165 ta' din is-sentenza, l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju teżiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi effetti probabbli, prevedibbli, immedjati u sostanzjali. Issa, ir-riferimenti tal-Qorti Ġenerali għall-ksur minħabba l-għan u għall-prova tal-effetti konkreti, li jinsabu fil-punti 167, 170 u 171 tal-imsemmija sentenza, ma jindirizzawx il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx li dawn l-erba' kundizzjonijiet kienu ssodisfatti. Il-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" ma huwiex relatat mal-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni, inkella jiġi aċċettat li qatt ma huwa neċessarju li jintwerew effetti antikompetittivi sabiex tiġi stabbilita tali kompetenza.

148 Hija l-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-effetti fuq il-konsumaturi li hija identifikat – jiġifieri, minn naħa, żieda fil-prezz tas-servizzi mixtrija mill-ispedituri stabbiliti fiż-ŻEE (iktar 'il quddiem l-"effett fuq l-ispedituri"), imsemmija fil-punti 179 u 181 tas-sentenza appellata, u, min-naħa l-oħra, żieda fil-prezz tal-merkanzija mixtrija mill-konsumaturi finali fiż-ŻEE (iktar 'il quddiem l-"effett fuq il-merkanzija"), imsemmija fil-punti 181 u 226 ta' din is-sentenza – li għandha teżamina jekk kull wieħed minn dawn l-effetti kienx probabbli, prevedibbli, sostanzjali u immedjat, peress li l-probabbiltà u l-prevedibbiltà jikkostitwixxu kriterji distinti, kif jindika l-punt 51 tas-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632). Il-Qorti Ġenerali ma kellhiex raġun tbiddel, matul l-analiżi tagħha, id-deskrizzjoni tal-effett li hija eżaminat bl-għan li tissodisfa b'mod iktar faċli l-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

149 Madankollu, huwa b'dan il-mod li l-Qorti Ġenerali pproċediet. Hija lanqas ma ssemmi l-kelma "probabbli" fil-punti 166 sa 237 tas-sentenza appellata, bl-eċċezzjoni tal-punti 188 u 189 ta' din is-sentenza, li fihom hija timponi fuq SAS Cargo *et* li jsostnu l-oneru tal-prova. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma stabbilixxietx li l-effett fuq l-ispedituri u l-effett fuq il-merkanzija kienu jissodisfaw rispettivament it-tliet kundizzjonijiet l-oħra tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, iżda rreferiet b'mod varjabbli għal wieħed jew l-ieħor minn dawn l-effetti u għal waħda jew l-oħra minn dawn il-kundizzjonijiet. SAS Cargo *et* jirreferu, f'dan ir-rigward, għall-punti 179, 198, 203, 221 u 222 tal-imsemmija sentenza. Dan l-approċċ naqqas b'mod kunsiderevoli l-oneru tal-prova li għandha l-Kummissjoni, kif juri l-punt 180 tal-istess sentenza.

150 Barra minn hekk, dan il-punt 179 huwa vvizzjat minn nuqqas ta' eżami tal-fatti rilevanti kollha jew, sussidjarjament, minn nuqqas ta' motivazzjoni, li jwassal għal applikazzjoni żbaljata tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati u għal ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza. Il-Qorti Ġenerali ma ħadet inkunsiderazzjoni la l-provi kuntrarji ta' SAS Cargo *et* dwar l-effett fuq l-ispedituri stabbiliti fiż-ŻEE, li huma rari fuq ir-rotot inbound, u lanqas l-ispiża addizzjonali minima li kien jikkostitwixxi l-ammont tas-sovrataxxi għax-xerrejja bbażati fiż-ŻEE, minkejja li dawn l-elementi jeskludu n-natura sostanzjali tal-effett fuq l-ispedituri. Il-punt 226 tas-sentenza appellata huwa, barra minn hekk, żbaljat sa fejn il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq affermazzjoni fattwali dwar effett fuq il-merkanzija li hija purament ipotetika u għalhekk mhux xierqa sabiex turi l-eżistenza ta' effett sostanzjali u immedjat fuq l-ispedituri. Peress li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq

sempliċi suppożizzjoni tan-natura sostanzjali tal-effett fuq l-ispedituri, kien ikun biżżejjed għal SAS Cargo *et* li jipprovdu spjegazzjoni li tagħti xeħta differenti għall-fatti invokati mill-Kummissjoni.

151 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

152 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 156 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet, essenzjalment, ibbażat ruħha fuq tliet motivi awtonomi sabiex ikkonkludiet li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt f'dan il-każ. Fil-punt 157 ta' din is-sentenza, hija rrilevat li l-ewwel żewġ motivi kienu jinsabu fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li t-tnejn li huma kienu jirrigwardaw l-effetti tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound meħuda b'mod iżolat. Għalhekk, f'dan il-punt 157, hija kkonstatat li l-ewwel motiv kien intiż sabiex iż-"żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tagħhom tal-merkanzija importata [kienu], min-natura tagħhom, jistgħu jaffettwaw lill-konsumaturi fiż-ŻEE" (iktar 'il quddiem l-"effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata") u t-tieni motiv kien jirrigwarda l-effetti tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound "anki fuq il-provvista ta' servizzi ta' [trasport tal-merkanzija] minn trasportaturi oħra fiż-ŻEE, bejn iċ-ċentri ta' konnessjoni ('hubs') fiż-ŻEE użati mit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi u l-ajruporti tad-destinazzjoni ta' dawn il-kunsinni fiż-ŻEE li ma humiex operati mit-trasportatur tal-pajjiż terz". Fil-punt 158 tal-imsemmija sentenza, hija rrilevat li t-tielet motiv kien jinsab fil-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u kien jikkonċerna l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu. Fil-punt 159 tal-istess sentenza, hija qieset xieraq li teżamina l-ewwel u t-tielet wieħed minn dawn il-motivi, kif għamlet rispettivament fil-punti 160 sa 227 u 228 sa 236 tas-sentenza appellata.

153 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu SAS Cargo *et*, il-Qorti Ġenerali, fil-punti tas-sentenza appellata msemmija minnhom, ma pprovatx tivverifika jekk il-kundizzjonijiet li jikkaratterizzaw l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati kinux issodisfatti f'dak li jirrigwarda kemm allegat "effett fuq l-ispedituri" kif ukoll allegat "effett fuq il-merkanzija". Fil-fatt, hija wettqet din il-verifika f'dak li jirrigwarda biss l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, li fir-rigward tiegħu, kif jirriżulta mill-punt 162 tas-sentenza appellata, SAS Cargo *et* sostnew li dan ma kienx fost l-effetti prodotti mill-aġir kontenzjuż li l-Kummissjoni kellha raġun tieħu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

154 Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud qabel kollox l-argument ta' SAS Cargo *et* li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'inkoerenzi sa fejn l-effett li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk kienx jippermetti li tiġi bbażata l-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati jvarja matul l-analiżi tagħha, bl-istess mod bħal dak li huwa bbażat fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali identifikat żewġ effetti fis-sentenza appellata, li hija analizzat b'mod varjabbli, b'tali mod li wettqet żbalji ta' liġi, inverżjonijiet illegali tal-oneru tal-prova kif ukoll kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, peress li dawn l-argumenti huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

155 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' din il-parti, SAS Cargo *et* isostnu wkoll, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta rreferiet għall-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fil-punti 167, 170 u 171 tas-sentenza appellata, filwaqt li dan il-kunċett ma huwiex relatat mal-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni, u,

konsegwentement, billi ma vverifikatx jekk il-kundizzjonijiet li jippermettu li jiġi stabbilit il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kinux issodisfatti f'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li dawn il-punti jagħmlu parti mill-analiżi tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punti 163 sa 185 ta' din is-sentenza, dwar l-evalwazzjoni tar-rilevanza tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, jiġifieri, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 152 ta' din is-sentenza, l-ewwel wieħed mit-tliet motivi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni fil-premessi 1045 u 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tibbaża l-konstatazzjoni tagħha li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt f'dan il-każ.

156 F'dan ir-rigward, ċertament, f'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 167 tas-sentenza appellata, li, fil-każ ta' aġir li l-Kummissjoni tkun qieset, bħal f'dan il-każ, li jikkawża livell ta' dannu għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew fiż-ŻEE b'tali mod li seta' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax teħtieġ il-prova tal-effetti konkreti li tippreżupponi l-klassifikazzjoni ta' aġir bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba r-"riżultat", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

157 Bl-istess mod, hija indikat, fil-punt 170 tas-sentenza appellata, li, kif irrilevat il-Kummissjoni fil-premessa 917 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti konkreti tal-aġir kontenzjuż huwa superfluwu, peress li l-għan antikompetittiv ta' dan tal-aħħar huwa stabbilit.

158 Bl-istess mod, hija indikat, fil-punt 171 tas-sentenza appellata, li jekk wieħed jinterpreta l-kriterju tal-effetti kkwalifikati fis-sens li jeħtieġ il-prova tal-effetti konkreti tal-aġir kontenzjuż anki meta jkun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan", jiġri li l-kompetenza tal-Kummissjoni li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE ssir suġġetta għal kundizzjoni li ma għandha ebda bażi fit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

159 Madankollu, minn dawn il-punti 167, 170 u 171 ma jistax jiġi dedott li l-Qorti Ġenerali qieset li l-klassifikazzjoni tal-ksur inkwistjoni bħala ksur "minħabba l-għan" kienet tirrendi superfluwa kull evalwazzjoni tal-okkorrenza tal-effetti possibbli, fi ħdan iż-ŻEE, li jippermettu li tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir adottat barra miż-ŻEE.

160 Fil-fatt, minn qari flimkien tal-punti 163 sa 181 tas-sentenza appellata jirriżulta li, fil-punti kkontestati tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement spjegat li l-fatt li, fil-premessa 917 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet indikat li ma wettqet ebda evalwazzjoni tal-effetti antikompetittivi tal-prattiki antikompetittivi inkwistjoni ma kienx ifisser li l-Kummissjoni kienet, minħabba n-natura ta' dawn il-prattiki, naqset milli tevalwa jekk dawn kellhomx, fuq il-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni jew iż-ŻEE, effett li jippermetti li tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni biex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

161 Barra minn hekk, kif isostnu SAS Cargo *et* u bħalma fakkret il-Qorti Ġenerali, essenzjalment fil-punti 161 u 165 tas-sentenza appellata, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati jippermetti li tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew taż-ŻEE taħt id-dritt pubbliku internazzjonali meta jkun prevedibbli li l-aġir inkwistjoni jipproduċi effett immedjat u sostanzjali fl-Unjoni jew fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà, huwa biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir partikolari fuq il-kompetizzjoni. Barra minn hekk,

sabiex ir-rekwiżit ta' immedjatezza jiġi ssodisfatt huwa biżżejjed li l-aġir inkwistjoni jkun "jista'" jkollu effett immedjat fl-Unjoni jew fiż-ŻEE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 49, 51 u 52).

162 Issa, kif iddikjarat fil-punt 182 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata kienx jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet fil-punti 183 sa 227 tas-sentenza appellata, peress li l-punti 183 sa 200 ta' din is-sentenza, jirrigwardaw in-natura prevedibbli ta' dan l-effett, peress li l-punti 201 sa 216 tal-imsemmija sentenza jirrigwardaw in-natura sostanzjali tiegħu u l-punti 217 sa 226 tal-istess sentenza jirrigwardaw in-natura immedjata tiegħu.

163 Minn dawn l-elementi jirriżulta li huwa b'mod infondat li SAS Cargo *et* jilmentaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, minn naħa, invokat il-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" sabiex tistabbilixxi li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt f'dan il-każ u, min-naħa l-oħra, naqset milli tivverifika jekk kienx stabbilit li l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata kien jissodisfa l-kundizzjonijiet li jippermettu li jitqies li dan il-kriterju kien issodisfatt. L-argument f'dan is-sens espost fil-punt 147 ta' din is-sentenza huwa, konsegwentement, infondat.

164 Fit-tieni lok, sa fejn SAS Cargo *et* jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx in-natura "probabbli" tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 161 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir fuq il-kompetizzjoni sabiex il-kundizzjoni dwar ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà tkun issodisfatta. Għaldaqstant, ir-rekwiżit ta' probabbiltà ma huwiex differenti minn dak ta' prevedibbiltà. Issa, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 162 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali effettivament eżaminat, fis-sentenza appellata, in-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata. Dan l-argument huwa bbażat, konsegwentement, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza minn dawn tal-aħħar.

165 Fit-tielet lok, sa fejn SAS Cargo *et*, jikkritikaw il-punt 179 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li, jekk l-ispedizjoniera jixtru dawn is-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, jagħmlu dan b'mod partikolari bħala intermedjarji, sabiex jikkonsolidawhom f'lott ta' servizzi li l-għan tiegħu huwa, mid-definizzjoni tiegħu stess, l-organizzazzjoni tat-trasport integrat ta' merkanzija lejn it-territorju taż-ŻEE f'isem l-ispedituri. Hija żiedet li mill-premessa 70 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li dawn tal-aħħar jistgħu b'mod partikolari jkunu x-xerrejja jew il-proprjetarji tal-merkanzija ttrasportata u li għalhekk kien tal-inqas probabbli li dawn ikunu stabbiliti fiż-ŻEE.

166 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li dan il-punt 179 jinkludi biss evalwazzjonijiet ta' natura fattwali, li, fl-assenza ta' allegazzjoni ta' żnaturament, ma jaqgħux taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza. L-argument ta' SAS Cargo *et* intiż li jistabbilixxi n-natura żbaljata tal-imsemmi punt 179 huwa għalhekk inammissibbli.

167 Barra minn hekk, sa fejn isostnu wkoll li l-istess punt 179 jirrifletti ksur, mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 178 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod partikolari li mill-premessi 14, 17 u 70 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll mit-tweġibiet tal-partijiet għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura li hija kienet adottat jirriżulta li t-trasportaturi jbiegħu esklużivament jew kważi s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija tagħhom lil ispedizjoniera u li, fir-rigward tas-servizzi ta' trasport

tal-merkanzija inbound, kważi dan il-bejgħ kollu kien isir fil-punt ta' oriġini tar-rotot inkwistjoni, barra miż-ŻEE, fejn huma stabbiliti l-ispedizjoniera. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li mir-rikors ta' SAS Cargo *et* jirriżulta li, bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-14 ta' Frar 2006, il-proporzjon tal-bejgħ tagħhom ta' servizzi ta' merkanzija inbound lil klijenti bbażati fiż-ŻEE kien biss wieħed negliġibbli. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kif ukoll tal-ġurisprudenza diġà mfakkra fil-punti 84 u 85 ta' din is-sentenza, SAS Cargo *et* ma jistgħux jingħataw raġun meta jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi li huma kienu pproduċew quddiemha u kisret l-obbligu tagħha li timmotiva s-sentenza appellata.

168 Barra minn hekk, sa fejn permezz ta' dan l-ilment, huma jikkontestaw l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi mwettqa mill-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li taqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż (sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 67, u tal-4 ta' Ottubru 2024, UPL Europe u Indofil Industries (Netherlands) vs Il-Kummissjoni, C-262/23 P, EU:C:2024:862, punt 134 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, huma jikkontestaw, mill-ġdid u b'mod inammissibbli, l-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 179 tas-sentenza appellata, mingħajr ma jilmentaw dwar l-ebda żnaturament.

169 L-istess japplika għall-allegazzjoni ta' ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza. Fil-fatt, bl-iskuża ta' lment fis-sens li l-Qorti Ġenerali kisret dan il-prinċipju, SAS Cargo *et* jipprovaw, fir-realtà, li jiksbu evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi dwar in-natura sostanzjali tal-effett fuq il-prezz tal-merkanzija importata, mingħajr ma jinvokaw l-iżnaturament tagħhom. Din l-allegazzjoni hija għalhekk inammissibbli ukoll, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

170 Fir-raba' lok, minn qari flimkien tal-punti 217 sa 226 tas-sentenza appellata jirriżulta li, f'dan il-punt 226, il-Qorti Ġenerali sempliċement esponiet il-motivi li għalihom hija qieset li kienet żbaljata t-tieni premessa li fuqha SAS Cargo *et* kienu jibbażaw l-argument tagħhom invokat waqt is-seduta, intiża sabiex jiġi stabbilit li l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata ma kellux in-natura immedjata meħtieġa u li, sabiex jiġu affettwati l-"konsumaturi fiż-ŻEE", l-ispiża addizzjonali kellha tgħaddi minn "katina twila ta' intermedjarji", fosthom l-ispedituri, l-ispedizjoniera u l-importaturi. Għalhekk, fl-imsemmi punt 226, hija rrilevat li din it-tieni premessa kienet li, għalkemm ir-riferiment għall-"konsumaturi fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża tinkludi biss lill-konsumaturi finali, dawn tal-aħħar jistgħu jixtru l-merkanzija importata biss wara l-intervent ta' "katina twila ta' intermedjarji" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-konsumaturi finali jistgħu wkoll jixtru din il-merkanzija direttament mingħand l-ispeditur.

171 Minn dawn l-elementi jirriżulta li, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' żbalji ta' liġi, SAS Cargo *et* jipprovaw, fir-realtà, jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi, li ma taqax taħt l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell, konformement mal-ġurisprudenza diġà mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

172 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar sostituzzjoni tal-motivi

– *L-argumenti tal-partijiet*

173 SAS Cargo *et* isostnu li, fil-punti 173, 179 sa 181, 185 sa 188, 191, 193, 195, 198, 199, 204, 205, 208 sa 210, 220, 224 sa 226 u 233 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ssostitwixxiet ir-raġunament tagħha stess għal dak tal-Kummissjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni, hija la tista' timla lakuna fil-motivazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, la tista' tiżnatura l-kontenut ta' din id-deċiżjoni, u lanqas ma tista' tieħu inkunsiderazzjoni jew tipproduċi fatti ġodda fir-rigward ta' dawk li jinsabu fl-imsemmija deċiżjoni.

174 Issa, l-ewwel nett, l-effett fuq l-ispedituri ma jidhirx fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li għalhekk ġiet żnaturata fil-punti 173, 179 sa 181, 225 u 226 tas-sentenza appellata, parzjalment bil-preżentazzjoni ta' fatti ġodda. B'mod partikolari, dan il-punt 173 jippreżenta l-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża bħala li tirrigwarda esklużivament l-effett fuq l-ispedituri, filwaqt li tirrigwarda b'mod ċar l-effett fuq il-merkanzija. Barra minn hekk, sabiex jimtlew il-lakuni ta' din id-deċiżjoni, l-imsemmi punt 173 jinkludi fatt ġdid, jiġifieri li huwa tal-inqas probabbli li l-ispedituri jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Dan il-fatt ġdid ippermetta lill-Qorti Ġenerali tħalli barra stadju fil-katina tal-intermedjarji bejn is-sovrataxxi u l-konsumaturi fiż-ŻEE, li jippermettilha tikkonstata, fil-punti 180 u 181 ta' din is-sentenza, li l-ispedizjoniera jgħaddu direttament l-ispejjeż addizzjonali fuq entità stabbilita fiż-ŻEE. Barra minn hekk, l-imsemmi fatt ġdid intuża fil-punti 198 u 225 tal-imsemmija sentenza sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet ta' prevedibbiltà u ta' immedjatezza kienu ssodisfatti.

175 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 226 tas-sentenza appellata, introduċiet fatt ġdid dwar l-effett fuq il-merkanzija, jiġifieri li l-konsumaturi finali jistgħu wkoll, fil-fehma tagħha, jakkwistaw il-merkanzija direttament mingħand speditur. Din hija l-unika bażi li ppermettitilha tiċħad l-argument ta' SAS Cargo *et* fis-sens li l-effett fuq il-merkanzija ma kienx immedjat, u dan minkejja li l-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, qatt ma kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet uriet din l-immedjatezza. Id-definizzjoni tal-effett fuq il-merkanzija fis-sentenza appellata hija, barra minn hekk, differenti minn dik adottata fid-Deċiżjoni kontenzjuża, ħaġa li tikkostitwixxi sostituzzjoni ġdida tal-motivi.

176 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta, fil-punti 185 sa 187, 193, 196, 204, 205, 209 u 210 tas-sentenza appellata, imliet il-lakuni fir-raġunament tal-Kummissjoni billi għaqqdet provi misluta minn premessi esterni għat-taqsima tad-Deċiżjoni kontenzjuża dwar l-effetti kkwalifikati sabiex tfassal raġunament ġdid. Barra minn hekk, hija lanqas ma wettqet l-eżami kritiku ta' dawn il-provi, kif juri l-punt 209 ta' din is-sentenza, li jiċċita l-premessa 1031 ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li l-konstatazzjoni li tinsab fiha hija bbażata fuq prova mhux rilevanti.

177 Ir-raba' nett, fil-punt 208 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq provi dwar in-natura sostanzjali tal-effett li hija analizzat, li ma kinux jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Issa, il-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha fuq motiv li ma jinsabx fid-Deċiżjoni kontenzjuża, anki jekk il-provi li fuqhom ikun ibbażat jinsabu fir-rikors jew fl-annessi tiegħu.

178 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

179 Ċertament mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE tkopri l-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE li l-Qorti Ġenerali għandha tiżgura stħarriġ iddettaljat tagħhom, kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi li jqajjem ir-rikorrent u tal-provi kollha li jipproduċi dan tal-aħħar. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jissostitwixxu l-motivazzjoni tal-awtur tal-att inkwistjoni b'tagħhom stess (sentenza tal-4 ta' Lulju 2024, Westfälische Drahtindustrie u Pampus Industriebeteiligungen vs Il-Kummissjoni, C-70/23 P, EU:C:2024:580, punt 38, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

180 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax timla, bil-motivazzjoni tagħha stess, lakuna fil-motivazzjoni tal-att ikkontestat, b'tali mod li l-eżami tagħha ma jkun marbut ma' ebda evalwazzjoni f'dan tal-aħħar (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, UEFA vs Il-Kummissjoni, C-201/11 P, EU:C:2013:519, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

181 Madankollu, meta l-Qorti Ġenerali sempliċement tirrispondi għall-argument imressaq quddiemha u b'hekk tispjega l-motivazzjoni tas-sentenza appellata, ma jistax jitqies li hija qiegħda tissostitwixxi l-motivazzjoni tal-awtur ta' dan l-att b'tagħha stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Deltafina vs Il-Kummissjoni, C-578/11 P, EU:C:2014:1742, punt 56, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-209/21 P, EU:C:2023:905, punt 49).

182 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-argument imressaq fil-punt 174 ta' din is-sentenza huwa bbażat, tal-inqas parzjalment, fuq il-premessa li l-Qorti Ġenerali identifikat, fis-sentenza appellata, żewġ effetti distinti sabiex tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet b'mod suffiċjenti, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, fosthom allegat "effett fuq l-ispedituri", li ma jidhirx fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Issa, mill-motivi esposti fil-punti 152 sa 153 ta' din is-sentenza jirriżulta li din il-premessa hija żbaljata. Għaldaqstant, sa fejn dan l-argument huwa għalhekk ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata, dan huwa infondat.

183 Għall-bqija, għandu jiġi osservat li, fil-punt 173 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni, essenzjalment, kienet qieset li l-ksur uniku u kontinwu, sa fejn kien jirrigwarda r-rotot inbound, seta' jżid l-ammont tas-sovrataxxi u, konsegwentement, il-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound u li l-ispedizjoniera kienu għaddew din l-ispiża addizzjonali lill-ispedituri stabbiliti fiż-ŻEE, li kellhom iħallsu prezz ogħla għall-merkanzija li kienu xtraw minn dak li kien jiġi ffatturat lilhom mingħajr l-imsemmi ksur.

184 Issa, f'din il-premessa 1045, il-Kummissjoni effettivament irrilevat li l-prattiki antikompetittivi fil-pajjiżi terzi sa fejn kellhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport bl-ajru tal-merkanzija lejn l-Unjoni u ż-ŻEE jista' jkollhom effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u fiż-ŻEE, peress li ż-żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata jistgħu, min-natura tagħhom stess, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE. Barra minn hekk, mill-punti 178 sa 180 u 196 ta' din is-sentenza, li jirreferu b'mod partikolari għall-premessi 14, 17, 70 u 1031 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, jirriżulta li huwa abbażi ta' elementi li jinsabu f'din id-deċiżjoni li l-Qorti Ġenerali vverifikat ir-rwol tal-ispedituri fl-iffissar tal-prezz finali tal-merkanzija fiż-ŻEE, imsemmi fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

185 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' sostituzzjoni tal-motivi li tirrigwarda l-punt 226 tas-sentenza appellata, din hija bbażata fuq allegat "effett fuq il-merkanzija" li ttieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali. Issa, mill-punti 152 u 153 ta' din is-sentenza jirriżulta li, bħall-allegat "effett fuq l-ispedituri", din il-premessa ma għandhiex bażi fis-sentenza appellata.

186 Fit-tielet lok, sa fejn SAS Cargo *et* jilmentaw li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 185 sa 187, 193, 196, 204, 205, 209 u 210 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat flimkien elementi misluta minn premessi esterni għat-taqsima tad-Deċiżjoni kontenzjuża dwar il-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li l-elementi rrilevati f'dawn il-punti ma ġewx espressament invokati mill-Kummissjoni fil-parti ta' din id-deċiżjoni ddedikata għall-istabbiliment tal-kompetenza territorjali tagħha ma jistax jistabbilixxi l-eżistenza ta' sostituzzjoni ta' motivi illegali, minn naħa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 180 ta' din is-sentenza, li teżiġi biss li l-eżami tal-Qorti Ġenerali jkun marbut mal-evalwazzjonijiet li jinsabu fl-att suġġett għall-istħarriġ tagħha, u, min-naħa l-oħra, peress li, kif jirriżulta mill-imsemmija punti tas-sentenza appellata, l-ewwel sentenza tal-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienet tinkludi, anki jekk fil-qosor, l-elementi li ppermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet iġġustifikat il-kompetenza ekstraterritorjali tagħha fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Fil-fatt, huma dawn l-elementi li, moqrija flimkien mal-premessi l-oħra ta' din id-deċiżjoni, imsemmija fl-istess punti tas-sentenza appellata, ippermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet effettivament stabbilixxiet l-eżistenza ta' tali effetti.

187 Barra minn hekk, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx eżami kritiku tal-imsemmija provi, dawn jipprovaw jiksbu evalwazzjoni ġdida tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr ma jinvokaw l-ebda żnaturament. Dan l-argument huwa għalhekk inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

188 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-kritika dwar il-punt 208 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jindika l-punt 207 ta' din is-sentenza, dan il-punt 208, li barra minn hekk jinkludi biss konstatazzjonijiet fattwali, huwa superfluwu. Konsegwentement, l-ilment dwar l-imsemmi punt 208 għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 80 ta' din is-sentenza.

189 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli, parzjalment ineffettiva u parzjalment infondata.

Fuq it-tielet parti, dwar inverżjoni illegali tal-oneru tal-prova

– *L-argumenti tal-partijiet*

190 SAS Cargo *et* isostnu li, fil-punti 180, 181, 188 sa 190, 194 sa 199 u 221 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova billi eżiġiet li SAS Cargo *et* jikkonfutaw l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, mingħajr ma pprovat l-ewwel tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx uriet tali effetti fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Il-kriterju tal-effetti kkwalifikati japplika biss għal effetti li huma probabbli. Issa, il-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma tipprovdi ebda prova tal-eżistenza ta' effetti u hija bbażata fuq affermazzjonijiet mhux issostanzjati. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi, qabelxejn, fil-punti 180 u 181 ta' din is-sentenza, billi ssodisfat ruħha b'dawn l-ipoteżijiet, sussegwentement, fil-punti 188 sa 191 tal-imsemmija sentenza, billi kkritikat lil SAS Cargo *et* li ma kkonfutawx effett meta hija ma kinitx ivverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx ipproduċiet provi suffiċjentement sinjifikattivi, u,

fl-aħħar nett, fil-punti 180, 196, 197, 199 u 219 tal-istess sentenza, billi aċċettat li l-Kummissjoni sempliċement tippreżumi l-eżistenza ta' riperkussjoni tas-sovrataxxi, filwaqt li eżiġiet, fil-punti 194 u 221 tagħha, li SAS Cargo *et* jikkonfutaw din l-eżistenza. Madankollu, ir-riperkussjoni tal-ispejjeż qatt ma tista' tiġi preżunta. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, din il-parti hija ammissibbli, peress li hija tidentifika żbalji ta' liġi mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

191 Il-Kummissjoni tirribatti li SAS Cargo *et* sempliċement jikkontestaw evalwazzjonijiet fattwali li jinsabu fis-sentenza appellata. Fi kwalunkwe każ, din il-parti hija infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

192 Sa fejn din il-parti hija bbażata fuq il-premessa ġenerali li l-Qorti Ġenerali eżiġiet minn SAS Cargo *et* li huma jikkonfutaw l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, mingħajr ma pprovat qabelxejn tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx uriet l-eżistenza ta' tali effetti fid-Deċiżjoni kontenzjuża, għandu jitfakkar, minn naħa, li, fil-punti 183 sa 227 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet b'mod suffiċjenti li l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata – li, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 152 ta' din is-sentenza, kien jikkostitwixxi l-ewwel wieħed mit-tliet motivi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni, fil-premessi 1045 u 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sabiex tibbaża l-kompetenza tagħha li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE f'dak li jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound – kien jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' prevedibbiltà, ta' sostanzjalità u ta' immedjatezza meħtieġa sabiex tkun tista' tikkonkludi li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt.

193 Min-naħa l-oħra, mill-analiżi tat-tieni parti ta' dan l-aggravju jirriżulta li huwa għalxejn li SAS Cargo *et* sostnew f'dan ir-rigward li, f'dawn il-punti tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-motivi tagħha stess għal dawk esposti mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tiġġustifika l-kompetenza tagħha li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

194 Minn dan isegwi li hemm lok li tiġi miċħuda bħala infondata l-allegazzjoni ġenerali ta' SAS Cargo *et* li l-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova billi ssodisfat lilha nnifisha b'ipoteżijiet jew preżunzjonijiet u billi eżiġiet li dawn jikkonfutaw l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, mingħajr ma pprovat qabelxejn tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx ipproduċiet il-prova tagħhom fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

195 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' din il-parti, SAS Cargo *et* jallegaw, fl-ewwel lok, inverżjoni illegali tal-oneru tal-prova fil-punti 180, 181, 191, 196, 197, 199 u 219 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tifformula konstatazzjonijiet ta' natura fattwali, mingħajr ma attribwixxiet hemmhekk l-oneru tal-prova ta' kwalunkwe element lil SAS Cargo *et*. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ma għandhiex bażi fis-sentenza appellata.

196 Fit-tieni lok, sa fejn jissemmew il-punti 188 sa 190 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li, ċertament, fil-punt 189 tagħha, il-Qorti Ġenerali indikat li SAS Cargo *et* baqgħu ma wrewx li effett waterbed kien probabbli sal-punt li jirrendi imprevedibbli l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata. Madankollu, din il-konstatazzjoni hija ppreċeduta, fil-punti 187 sa 188 ta' din is-sentenza, minn analiżi li fi tmiemha l-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fuq il-bażi tal-elementi inklużi

fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li kien prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-iffissar orizzontali tas-sovrataxxa tal-fjuwil u tas-sovrataxxa tas-sigurtà, kif ukoll ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, iwasslu għal żieda fil-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

197 Għalhekk, kien biss wara li kkonstatat li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet uriet b'mod suffiċjenti n-natura prevedibbli ta' tali żieda li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk SAS Cargo *et* kinux ipproduċew provi li jippermettu li tiġi kkonfutata din il-konstatazzjoni. Peress li SAS Cargo *et*, f'dan ir-rigward, allegaw l-eżistenza ta' "effett waterbed", hija kkonstatat, fil-punt 190 tas-sentenza appellata, li huma kienu sempliċement għamlu riferiment vag għat-"teorija ekonomika" u riferiment għad-dikjarazzjoni orali ta' espert waqt is-seduta quddiem il-Kummissjoni, li la kienet akkumpanjata mill-istudju u lanqas mid-data li fuqha kien ibbażat u kienet ibbażata fuq metodoloġija ftit koerenti mal-portata tal-ksur uniku u kontinwu kif iddefinit fid-Deċiżjoni kontenzjuża, għar-raġunijiet li hija ddeskriviet f'dan il-punt. Hija rrilevat ukoll, essenzjalment, li din id-dikjarazzjoni kienet tikkonċerna trasportaturi oħra, li l-metodi ta' fatturazzjoni tat-tariffi tagħhom kienu iktar flessibbli minn dawk li SAS Cargo *et* indikaw li jużaw.

198 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-provi xierqa sabiex turi, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, hija l-impriża li tqajjem eċċezzjoni kontra l-konstatazzjoni ta' tali ksur li għandha tipproduċi l-prova li din l-eċċezzjoni għandha tintlaqa'. Madankollu, anki jekk, skont dawn il-prinċipji, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-Kummissjoni jew fuq l-impriża kkonċernata, il-provi fattwali li parti tipproduċi jistgħu jobbligaw lill-parti l-oħra tagħti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni u, fin-nuqqas ta' dan, ikun jista' jiġi konkluż li l-oneru tal-prova ġie ssodisfatt (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

199 Ibbażata fuq ir-regoli ġenerali ta' amministrazzjoni tal-provi, din il-ġurisprudenza tista' tiġi applikata għas-sitwazzjoni li fiha l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kompetenza territorjali tagħha fir-rigward ta' aġir li joriġina barra mit-territorju tal-Unjoni jew taż-ŻEE.

200 Minn dan isegwi li, peress li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat preċedentement li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti ċ-ċirkustanzi li hija kienet irrilevat fil-punti 187 sa 188 tas-sentenza appellata, ma jistax jitqies li, permezz tal-konstatazzjoni li hija għamlet fil-punti 189 u 190 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova. Għaldaqstant, l-ilment li jirrigwarda dan il-punt 189 ma huwiex fondat.

201 Fit-tielet lok, sa fejn SAS Cargo *et* jallegaw li, fil-punti 194 u 221 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova billi eżiġiet li huma jikkonfutaw l-eżistenza ta' riperkussjoni tas-sovrataxxi tal-output filwaqt li dan il-fatt ma ġiex stabbilit mill-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat, li, ċertament, f'dan il-punt 194, il-Qorti Ġenerali indikat li SAS Cargo *et* ma kienu pproduċuw ebda element li juri li ċ-ċirkustanzi tal-każ ma kinux jagħtu lok għar-riperkussjoni downstream, fuq l-ispedituri, tal-ispiża addizzjonali li tirriżulta mill-ksur uniku u kontinwu fuq ir-rotot inbound. B'mod simili, f'dan il-punt 221, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li SAS Cargo *et* ma stabilixxewx, u wisq inqas allegaw, li r-riperkussjonijiet prevedibbli tal-ispiża addizzjonali għall-ispedituri stabbiliti fiż-ŻEE huma illegali jew estranji għall-funzjonament normali tas-suq.

202 Madankollu, minn naħa, l-imsemmi punt 194, dwar il-kundizzjoni ta' prevedibbiltà, huwa ppreċedut, fil-punt 193 tas-sentenza appellata, b'konstatazzjoni fis-sens li mill-premessi 14 u 70 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija kien

jikkostitwixxi input għall-ispedizjoniera u li din kienet spiża varjabbli, li ż-żieda tagħha kellha, bħala prinċipju, l-effett li żżid l-ispiża marġinali li fuq il-bażi tagħha dawn il-ispedizjoniera kienu jiddefinixxu l-prezzijiet tagħhom stess.

203 Min-naħa l-oħra, l-imsemmi punt 221 huwa preċedut, fil-punti 217, 218 u 220 tas-sentenza appellata, minn tfakkira tal-prinċipji li jirregolaw, skont il-Qorti Ġenerali, l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' immedjatezza meħtieġa sabiex jiġi kkonstatat li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati huwa ssodisfatt f'każ partikolari. Dan huwa preċedut ukoll, fil-punt 219 tagħha, minn konstatazzjoni fis-sens li, f'dan il-każ, l-intervent tal-ispedizjoniera, li kif seta' jiġi previst kienu, b'awtonomija sħiħa, jgħaddu fuq l-ispedituri l-ispiża addizzjonali li kellhom iħallsu – minkejja li dan l-intervent seta' kkontribwixxa għall-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata – ma kienx waħdu, għall-kuntrarju, ta' natura li jikser il-katina kawżali bejn l-aġir kontenzjuż u dan l-effett, u, għalhekk, li jċaħħdu min-natura immedjata tiegħu. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, fil-punti 192 sa 195 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, b'mod partikolari fid-dawl tal-elementi li jinsabu fil-premessi 14 u 70 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li din ir-riperkussjoni mill-ispedizjoniera kienet stabbilita.

204 Huwa għalhekk biss wara li kienet preċedentement ikkonstatat, essenzjalment, li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti l-imsemmija riperkussjoni li l-Qorti Ġenerali, sussegwentement, ikkonstatat li SAS Cargo *et* ma kinux ipproduċew provi li jippermettu li din tiġi kkonfutata, la fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-effett tagħha fuq in-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata u lanqas fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tan-natura immedjata ta' dan l-effett.

205 Għalhekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 198 ta' din is-sentenza, lanqas ma jista' jitqies li, fl-imsemmija punti 194 u 221, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova.

206 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq ir-raba' parti, dwar in-natura immedjata tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata

– *L-argumenti tal-partijiet*

207 SAS Cargo *et* isostnu li, fil-punt 222 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat sabiex tiżgura ruħha min-natura immedjata tal-effett li hija eżaminat, billi naqset milli tivverifika jekk kinitx teżisti rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn l-aġir dannuż u d-dannu allegat, kif impost b'mod partikolari mill-punt 53 tas-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-419/08 P, EU:C:2010:147). Fil-punti 219 u 221 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement qieset li l-effett kien immedjat għaliex kien prevedibbli. Issa, il-kundizzjoni ta' prevedibbiltà hija kundizzjoni speċifika li għandha tiġi ssodisfatta fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, distinta minn dik ta' immedjatezza.

208 Barra minn hekk, il-punt 220 tal-imsemmija sentenza huwa vvizzjat minn inverżjoni illegali tal-oneru tal-prova, sa fejn il-Qorti Ġenerali tissuġġerixxi li l-intervent ta' terz jikser il-katina kawżali biss jekk dan l-intervent ikun illegali u estranju għall-funzjonament normali tas-suq, u dan ipoġġi fuq SAS Cargo *et* l-oneru li jikkonfutaw din il-kundizzjoni ta' immedjatezza. F'dan ir-rigward, peress li s-suq tal-ispedizjoniera kien suġġett għal kartell, l-intervent "illegali" seta' jiġi

stabbilit. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma ħadithomx inkunsiderazzjoni. Fil-punti 224 u 225 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha wkoll fuq l-effett fuq l-ispedituri sabiex turi n-natura immedjata tar-riperkussjoni tal-ispejjeż addizzjonali, filwaqt li xejn ma kien jissuġġerixxi li effett ġenerali fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE kien suffiċjentement immedjat.

209 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija inammissibbli.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

210 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 53 tas-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-419/08 P, EU:C:2010:147), li SAS Cargo *et* jinvokaw insostenn ta' din il-parti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha li l-prinċipji komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri li għalihom jirreferi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE ma jistgħux jiġu invokati insostenn tal-eżistenza ta' obbligu impost fuq l-Unjoni li tikkumpensa kull konsegwenza dannuża, anki remota, tal-aġir tal-korpi tagħha, peress li l-kundizzjoni dwar ir-rabta kawżali stabbilita f'din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjonijiet u d-dannu.

211 Barra minn hekk, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 161 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li l-aġir antikompetittiv inkwistjoni jkun jista' jkollu effett immedjat fl-Unjoni jew fiż-ŻEE sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' immedjatezza li jippermetti, flimkien ma' dawk ta' prevedibbiltà u ta' sustanza, li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati li jistgħu jkunu l-bażi tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona aġir antikompetittiv adottat barra mit-territorju tal-Unjoni jew taż-ŻEE.

212 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li dan il-punt 53, li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, ma għandux rabta ma' din il-kundizzjoni ta' immedjatezza. Huwa għalhekk inutli li SAS Cargo *et* jinvokaw l-imsemmi punt 53 sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' żball ta' liġi fl-analiżi, mill-Qorti Ġenerali, tal-imsemmija kundizzjoni.

213 Għandu jitfakkar ukoll li l-punt dwar jekk l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata kienx jissodisfa kull waħda mit-tliet kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 211 ta' din is-sentenza ġie analizzat mill-Qorti Ġenerali, b'mod distint għal kull kundizzjoni, fil-punti 183 sa 227 tas-sentenza appellata. Huwa għalhekk inutli wkoll li SAS Cargo *et* jallegaw, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punti 219 u 221 tas-sentenza appellata, għaqdet il-kundizzjonijiet ta' prevedibbiltà u ta' immedjatezza. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ġustament eżaminat, fil-punt 219 ta' din is-sentenza, jekk kienx prevedibbli li l-ispedizjoniera jgħaddu fuq l-ispedituri l-ispiża addizzjonali li kellhom iħallsu, peress li, kif tfakkar fil-punt 211 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li l-aġir antikompetittiv inkwistjoni jkun jista' jkollu effett immedjat fl-Unjoni jew fiż-ŻEE sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' immedjatezza.

214 Fit-tieni lok, sa fejn SAS Cargo *et* jikkritikaw il-punt 220 tas-sentenza appellata minħabba l-inverżjoni tal-oneru tal-prova tal-kundizzjoni ta' immedjatezza li tirriżulta minn dan, dan l-argument ma huwiex differenti, essenzjalment, minn dak diġà eżaminat fil-punti 201 u 203 sa 205 ta' din is-sentenza. Konsegwentement, dan għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet.

215 Fit-tielet lok, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li s-suq tal-ispedizjoniera kien suġġett għal kartell u li xejn ma ssuġġerixxa li effett ġenerali fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE kien suffiċjentement immedjat, huma jipprovaw, fir-realtà, jiksbu

evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi mill-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma jallegaw l-iżnaturament tagħhom mill-Qorti Ġenerali. Dan l-argument huwa għalhekk inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

216 Konsegwentement, ir-raba' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq il-ħames parti, dwar il-possibbiltà tal-istabbiliment tal-kompetenza internazzjonali tal-Kummissjoni fuq l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu

– *L-argumenti tal-partijiet*

217 SAS Cargo *et* jallegaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 236 tas-sentenza appellata meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt fid-dawl tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu. Il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" għandu dimensjoni proċedurali biss u għalhekk la jista' jestendi l-portata tat-Trattati u lanqas ibiddel id-dritt internazzjonali.

218 Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li la ssemmi l-kelma "effett" u lanqas ma tagħmel riferiment għal effett immedjat, sostanzjali u prevedibbli. Għaldaqstant, din il-premessa ma tikkostitwixxix bażi awtonoma għall-kompetenza tal-Kummissjoni.

219 Sussegwentement, il-punt 235 ta' din is-sentenza huwa żbaljat peress li, kif diġà ġie espost, il-fatt li l-aġir inkwistjoni għandu l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni ma jistax jiġi invokat sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni. Fil-punti 230 u 236 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta bbażat ruħha fuq l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-premessa 872 tad-Deċiżjoni kontenzjuża tistabbilixxi li l-ksur uniku u kontinwu kien jirrigwarda biss is-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru "fiż-ŻEE". Issa, il-ksur uniku u kontinwu ma jistax b'mod simultanju jinkludi elementi "barra miż-ŻEE" sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni u jkun "limitat" għaż-ŻEE.

220 Fl-aħħar nett, il-punti 228 u 234 tal-istess sentenza huma żbaljati sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex tissanzjona aġir fuq ir-rotot inbound li, barra minn hekk, ma kienx jissodisfa l-kriterju tal-effetti kkwalifikati. L-użu, għal dan l-għan, tad-"duttrina tal-ksur uniku u kontinwu" jestendi b'mod wiesa' wisq ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632).

221 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

222 Għandu jiġi rrilevat li, permezz tal-ewwel parti tat-tieni motiv tagħhom invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, eżaminata minn din tal-aħħar fil-punti 128 sa 237 tas-sentenza appellata, SAS Cargo *et* sempliċement ikkontestat il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż sa fejn dan kien jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 227

tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt sa fejn kellha x'taqsam il-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata waħedha, b'tali mod li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, sa fejn din kienet ikkontestata, kienet stabbilita. Minn dan isegwi li kien superfluwu għall-Qorti Ġenerali li teżamina, fil-punti 228 sa 236 tas-sentenza appellata, jekk il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, kellhiex ukoll raġun tqis, fil-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt fid-dawl tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

223 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel sar-raba' parti ta' dan l-aggravju, il-Qorti Ġenerali, meta waslet għall-konklużjoni f'dan is-sens fil-punt 227 tas-sentenza appellata, ma għamlet ebda żball ta' liġi.

224 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li din il-parti ta' dan l-aggravju tirrigwarda motivi superfluwi tas-sentenza appellata u hija, konsegwentement, ineffettiva, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 80 ta' din is-sentenza.

225 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli, parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju, dwar il-ksur uniku u kontinwu

226 Ir-raba' aggravju ta' SAS Cargo *et* jinkludi tliet partijiet. Permezz tal-ewwel parti, huma jinvokaw inkoerenza bejn il-motivi u d-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-portata ġeografika tal-aġir inkwistjoni. It-tieni parti hija bbażata fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat. Permezz tat-tielet parti, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta kkonfermat il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika l-aġir inkwistjoni bħala ksur uniku u kontinwu.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq inkoerenza tad-Deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-portata ġeografika tal-aġir inkwistjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

227 SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ċaħdet l-argument tagħhom li permezz tiegħu huma sostnew li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta kklassifikat bħala "globali" il-portata tal-aġir antikompetittiv inkwistjoni. B'mod partikolari, teżisti inkoerenza bejn id-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tindika tali portata, u l-motivi ta' din id-deċiżjoni, li jirrikonoxxu li r-rotot lejn u minn Dubai ma kinux jaqgħu taħt l-akkordju kontenzjuż. SAS Cargo *et* jenfasizzaw ukoll li huma sostnew li din id-deċiżjoni ma tinkludi ebda prova ta' aġir kundannabbli fil-parti l-kbira tal-pajjiżi terzi u li l-eżistenza ta' akkordju ta' dimensjoni globali ma tistax tiġi estrapolata minn provi li jikkonċernaw biss ċerti rotot speċifiċi.

228 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fil-punti 268 u 269 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li r-riferiment, fl-Artikolu 1 tad-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni, għal koordinazzjoni "fid-dinja kollha" kien biss "konstatazzjoni ta' fatti" u, konsegwentement, li

dan id-dispożittiv "ma tagħti lok għal ebda dubju". Fil-fatt, ir-riferiment għall-"ambitu globali" huwa essenzjali sabiex jinftiehem dan l-Artikolu 1 fl-intier tiegħu, peress li r-rotot identifikati fil-paragrafi l-oħra tiegħu ma jagħmlux riferiment għal pajjiżi speċifiċi. Minħabba dan ir-riferiment għall-"portata globali", l-Artikolu 1(2) u (3) tad-Deċiżjoni kontenzjuża jkopri neċessarjament ir-rotot kollha bejn l-ajruporti taż-ŻEE u l-pajjiżi terzi kollha msemmija fih. Sussegwentement, teżisti wkoll kontradizzjoni bejn, minn naħa, dan id-dispożittiv, li ma jippermettix li jiġi affermat li Dubai u t-Tajlandja ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u, min-naħa l-oħra, il-premessi ta' din id-deċiżjoni, b'mod partikolari l-premessa 1375 tagħha, li tindika li l-aġir li seħħ f'Dubai ma kienx jagħmel parti mill-akkordju. Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrimedja din il-kontradizzjoni billi tinforma lir-rikorrenti f'kawża oħra, jiġifieri dik li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-343/17, EU:T:2022:184), li Dubai kienet effettivament eskluża minn dan il-kamp ta' applikazzjoni.

229 It-tieni nett, il-punti 276 u 277 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali indikat li "l-esklużjoni mill-portata tal-akkordju kontenzjuż ta' aġir lokali ma tikkontradixxix l-għan globali tiegħu", huma vvizzjati minn sostituzzjoni tal-motivi, minn żball ta' loġika u minn inkoerenzi interni, peress li l-kelma "globali" tfisser "kullimkien fid-dinja". Dan il-punt 277 jinkludi wkoll kontradizzjoni bejn il-motivi li jinsabu fil-premessi 889 u 890 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, minn naħa, u l-premessa 1375 tagħha, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, l-aġir inkwistjoni ma jistax japplika simultanjament "għar-rotot kollha" u ma jikkonċernax dawk li jitilqu minn Dubai, jew, parzjalment, ma jinkludix it-Tajlandja. Billi tipprova tirrimedja din il-kontradizzjoni, il-Qorti Ġenerali twettaq sostituzzjoni tal-motivi illegali, filwaqt li kellha tirrileva din il-kontradizzjoni u konsegwentement tannulla l-imsemmija deċiżjoni.

230 It-tielet nett, il-punt 270 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali tindika li r-riferiment għal ksur globali fil-premessa 1210 tad-Deċiżjoni kontenzjuża huwa "sempliċi żball tal-pinna", jimplika letteralment il-kitba mill-ġdid ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, l-unika interpretazzjoni plawżibbli tad-dispożittiv tagħha hija li l-imsemmija deċiżjoni kkonstatat ksur globali, jew tal-inqas ksur fuq ir-rotot globali kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni.

231 Ir-raba' nett, il-punt 286 tas-sentenza appellata jikser il-preżunzjoni ta' innoċenza u jaqleb l-oneru tal-prova sa fejn fih il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-prova ta' koordinazzjoni f'seba' pajjiżi kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita koordinazzjoni globali. Id-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża jimplika li t-trasportaturi huma responsabbli għar-rotot bejn iż-ŻEE u l-pajjiżi terzi kollha. Madankollu, filwaqt li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tipproduċi l-prova ta' dan, il-Qorti Ġenerali eżiġiet li t-trasportaturi jikkonfutaw li ċerti rotot kienu jaqgħu taħt l-akkordju kontenzjuż.

232 Il-ħames nett, fil-punti 276 sa 278 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, billi ssuġġeriet li Dubai kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kontenzjuż minkejja li ma setgħetx tinjora li dan ma kienx il-każ, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni quddiemha fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-343/17, EU:T:2022:184).

233 Is-sitt nett, il-konklużjoni li tinsab fil-punt 313 tas-sentenza appellata, dwar in-natura unika tal-ksur, hija vvizzjata sa fejn hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li tinsab fil-punt 311 ta' din is-sentenza, li tgħid li l-aġir inkwistjoni kien ta' dimensjoni globali.

234 Il-Kummissjoni tosserva li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

235 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 268 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li, f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li jallegaw SAS Cargo *et*, il-Kummissjoni ma kinitx ikkonkludiet, fid-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li kien hemm ksur ta' dimensjoni globali. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li r-riferiment għall-koordinazzjoni tal-aġir tat-trasportaturi inkriminati "fil-qasam tat-tariffi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija […] fid-dinja kollha" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fil-punt introduttorju tal-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni hija sempliċement konstatazzjoni ta' fatti li l-Kummissjoni kklassifikat, fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-artikolu, bħala ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli fuq ir-rotot li hija kienet qieset li jaqgħu, matul il-perijodi inkwistjoni, fil-kompetenza tagħha, jiġifieri r-rotot fiż-ŻEE bejn is-7 ta' Diċembru 1999 u l-14 ta' Frar 2006, ir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-14 ta' Frar 2006, ir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi bejn id-19 ta' Mejju 2005 u l-14 ta' Frar 2006 u r-rotot Unjoni-Svizzera bejn l-1 ta' Ġunju 2002 u l-14 ta' Frar 2006.

236 Hija ppreċiżat, fil-punt 269 ta' din is-sentenza, li, peress li d-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma jagħtix lok għal dubju, kien biss għall-finijiet ta' kompletezza li hija żiedet li l-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienu jsostnu din il-konklużjoni, ħaġa li hija esponiet fil-bqija ta' dan il-punt 269 kif ukoll fil-punti 270 u 271 tal-imsemmija sentenza. Minn dawn il-motivi, hija ddeduċiet, f'dan l-aħħar punt, li l-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' koordinazzjoni tat-tariffi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija fid-dinja kollha kienet tirrifletti l-pożizzjoni espressa mill-Kummissjoni, tul id-Deċiżjoni kontenzjuża kollha, dwar il-portata ġeografika tal-akkordju kontenzjuż.

237 F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn il-kunċett ta' "aġir", li jkopri numru ta' elementi fattwali, u l-kunċett ta' "reat", li jirrigwarda l-klassifikazzjoni legali li ngħatat lil dan l-aġir (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Quanta Storage vs Il-Kummissjoni, C-699/19 P, EU:C:2022:483, punt 70).

238 Issa, f'dan il-każ, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li SAS Cargo *et* ma jallegawx li ġie żnaturat mill-Qorti Ġenerali, jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissjoni ma imponietx fuq SAS Cargo *et* ir-responsabbiltà għal "ksur globali", peress li r-riferiment għall-fatt li d-destinatarji ta' din id-deċiżjoni kienu "kkoordinaw l-aġir tagħhom fil-qasam tat-tariffi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru fid-dinja kollha f'dak li jirrigwarda s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-[sovrataxxa tas-sigurtà] u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] hija effettivament biss deskrizzjoni fattwali tal-aġir antikompetittiv inkwistjoni, li ma twassalx fiha nnifisha għal klassifikazzjoni legali li tista' tistabbilixxi l-eżistenza ta' kontradizzjoni fid-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

239 Barra minn hekk, minn dawn l-elementi jirriżulta li, peress li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx ikkonkludiet, fid-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li kien hemm ksur ta' dimensjoni globali, ma jistax jitqies li teżisti kontradizzjoni bejn, minn naħa, il-konstatazzjoni ta' tali ksur u, min-naħa l-oħra, il-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

240 Barra minn hekk, sa fejn SAS Cargo *et* jallegaw l-eżistenza ta' kontradizzjoni, bejn, minn naħa, il-fatt li r-rotot identifikati fil-paragrafi l-oħra ta' dan l-Artikolu 1 ma jagħmlux riferiment għal pajjiżi speċifiċi, b'tali mod li hemm lok li jiġi kkunsidrat, peress li dan id-dispożittiv jirreferi għal "akkordju globali", li r-rotot kollha bejn l-ajruporti taż-ŻEE u l-pajjiżi terzi kollha huma koperti, u, min-naħa l-oħra, il-motivi ta' din id-deċiżjoni, li minnhom jirriżulta li Dubai u t-Tajlandja ma

humiex inklużi f'dan l-akkordju, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li minn dak li ġie espost fil-punti 235 sa 239 ta' din is-sentenza jirriżulta li dan l-argument huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-portata ta' dan id-dispożittiv.

241 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-argument imressaq fil-punt 228 ta' din is-sentenza ma huwiex fondat.

242 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument imressaq fil-punt 229 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li dan huwa inammissibbli skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 82 ta' din is-sentenza sa fejn, permezz tagħha, SAS Cargo *et* sempliċement jallegaw li l-punti 276 u 277 tas-sentenza appellata huma vvizzjati "b'sostituzzjoni tal-motivi, bi żball ta' loġika u b'inkoerenzi interni" għar-raġuni li "l-kelma 'globali' tfisser 'kullimkien fid-dinja'", peress li tali affermazzjonijiet huma wisq vagi u ġenerali sabiex jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' żball ta' liġi fil-punti 276 u 277 tas-sentenza appellata. L-istess japplika għal dak imressaq fil-punt 232 ta' din is-sentenza sa fejn dan jirrigwarda, essenzjalment, l-istess punti tas-sentenza appellata u li permezz tagħha SAS Cargo *et* sempliċement jallegaw mill-ġdid ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza.

243 Min-naħa l-oħra, sa fejn, permezz ta' dan l-argument imressaq f'dan il-punt 229, SAS Cargo *et* jallegaw, essenzjalment, li, f'dan il-punt 277, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma rrilevatx il-kontradizzjoni tal-motivi enfasizzati fiha, għandu jiġi rrilevat li, fl-imsemmi punt 277, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet indikat, fil-premessa 889 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li s-sovrataxxi kienu "miżuri ta' applikazzjoni ġenerali", li "kienu intiżi li jiġu applikati fuq ir-rotot kollha, fuq livell globali", u li l-istess kien japplika għar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, li kien ukoll "ta' natura ġenerali". Hija speċifikat ukoll li l-implimentazzjoni tas-sovrataxxi kienet isseħħ fil-kuntest ta' sistema fuq diversi livelli, ċentrali u lokali, deskritta fil-premessi 107, 1046 u 1300 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Minn dan hija ddeduċiet li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kontenzjuż ta' aġir lokali ma tikkontradixxix in-natura globali tiegħu.

244 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, minn naħa, fil-punt 277 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma indikatx, kif jallegaw SAS Cargo *et*, li l-aġir kontenzjuż kien japplika simultanjament "għar-rotot kollha" u mhux għal Dubai jew, parzjalment għat-Tajlandja u li, min-naħa l-oħra, dan il-punt 277 ma juri ebda kontradizzjoni fil-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, dan sempliċement jesponi d-differenza bejn, minn naħa, il-portata ġenerali tas-sovrataxxi inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-istruttura li fuq il-bażi tagħha l-adozzjoni tagħhom ġiet diskussa u implimentata. L-argument ta' SAS Cargo *et* miġbur fil-qosor fil-punt 243 ta' din is-sentenza huwa bbażat, konsegwentement, fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

245 Fit-tielet lok, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif indikat il-Qorti Ġenerali fil-punt 269 tas-sentenza appellata, il-punt 270 tagħha huwa superfluwu. Konsegwentement, l-argument espost fil-punt 230 ta' din is-sentenza huwa, fi kwalunkwe każ, ineffettiv, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 80 ta' din is-sentenza.

246 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument imressaq fil-punt 231 ta' din is-sentenza, SAS Cargo *et* iwettqu interpretazzjoni manifestament żbaljata tal-punt 286 tas-sentenza appellata meta jsostnu li l-Qorti Ġenerali qieset li koordinazzjoni f'seba' pajjiżi kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita koordinazzjoni globali. Fil-fatt, f'dan il-punt 286, il-Qorti Ġenerali sempliċement indikat li l-Kummissjoni kienet ipproduċiet provi intiżi sabiex juru li l-koordinazzjoni relatata mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet seħħet f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, "fosthom" Ħong Kong,

l-Isvizzera, l-Italja, Franza, Spanja, l-Indja u l-Istati Uniti. Għall-bqija, sa fejn SAS Cargo *et* għandhom l-għan li jikkontestaw din l-evalwazzjoni, huma jikkontestaw, fir-realtà, l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali. Dan huwa, għalhekk, inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

247 Fil-ħames u fl-aħħar lok, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li s-sitt ilment invokat minn SAS Cargo *et* insostenn ta' din il-parti huwa bbażat fuq il-premessa li huma rnexxielhom jistabbilixxu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni kellha raġun tikkonkludi li s-sovrataxxi kienu miżuri ta' applikazzjoni ġenerali li kienu intiżi li jiġu applikati "għar-rotot kollha, fuq livell globali" u li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet "kien ukoll ta' natura ġenerali". Issa, mill-analiżi preċedenti jirriżulta li SAS Cargo *et* ma rnexxilhomx jistabbilixxu l-fondatezza ta' din il-premessa.

248 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-ewwel parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli, parzjalment ineffettiva u parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar il-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat

– *L-argumenti tal-partijiet*

249 SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-motiv ta' difiża tagħhom ibbażat fuq il-pressjoni mill-Istat. Dan l-iżball jivvizzja l-punti 500, 501, 509 sa 514, 532, 549, 562 u 564 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali eżiġiet li SAS Cargo *et* juru li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi kienet tobbligahom jadottaw l-aġir inkwistjoni. Issa, il-ġurisprudenza ċċitata f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali fil-punti 509 sa 512 ta' din is-sentenza hija rilevanti biss fil-kuntest tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri. Fil-fatt, il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil, li huwa korollarju tal-prinċipju ta' ugwaljanza sovrana tal-Istati, jagħti lill-pajjiżi terzi d-dritt li jmexxu l-affarijiet tagħhom stess mingħajr indħil estern.

250 F'dan il-każ, il-FSA jew leġiżlazzjonijiet lokali ħeġġew diskussjonijiet tariffarji bejn trasportaturi ddeżinjati fuq rotot speċifiċi, b'tali mod li l-Kummissjoni kellha l-obbligu, konformement mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli, li turi moderazzjoni u trażżin fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat. Fil-fatt, l-applikabbiltà ta' dan il-motiv ta' difiża ma hijiex limitata għas-sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali jeżiġu li t-trasportaturi jiddiskutu t-tariffi, iżda testendi għall-aġir li huwa speċifikament irregolat u mħeġġeġ mil-leġiżlazzjoni u l-prassi nazzjonali. Dan l-iżball jivvizzja mhux biss il-punti 509 sa 514 tas-sentenza appellata, iżda wkoll l-evalwazzjonijiet dwar il-prattiki eżistenti f'diversi pajjiżi terzi.

251 Għalhekk, fl-ewwel lok, l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar Ħong Kong ma jistgħux jiġu aċċettati. Fil-fatt, mill-punt 531 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali ma xtaqux jirċievu talbiet individwali dwar l-istabbiliment ta' sovrataxxa tal-fjuwil. Għalhekk, interpretat b'mod korrett, il-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat kien issodisfatt, peress li kull aġir kollettiv f'Ħong Kong kien imħeġġeġ minn dawn l-awtoritajiet, miftiehem mal-klijenti, u għalhekk ma kienx jikkostitwixxi akkordju antikompetittiv. Il-punti 515 sa 532 tas-sentenza appellata dwar ir-responsabbiltà tal-appellanti f'Ħong Kong huma għalhekk żbaljati.

252 Fit-tieni lok, l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-Ġappun, li jinsabu fil-punti 537 sa 540 tas-sentenza appellata, u l-konsegwenzi li hija siltet minnhom fil-punti 549 u 550 tagħha, lanqas ma jistgħu jiġu aċċettati. Minn naħa, il-FSA konkluż mal-Ġappun kienu stipulaw obbligu ta' koordinazzjoni tat-tariffi, inklużi s-sovrataxxi. Billi affermat il-kuntrarju fil-punt 537 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali żnaturat is-sens ċar tal-klawżola tariffarja inkwistjoni, esposta fil-punt 140 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Jekk xejn iktar, dawn il-ftehimiet mal-Ġappun ħeġġew il-koordinazzjoni. Fil-punt 538 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żnaturat ukoll l-argument ta' SAS Cargo *et*. Mis-sottomissjonijiet bil-miktub ta' dawn tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li huma indikaw li d-dispożizzjonijiet tariffarji tal-FSA kienu jawtorizzaw diskussjonijiet ġenerali dwar it-tariffi bejn trasportaturi multipli li jaqdu pajjiżi ta' destinazzjoni differenti fi ħdan iż-ŻEE, filwaqt li spjegaw b'mod partikolari li l-uffiċċju Ġappuniż tal-avjazzjoni ċivili kien approva l-istess livell ta' sovrataxxa għall-pajjiżi kollha taż-ŻEE. Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 545 tal-istess sentenza, żnaturat ukoll l-argumenti tagħhom dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil. Fil-fatt, hija indikat li l-inizjattiva li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet kollettivi dwar din is-sovrataxxa kienet imputabbli lit-trasportaturi, u mhux lil din l-awtorità Ġappuniża, minkejja li qatt ma kien hemm applikazzjonijiet kollettivi fil-Ġappun, iżda biss talbiet individwali wara koordinazzjoni, kif jindikaw provi annessi ma' dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub.

253 Min-naħa l-oħra, il-punt 543 tas-sentenza appellata jiżnatura provi sa fejn fih il-Qorti Ġenerali kkonstatat li huma inkwistjoni dokumenti li "tfasslu minn" SAS Cargo *et* "stess", filwaqt li dan ma huwiex il-każ. B'mod partikolari, dawn tal-aħħar ipproduċew, minn naħa, riżoluzzjoni tal-International Air Transport Association (iktar 'il quddiem l-"IATA") tax-xahar ta' Mejju 2000, li tistabbilixxi livell uniku ta' sovrataxxa tal-fjuwil għar-rotot internazzjonali kollha, u, min-naħa l-oħra, komunikazzjoni interna ta' Japan Airlines li turi li l-uffiċċju Ġappuniż tal-avjazzjoni ċivili kien adotta l-mekkaniżmu tas-sovrataxxa tal-fjuwil kif ukoll ittra ta' din il-kumpannija li tikkonferma li dan il-mekkaniżmu kien intalab mill-klijenti. Il-premessa 1002 tad-Deċiżjoni kontenzjuża ssemmi wkoll dokument prodott minn Japan Airlines li jsostni l-pożizzjoni tagħhom, iżda l-aċċess ta' SAS Cargo *et* għal din il-prova ġie rrifjutat lilhom. Dawn tal-aħħar irreferew ukoll għad-dikjarazzjoni tal-avukat ta' trasportatur ieħor waqt is-seduta quddiem il-Kummissjoni, li tikkontradixxi dikjarazzjoni attribwita lilu fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Billi naqset milli tindirizza dawn il-provi u billi rrifjutat lil SAS Cargo *et* l-aċċess għall-provi sussegwenti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, għalkemm identifikati b'mod ċar, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza.

254 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-pajjiżi terzi l-oħra li s-sistemi regolatorji tagħhom huma indirizzati fid-Deċiżjoni kontenzjuża, jiġifieri r-Repubblika tal-Indja, ir-Renju tat-Tajlandja, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, jissemma biss inċident wieħed li jinvolvi lil SAS Cargo *et* wara l-1 ta' Mejju 2004, fil-premessa 506 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Issa, din il-prova li tikkonċerna t-Tajlandja hija manifestament insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit ksur b'rabta ma' dawn il-pajjiżi l-oħra, iktar u iktar peress li tikkostitwixxi prova li tiskaġuna. Fil-punti 558 sa 562 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali taqbel ukoll li l-uniku inċident li kien jinvolvi lil SAS Cargo *et* f'allegat akkordju fit-Tajlandja ma kienx imur kontra d-dritt tal-kompetizzjoni, peress li minn prova prodotta minn SAS Cargo *et* kien jirriżulta li l-awtoritajiet Tajlandiżi kienu imponew il-livelli tas-sovrataxxa tal-fjuwil li kellhom josservaw it-trasportaturi, li kien jelimina kull possibbiltà ta' kompetizzjoni sa mill-20 ta' Lulju 2005. Madankollu, hija wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li SAS Cargo *et* ma kinux urew li kull possibbiltà ta' kompetizzjoni kienet ġiet eliminata qabel din id-data.

255 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina mhux jekk l-aġir inkwistjoni kienx obbligatorju, iżda jekk kienx imħeġġeġ. It-tieni nett, l-unika prova li torbot lil SAS Cargo *et* ma' aġir li jikkostitwixxi ksur fit-Tajlandja, deskritta fil-premessa 506 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, kienet tikkonċerna l-osservanza ta' istruzzjoni tad-dipartiment tal-avjazzjoni ċivili tat-Tajlandja. Il-punt 562 tas-sentenza appellata hija għalhekk ivvizzjata b'inkoerenza interna. It-tielet nett, SAS Cargo *et* ipproduċew provi li jistabbilixxu li, mis-sena 2003, livelli ta' sovrataxxi vinkolanti u identiċi kienu imposti fuq ir-rotot lejn iż-ŻEE mit-Tajlandja, prova li l-Kummissjoni qatt ma kkontestat. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta telqet mill-premessa kuntrarja għall-punt 562 tas-sentenza appellata, mingħajr ma indirizzat il-provi prodotti minn SAS Cargo *et*. Ir-raba' nett, il-fatt li trasportatur Tajlandiż ma nstabx ħati ta' ksur jistabbilixxi li l-provi prodotti minn dan it-trasportatur, wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kienu jinkludu provi li jiskaġunaw addizzjonali, li għalihom l-appellanti kellu jkollhom aċċess.

256 Fir-rigward tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistemi regolatorji msemmija fil-punt 254 ta' din is-sentenza, li tinsab fil-premessa 1019 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, din hija bbażata fuq sempliċi riferiment għar-raġunament tagħha dwar is-sistemi ta' Ħong Kong u tal-Ġappun, kif indikat fil-punt 552 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha twarrab il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar dawn l-aħħar żewġ pajjiżi, hija jkollha wkoll twarrab dawk li jinsabu fil-punti 555 sa 557, 562 u 563 tagħha, fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi l-oħra. Barra minn hekk, peress li t-Tajlandja u Dubai ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kontenzjuż, il-Qorti Ġenerali kellha tagħti lil SAS Cargo *et* il-benefiċċju tad-dubju u tikkonkludi li akkordju globali ma setax jiġi preżunt mingħajr prova. B'dan il-mod, hija kisret ukoll il-preżunzjoni ta' innoċenza. Għall-istess raġunijiet, il-punti 623 u 624 tas-sentenza appellata huma wkoll żbaljati.

257 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

258 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 500 u 501 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat, minn naħa, li l-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil huwa rrikonoxxut mid-dritt internazzjonali konswetudinarju, u, min-naħa l-oħra, li, anki jekk jitqies li SAS Cargo *et* setgħu jinvokawh, il-Kummissjoni ma kinitx kisret dan il-prinċipju bl-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati sabiex tissanzjona aġir li seħħ u ġie implimentat f'pajjiżi terzi li, għal raġunijiet politiċi, iddeċidew li jawtorizzawh. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE għal aġir li huwa prevedibbli li jipproduċi effetti immedjati u sostanzjali fiż-ŻEE hija ġġustifikata fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku u, għaldaqstant, b'mod partikolari tal-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil.

259 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li dawn il-punti 500 u 501, li jikkostitwixxu l-analiżi mill-Qorti Ġenerali tal-ewwel ilment tas-sitt parti tat-tielet motiv ippreżentat quddiemha, li kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' sovranità u ta' nuqqas ta' ndħil, ma jirrigwardawx l-analiżi, mill-Qorti Ġenerali, tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat, li ġie eżaminat minn din tal-aħħar fil-punti 504 sa 564 tas-sentenza appellata u li huwa l-uniku wieħed imsemmi f'din il-parti tar-raba' aggravju.

260 Issa, SAS Cargo *et* ma jressqu ebda argument li jispjega kif il-punti 500 u 501 tas-sentenza appellata jinkludu evalwazzjonijiet żbaljati fir-rigward tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat, li ma huwiex is-suġġett tal-imsemmija punti. Il-kritika li tikkonċernahom hija għalhekk inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 82 ta' din is-sentenza.

261 Barra minn hekk, sa fejn SAS Cargo *et* isostnu, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju ġuridiku żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tal-motiv ta' difiża tagħhom ibbażat fuq il-pressjoni mill-Istat, għandu jitfakkar li l-Artikoli 101 u 102 TFUE jirrigwardaw biss aġir antikompetittiv li ġie adottat mill-impriżi fuq inizjattiva tagħhom stess. Jekk aġir antikompetittiv ikun impost fuq l-impriżi permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew jekk din tal-aħħar toħloq qafas regolamentari li minnu nnifsu jelimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv min-naħa tagħhom, dawn l-artikoli ma huwiex applikabbli. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, ir-restrizzjoni ta' kompetizzjoni ma hijiex ikkawżata, kif jimplikaw dawn id-dispożizzjonijiet, b'aġir awtonomu tal-impriżi. Għall-kuntrarju, l-imsemmija artikoli jistgħu japplikaw jekk jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti l-possibbiltà ta' kompetizzjoni li tista' tiġi prekluża, ristretta jew distorta permezz ta' aġir awtonomu tal-impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni u Franza vs Ladbroke Racing, C-359/95 P u C-379/95 P, EU:C:1997:531, punti 33 u 34, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 80).

262 Il-possibbiltà li jiġi eskluż aġir antikompetittiv partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, minħabba l-fatt li dan kien ġie impost fuq l-impriżi inkwistjoni mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew minħabba l-fatt li din tal-aħħar telimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv min-naħa tagħhom, ġiet ammessa biss b'mod restrittiv mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

263 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk liġi nazzjonali sempliċement tħeġġeġ jew tiffaċilita l-adozzjoni, mill-impriżi, ta' aġir antikompetittiv awtonomu, dawn tal-aħħar jibqgħu suġġetti għall-Artikoli 101 u 102 TFUE (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

264 Kuntrarjament għal dak li jsostnu SAS Cargo *et*, din il-ġurisprudenza ma tagħmilx distinzjoni bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri u dawk ta' pajjiżi terzi.

265 Barra minn hekk, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 198 ta' din is-sentenza, għalkemm hija l-awtorità li tallega ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li għandha tipproduċi l-prova ta' dan, hija l-impriża li tinvoka motiv ta' difiża kontra l-konstatazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-regoli li għandha tipproduċi l-prova li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regola li minnha huwa dedott dan il-motiv ta' difiża huma sodisfatti, b'tali mod li l-imsemmija awtorità jkollha tirrikorri għalhekk għal provi oħra.

266 Minn dawn l-elementi jirriżulta li huwa b'mod infondat li SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 509 sa 512 tas-sentenza appellata meta fakkret fihom, essenzjalment, it-tagħlim li jirriżulta mill-ġurisprudenza esposta fil-punti 258 sa 263 u 265 ta' din is-sentenza u, billi kkunsidrat, fil-punt 513 tas-sentenza appellata, li dan japplika bl-istess mod għal-liġijiet u għall-aġir ta' Stat Membru jew ta' parti kontraenti għall-Ftehim ŻEE u għal dawk ta' pajjiż terz kif ukoll, konsegwentement, billi qieset li huma kellhom jipproduċu l-prova li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-pajjiżi terzi kkonċernati ma kinux ħeġġewhom, iżda kienu obbligawhom jadottaw l-aġir inkwistjoni.

267 L-interpretazzjoni f'dan is-sens ta' dan il-motiv ta' difiża ibbażat fuq il-pressjoni mill-Istat invokat minn SAS Cargo *et* tmur kontra, barra minn hekk, l-applikazzjoni neċessarjament stretta li għandha ssir tiegħu, li hija l-uniku mezz biex tiġi evitata kontradizzjoni tal-formulazzjoni inekwivoka tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li jirrigwardaw l-aġir adottat mill-impriżi.

268 Għaldaqstant, sa fejn din il-parti hija bbażata fuq il-premessa li tgħid li huwa biżżejjed, sabiex jintlaqa' motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat ta' pajjiż terz, li l-leġiżlazzjoni ta' dan il-pajjiż tħeġġeġ l-adozzjoni ta' aġir antikompetittiv, hija għandha tiġi miċħuda bħala infondata, peress li din il-premessa hija żbaljata.

269 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' SAS Cargo *et* dwar l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-Ġappun, għandu, minn naħa, fir-rigward tal-ewwel allegazzjoni tagħhom ta' żnaturament, jiġi rrilevat li, fil-punt 537 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li, sa fejn kellha x'taqsam l-allegazzjoni ta' SAS Cargo *et* li l-Kummissjoni naqset milli tiċċita, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-paragrafu 1 tal-klawżola standard tal-FSA konklużi mill-Ġappun, dan il-paragrafu jelenka l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-iffissar tat-tariffi u jipprevedi li dawn tal-aħħar jiġu ddeterminati skont id-dispożizzjonijiet segwenti tal-artikolu li jinsab fih. Minn dan hija ddeduċiet li la minn din id-dispożizzjoni u lanqas minn dik riprodotta fid-Deċiżjoni kontenzjuża ma jirriżulta li l-FSA jimponu obbligu ta' koordinazzjoni bejn it-trasportaturi għad-determinazzjoni tas-sovrataxxi. Barra minn hekk, SAS Cargo *et* ma jressqu l-ebda argument issostanzjat li jista' jistabbilixxi l-kuntrarju.

270 Issa, fil-punt 140 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, SAS Cargo *et* kienu esponew li l-imsemmi paragrafu 1, li jinsab fil-FSA applikabbli għal SAS Cargo, kien jindika dan li ġej:

"It-tariffi għal kull servizz miftiehem għandhom jiġu stabbiliti f'livelli raġonevoli, b'teħid debitament inkunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, inklużi l-ispiża tal-operat, profitt raġonevoli, il-karatteristiċi tas-servizz (bħal standards ta' veloċità u ta' installazzjonijiet) u t-tariffi ta' linji tal-ajru oħra għal kwalunkwe parti tar-rotta speċifikata. Dawn it-tariffi huma ffissati skont id-dispożizzjonijiet segwenti ta' dan l-artikolu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

271 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 108 ta' din is-sentenza, l-allegat żnaturament ma huwiex stabbilit, peress li l-punt 537 tas-sentenza appellata jippreżenta b'mod fidil il-kontenut tal-istess paragrafu 1.

272 Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' żnaturament li tikkonċerna l-punt 538 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li SAS Cargo *et* ma kkontestawx li d-dispożizzjonijiet tal-FSA dwar id-diskussjonijiet tat-tariffi bejn it-trasportaturi ddeżinjati fuq rotot speċifiċi ma jistgħux jawtorizzaw diskussjonijiet ġenerali dwar it-tariffi bejn trasportaturi multipli li jaqdu pajjiżi ta' destinazzjoni differenti, bħalma huma dawk imsemmija fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

273 Issa, fil-punt 128 tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, li allegatament ġie żnaturat f'dan il-punt 538, huma kienu sostnew dan li ġej:

"[...] l-awtoritajiet lokali tal-avjazzjoni f'Ħong Kong, fil-Ġappun u fit-Tajlandja ma applikawx il-klawżoli tariffarji rotta b'rotta. Minflok, huma ddeterminaw livelli ta' sovrataxxi skont in-natura internazzjonali jew nazzjonali tar-rotot (pereżempju fil-Ġappun) jew skont iż-żoni tal-konferenza dwar it-tariffi tal-IATA (pereżempju f'Ħong Kong, fit-Tajlandja). Peress li l-pajjiżi kollha taż-ŻEE jaqgħu taħt il-kategorija tar-rotot internazzjonali u tal-istess żona tal-konferenza tariffarja tal-IATA [...], l-istess livell ta' sovrataxxa ġie approvat għar-rotot kollha lejn iż-ŻEE. Dan l-approċċ għandu l-għan li jillimita l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għat-trasportaturi lokali nazzjonali u għall-ispedizjoniera u l-ispedituri lokali [...]. Għalhekk, kien jirriżulta direttament mis-sistemi amministrattivi li jimplimentaw il-FSA fis-seħħ, li l-awtoritajiet Asjatiċi kienu jirrikjedu li t-trasportaturi kollha li jittrasportaw merkanzija lejn l-Ewropa japplikaw l-istess livell

ta' sovrataxxa, għalkemm bl-użu ta' metodi differenti, kif spjegat hawn taħt. Din id-dikjarazzjoni ta' fatt kienet perfettament konformi mal-klawżoli tariffarji tal-FSA, peress li l-istess linja(i) tal-ajru kienet (kienu) trasportatur(i) indikata (indikati) f'kull FSA fis-seħħ. L-awtoritajiet ta' Hong Kong u l-Emirati Għarab Magħquda (Dubai) spjegaw dan lill-Kummissjoni [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

274 Għalkemm SAS Cargo *et* kienu għalhekk sostnew li "l-awtoritajiet Asjatiċi kienu jobbligaw lit-trasportaturi kollha li jittrasportaw il-merkanzija lejn l-Ewropa japplikaw l-istess livell ta' sovrataxxa", minn dan il-punt 128 ma jirriżultax li huma sostnew li l-FSA konklużi mill-Ġappun kienu jawtorizzaw diskussjonijiet ġenerali dwar it-tariffi bejn trasportaturi multipli li jaqdu pajjiżi ta' destinazzjoni differenti fiż-ŻEE, bħal dawk li ġew issanzjonati mid-Deċiżjoni kontenzjuża. Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 108 ta' din is-sentenza, it-tieni allegazzjoni ta' żnaturament għalhekk lanqas ma hija stabbilita.

275 Fir-rigward tat-tielet allegazzjoni ta' żnaturament, li tirrigwarda l-punt 545 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, f'dan il-punt, indikat li, sa fejn dawn ma kinux jistabbilixxu l-eżistenza ta' obbligu ta' konsultazzjoni tat-trasportaturi fuq il-livell tas-sovrataxxa tal-fjuwil, ebda wieħed mill-elementi probatorji prodotti minn SAS Cargo *et* ma seta' jinvalida l-informazzjoni li tinsab fil-premessi 198, 244, 256, 391, 392, 488 u 491 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li minnha jirriżulta li l-inizjattiva li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet kollettivi dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil kienet imputabbli lit-trasportaturi, u mhux lill-Uffiċċju Ġappuniż tal-Avjazzjoni Ċivili. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-argument tagħhom dwar dan il-punt, espost fil-punt 252 ta' din is-sentenza, SAS Cargo *et* jikkritikaw fir-realtà l-interpretazzjoni ta' dawn il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, iċċitati mill-Qorti Ġenerali fl-istess punt 545. Għaldaqstant, permezz ta' din l-interpretazzjoni, ma jistax ikun hemm żnaturament tal-argument tagħhom dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil. Għaldaqstant, din it-tielet allegazzjoni hija infondata.

276 Fir-rigward tal-argument dwar il-punt 543 tas-sentenza appellata, relatat, minn naħa, mal-allegat żnaturament tal-provi, espost fil-punt 253 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'dan il-punt 543, il-Qorti Ġenerali, wara li evalwat il-provi prodotti minn SAS Cargo *et* insostenn tal-affermazzjonijiet tagħhom, ikkonkludiet li ebda wieħed mid-dokumenti prodotti ma kien jistabbilixxi l-eżistenza ta' pressjoni mill-Istat li tiġġustifika n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' żnaturament, SAS Cargo *et* jipprovaw għalhekk, fir-realtà, jiksbu evalwazzjoni ġdida ta' dawn il-provi mill-Qorti tal-Ġustizzja. Dan l-argument huwa għalhekk inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

277 Min-naħa l-oħra, sa fejn, permezz tal-imsemmi argument, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tirrispondi għal uħud mill-argumenti tagħhom, huma jinvokaw ksur, mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-aggravju bbażat fuq nuqqas ta' tweġiba mill-Qorti Ġenerali għal argumenti mressqa fl-ewwel istanza jwassal, essenzjalment, sabiex jiġi invokat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 ta' dan l-Istatut, u mill-Artikolu 117 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (sentenza tat-28 ta' Settembru 2023, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni, C-123/21 P, EU:C:2023:708, punt 185 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 85 ta' din is-sentenza u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti Ġenerali indikat mhux biss fil-punt 543, iżda wkoll fil-punti 542 u 544 tas-sentenza appellata, li jesponu wkoll il-provi li SAS Cargo *et* kienu pproduċew quddiem il-Qorti Ġenerali u l-evalwazzjoni tagħhom minn din tal-aħħar, tali ksur ma huwiex stabbilit.

278 Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali kisret il-"prinċipju ta' ugwaljanza" billi ma tathomx aċċess għal provi sussegwenti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, anki jekk jitqies li din l-allegazzjoni hija ammissibbli, din ma hijiex differenti minn dik esposta fl-ewwel aggravju u għalhekk għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi miċħuda għall-istess raġunijiet.

279 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument espost fil-punti 254 sa 256 ta' din is-sentenza, hemm lok, l-ewwel, li jiġi kkonstatat li dan huwa inammissibbli skont il-ġurisprudenza li tinsab fil-punt 72 ta' din is-sentenza sa fejn, permezz tagħha, SAS Cargo *et*, bl-iskuża ta' allegazzjonijiet ta' żbalji ta' liġi li jikkonċernaw is-sitwazzjoni prevalenti fit-Tajlandja, ifittxu li jiksbu evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi.

280 It-tieni nett, sa fejn, permezz ta' dan l-argument, SAS Cargo *et* jikkontestaw il-koerenza interna tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-imsemmi argument huwa inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 74 ta' din is-sentenza.

281 It-tielet nett, sa fejn, permezz tal-imsemmi argument, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza l-provi kollha li huma kienu pproduċew, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-azzjoni tal-awtoritajiet Tajlandiżi ġiet eżaminata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 556 sa 561 tas-sentenza appellata u li, fil-punt 562 tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni applikabbli fit-Tajlandja, SAS Cargo *et* setgħu jistabbilixxu, mingħajr ma ġew kontradetti b'mod utli mill-Kummissjoni, li, mill-20 ta' Lulju 2005, l-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż kienu ħolqu qafas regolamentari li huwa stess kien jelimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv bejn it-trasportaturi f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa tal-fjuwil applikabbli għat-titjiriet li jitilqu mit-Tajlandja. Ġie rrilevat ukoll li, għall-kuntrarju, huma ma kinux ipproduċew il-prova li l-leġiżlazzjoni Tajlandiża kienet telimina kull possibbiltà ta' kompetizzjoni fir-rigward tas-sovratxxa tas-sigurtà jew li, fir-rigward tas-sovrataxxa tal-fjuwil, kull possibbiltà ta' kompetizzjoni kienet ġiet eliminata għall-perijodu qabel l-20 ta' Lulju 2005.

282 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tat-tielet argument espost fil-punt 255 ta' din is-sentenza, huma jipprovaw jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi. Dan l-argument huwa għalhekk inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

283 Ir-raba' nett, sa fejn jallegaw li huma kellu jkollhom aċċess għal provi li jiskaġunaw addizzjonali, dan l-argument ma huwiex differenti minn dak espost fl-aħħar tal-punt 253 ta' din is-sentenza u għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk diġà esposti fil-punt 278 ta' din is-sentenza.

284 Il-ħames nett, fir-rigward tal-argument espost fil-punt 256 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li ma hemmx lok li jiġu kkonstatati żbalji ta' liġi fil-punti 555 sa 557, 562 u 563 tas-sentenza appellata, peress li l-allegazzjonijiet ta' SAS Cargo *et* f'dan ir-rigward huma bbażati fuq il-premessa li huma rnexxielhom jistabbilixxu li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar is-sistemi regolatorji ta' Ħong Kong u tal-Ġappun kienu żbaljati. Issa, kif jirriżulta mill-analiżi preċedenti, din il-premessa ma hijiex fondata.

285 Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, din hija bbażata wkoll fuq in-nuqqas ta' inklużjoni tar-Renju tat-Tajlandja fost il-pajjiżi li fir-rigward tagħhom SAS Cargo *et* tista' tiġi akkużata bi ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE. Issa, għalkemm il-Qorti Ġenerali kkonstatat li tali ksur ma jistax jiġi invokat kontrihom fir-rigward tat-titjiriet li jitilqu minn dan il-pajjiż terz

f'dak li jirrigwarda s-sovrataxxa tal-fjuwil mill-20 ta' Lulju 2005, hija ma eskludietx l-eżistenza ta' tali ksur għat-titjiriet kollha li jitilqu mill-imsemmi pajjiż għall-perijodu kollu tal-ksur, b'tali mod li l-premessa ta' dan l-argument hija wkoll infondata fil-fatt.

286 Fir-rigward tal-kritika dwar l-inklużjoni ta' pajjiżi terzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur uniku u kontinwu, fil-punti 623 u 624 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din hija bbażata fuq l-istess argumenti bħal dawk li diġà ġew miċħuda fiż-żewġ punti preċedenti ta' din is-sentenza.

287 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tieni parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tielet parti, dwar il-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala ksur uniku u kontinwu

– *L-argumenti tal-partijiet*

288 SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ċaħdet l-argument tagħhom li jikkontesta l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-aġir deskritt fid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu. Fil-fatt, l-aġir inkwistjoni kien tant differenti li ma setax raġonevolment jiġi assimilat ma' ksur "uniku". L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward hija żbaljata minn diversi aspetti.

289 Fl-ewwel lok, fil-punti 302 sa 304 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tħalli barra l-punt essenzjali mqajjem minn SAS Cargo *et*, jiġifieri li l-aġir imsemmi fit-Taqsima 4 tad-Deċiżjoni kontenzjuża seħħ f'kuntesti differenti u kellu għanijiet differenti. Ċertament, f'dan il-punt 302, il-Qorti Ġenerali tirreferi għal kull tip ta' aġir. Madankollu, hija qatt ma tindirizza l-punt ċentrali li dawn it-tipi differenti ta' aġir ma kellhomx punti komuni. B'dan il-mod, hija kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

290 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji fir-rigward tal-aġir li seħħ fl-Isvizzera. Fil-punti 612 sa 618 tas-sentenza appellata, hija kkonfermat li l-uniku kuntatt li kien jinvolvi lil SAS Cargo *et*, li seħħ wara l-1 ta' Ġunju 2002, ma kienx illegali. Madankollu, fil-punt 604 ta' din is-sentenza, hija żnaturat il-provi billi għamlet riferiment għal kunċett ta' "kontinwazzjoni" fl-użu tal-kriterju tal-piż reali. Hija naqset ukoll, fil-punti 604 u 605 tal-imsemmija sentenza, milli tirrispondi għall-argumenti mressqa u għall-provi prodotti fil-punt 161 tar-rikors tal-ewwel istanza, li permezz tagħhom huma kkontestaw, essenzjalment, mhux l-eżistenza ta' laqgħa partikolari, iżda l-parteċipazzjoni tagħhom fiha. Barra minn hekk, minn dan il-punt 605 jirriżulta li ma kienx hemm qbil dwar l-użu, sabiex tiġi kkalkolata s-sovrataxxa tal-fjuwil, tal-piż reali minflok il-"piż taxxabbli", filwaqt li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 606 tal-istess sentenza, approvat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li huma kienu pparteċipaw f'tali ftehim iżda ddeċidew li ma japplikawhx. Il-punt 610 tas-sentenza appellata huwa wkoll żbaljat sa fejn fih hemm imsemmi li komunikazzjoni ta' impjegat tal-appellanti dwar it-tneħħija tas-sovrataxxa tal-fjuwil kienet tikser l-Artikolu 101(1) TFUE, minkejja li din il-komunikazzjoni kienet pubblika. Il-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk l-imsemmija komunikazzjoni kinitx twassal għal trasparenza ikbar tal-prezzijiet jew jekk kinitx tiffaċilita l-osservanza tal-akkordju. Peress li ma għamlitx dan, hija kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Barra minn hekk, għal dan l-aġir lokali ta' Diċembru 2001 dwar sovrataxxi fuq rotot li jitilqu mill-Isvizzera, la l-Artikolu 101 TFUE u lanqas l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera ma kienu applikabbli, b'tali mod li l-punt 611 ta' din is-sentenza huwa żbaljat fid-dritt.

291 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji fl-evalwazzjoni tal-affermazzjonijiet ta' trasportaturi oħra fir-rigward tal-aġir ta' SAS Cargo *et*. Hija ġustament qieset, fil-punti 625 sa 650 tas-sentenza appellata, li l-provi permezz ta' messaġġi elettroniċi li jinsabu f'diversi premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma kinux juru l-eżistenza ta' kuntatti illegali bejniethom u trasportaturi oħra. Madankollu, hija żbaljat meta ma kkontestatx ukoll ir-rilevanza ta' messaġġi elettroniċi interni mibgħuta minn impjegat ta' trasportatur ieħor ibbażat fir-Renju Unit fis-17 ta' Frar 2003, imsemmija fil-premessa 273 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Fil-punti 634 u 635 ta' din is-sentenza, hija qieset li SAS Cargo *et* ma kinux ipproduċew prova insostenn tal-pożizzjoni tagħhom. Madankollu, hija wettqet żball meta ma eżaminatx il-kwistjoni reali li huma qajmu. Għalhekk, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċerti argumenti li huma kienu fformulaw. Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għall-affermazzjoni li tinsab f'dan il-punt 635, huma ma bbażawx ruħhom biss fuq il-fatt li l-burdnar kien irċieva informazzjoni mingħand trasportaturi oħra. Minn dawn l-iżbalji jirriżulta li din il-prova lanqas ma tista' tiġi invokata kontrihom.

292 Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ċertament ammettiet, b'mod partikolari fil-punti 407 sa 411 tas-sentenza appellata, li ċertu aġir, fid-dawl tal-alleanza WOW, kien iġġustifikat. Madankollu, hija qieset b'mod żbaljat li ċertu aġir fi ħdan din l-alleanza "kien eċċessiv" fl-assenza ta' politika tat-tariffi komuni integrata. Fi kwalunkwe każ, anki jekk tali kuntatti fi ħdan l-imsemmija alleanza kienu kkostitwixxew ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE, dawn il-kuntatti kienu jkunu jagħmlu parti mill-ksur uniku u kontinwu biss li kieku kienet teżisti rabta oġġettiva bejn l-imsemmija kuntatti u dan il-ksur uniku u kontinwu jew kieku SAS Cargo *et* kellhom l-intenzjoni li jipparteċipaw fl-akkordju globali pjuttost milli f'aġir marbut mal-istess alleanza. Issa, il-Qorti Ġenerali ma turix l-eżistenza ta' tali rabta oġġettiva bejn il-kuntatti fi ħdan l-alleanza WOW u l-ksur uniku u kontinwu. Il-punt 430 ta' din is-sentenza jinkludi biss affermazzjoni f'dan ir-rigward, b'tali mod li l-imsemmija sentenza ma hijiex immotivata biżżejjed. Minn dan isegwi li l-punti 428 sa 432 tal-istess sentenza għandhom jiġu miċħuda u, konsegwentement, il-kuntatti fi ħdan l-alleanza WOW għandhom jiġu esklużi mill-provi tal-parteċipazzjoni ta' SAS Cargo *et* fil-ksur uniku u kontinwu.

293 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-ftehimiet vertikali ta' provvista, iċ-ċaħda, fil-punti 475 sa 487 tas-sentenza appellata, tal-ispjegazzjoni ta' SAS Cargo *et* dwar ir-riċezzjoni minnhom tal-messaġġi elettroniċi msejħa "Għeżież imsieħba", hija żbaljata. L-ewwel nett, il-punti 477 sa 479, 484 u 485 ta' din is-sentenza ma humiex immotivati biżżejjed u jiksru l-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' preżunzjoni ta' innoċenza, peress li jirreferu biss għall-kuntatti jew għall-azzjonijiet ta' impjegati ta' trasportaturi oħra, mingħajr ma jittrattaw l-involviment ta' SAS Cargo *et* f'dawn il-kuntatti jew l-għarfien tagħhom. Għaldaqstant, huma ma jistgħux jistabbilixxu li SAS Cargo *et* wettqu ksur. It-tieni nett, il-punt 479 tal-imsemmija sentenza jirriproduċi l-pożizzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata fir-risposta tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jindirizza l-argument u lanqas il-provi prodotti minn SAS Cargo *et*. It-tielet nett, fil-punti 480 u 481 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk il-provi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni kinux ippermettewlha tikkonkludi ġustament li ma kienx hemm spjegazzjoni plawżibbli oħra għar-riċezzjoni minn SAS Cargo *et* tal-imsemmija messaġġi elettroniċi. Ir-raba' nett, id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti 482 u 483 tas-sentenza appellata ma huma sostnuti la fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, din hija sostituzzjoni ta' motivi illegali, b'tali mod li dawn il-punti 482 u 483 għandhom jiġu miċħuda.

294 Fis-sitt lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji dwar l-għarfien li kellhom SAS Cargo *et* tal-ksur uniku u kontinwu. Hija rrikonoxxiet, fil-punt 669 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet il-parteċipazzjoni diretta ta' SAS Cargo *et* fl-attivitajiet antikompetittivi kollha.

Minn dan isegwi li l-Kummissjoni kienet obbligata tipprova li huma kienu jafu bl-aġir tat-trasportaturi l-oħra jew li huma setgħu raġonevolment jipprevedu dan. F'dan ir-rigward, fil-punt 670 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali nnotat li d-Deċiżjoni kontenzjuża kienet tirreferi għal tmien kuntatti. Issa, qabel kollox, SAS Cargo *et* kienu esponew, mingħajr ma dan l-argument ġie indirizzat, li dawn il-kuntatti ma kienu jiżvelaw xejn dwar il-koordinazzjoni inkwistjoni. Sussegwentement, peress li erbgħa minnhom huma messaġġi elettroniċi msejħa "Għeżież imsieħba", dawn ma jistgħux jiġu invokati, kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza. L-erba' messaġġi elettroniċi l-oħra ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali, li, barra minn hekk, ma mmotivatx suffiċjentement il-pożizzjoni tagħha. Barra minn hekk, fil-punti 671, 672, 677 u 678 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet sostituzzjoni ta' motivi illegali. Barra minn hekk, fil-punti 678 u 679 ta' din is-sentenza, hija żnaturat is-sens ċar ta' messaġġ elettroniku ieħor, tas-17 ta' Frar 2003, u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-provi li jiskaġunaw. Fir-rigward tal-punti 681 u 683 tal-imsemmija sentenza, dawn għandhom jiġu miċħuda wkoll, peress li l-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma spjegat il-motivi li għalihom il-messaġġi elettroniċi invokati ppermettew lil SAS issir taf b'aġir li hija ma pparteċipatx fih. Il-punt 685 tal-istess sentenza huwa wkoll żbaljat, peress li jippreżenta b'mod imperfett l-argument ta' SAS Cargo *et* li l-Qorti Ġenerali tindirizza f'dan il-punt. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tirrimedja l-insuffiċjenza tat-tmien messaġġi elettroniċi invokati mill-Kummissjoni fil-premessa 791 tad-Deċiżjoni kontenzjuża billi sempliċement tirreferi għal premessi oħra, mingħajr ma tispjega kif dawn il-kuntatti kienu ppermettew lil SAS Cargo *et* isiru jafu bl-aġir li huma ma kinux ipparteċipaw fih. L-analiżi tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 660 sa 694 tas-sentenza appellata, dwar l-għarfien li SAS Cargo *et* kellha tal-aġir tat-trasportaturi l-oħra għandha għalhekk tiġi miċħuda, l-istess bħall-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 713 sa 728 ta' din is-sentenza, dwar il-portata tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur.

295 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija inammissibbli sa fejn tirrigwarda evalwazzjonijiet fattwali mwettqa mill-Qorti Ġenerali u hija infondata għall-kumplament.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

296 Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jista' jirriżulta mhux biss minn att individwali, iżda wkoll minn sensiela ta' atti jew minn aġir kontinwu, anki fil-każ li wieħed jew iktar minn dawn l-elementi ta' din is-sensiela ta' atti jew ta' dan l-aġir kontinwu jistgħu jikkostitwixxu, fihom innifishom u individwalment, ksur ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, meta istanzi ta' aġir differenti jagħmlu parti minn "pjan globali", minħabba l-għan identiku tagħhom li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha d-dritt li timputa r-responsabbiltà ta' dan l-aġir fuq il-bażi tal-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fl-intier tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni, C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 240).

297 Impriża li tkun ipparteċipat f'tali ksur uniku u kontinwu permezz ta' aġir li kien speċifiku għaliha, li jaqa' taħt il-kunċetti ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma li jkollhom għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u li kien intiż li jikkontribwixxi sabiex jitwettaq il-ksur fl-intier tiegħu, tista' tkun responsabbli wkoll għal aġir implementat minn impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni, C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 241).

298 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sabiex istanzi ta' aġir differenti jiġu kklassifikati bħala ksur uniku u kontinwu, ma hemmx lok li jiġi vverifikat jekk dawn ikollhomx rabta ta' komplementarjetà, fis-sens li kull wieħed minnhom huwa intiż li jittratta konsegwenza waħda jew iktar tal-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni, u jikkontribwixxu, permezz ta' interazzjoni, għat-twettiq tal-effetti antikompetittivi kollha mixtieqa mill-awturi tagħhom, fil-kuntest ta' pjan ġenerali li għandu għan uniku. B'kuntrast ma' dan, il-kundizzjoni dwar il-kunċett ta' "għan uniku" timplika li għandu jiġi vverifikat jekk jeżistux elementi li jikkaratterizzaw l-istanzi ta' aġir differenti li jagħmlu parti mill-ksur li jistgħu jindikaw li l-istanzi ta' aġir effettivament implimentati minn impriżi parteċipanti oħra ma għandhomx l-istess għan jew l-istess effett antikompetittiv u li konsegwentement ma jaqgħux taħt "pjan ġenerali" minħabba l-għan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern (sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Villeroy & Boch vs Il-Kummissjoni, C-644/13 P, EU:C:2017:59, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata u tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni, C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 242).

299 F'dan il-każ, sa fejn, fl-ewwel lok, SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli timmotiva s-sentenza appellata billi ma indirizzatx l-argument tagħhom fis-sens li l-aġir inkwistjoni seħħ f'kuntesti differenti u kellu għanijiet diversi, b'tali mod li ma setax jiġi kklassifikat bħala ksur uniku u kontinwu, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li l-ilment imqajjem minn SAS Cargo *et* u bbażat fuq konstatazzjonijiet żbaljati fir-rigward tan-natura unika tal-ksur ġie eżaminat mill-Qorti Ġenerali mhux biss fil-punti 302 sa 304 tas-sentenza appellata, iżda fil-punti 296 sa 325 kollha tagħha. F'dan il-kuntest, minbarra l-analiżi tagħha tal-argument ta' SAS Cargo *et* li jikkontesta l-eżistenza ta' għan antikompetittiv uniku, imwettaq f'dawn il-punti 302 sa 304, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari rrilevat, fil-punt 317 tal-imsemmija sentenza, li dawn tal-aħħar kienu kkritikaw lill-Kummissjoni li injorat, fir-rigward tan-natura tal-ksur uniku u kontinwu, il-karatteristiċi speċifiċi tal-koordinazzjoni li kienet saret neċessarja minħabba l-kuntest leġiżlattiv lokali jew li kien tagħmel parti mill-kuntest ta' alleanzi leġittimi, u ċaħdet dan l-argument minħabba li SAS Cargo *et* kienu għalhekk sempliċement irrepetew l-argumenti diġà mressqa insostenn tal-kritika tagħhom tal-eżistenza ta' għan antikompetittiv uniku, b'tali mod li kellhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet.

300 Barra minn hekk, fil-punti 318 sa 321 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali analizzat l-argument li permezz tiegħu SAS Cargo *et* sostnew li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kien differenti minn komponenti oħra tal-ksur uniku minħabba l-fatt li dan ir-rifjut kien irriżulta minn nuqqas ta' qbil bejn it-trasportaturi u l-ispedizjoniera dwar l-interpretazzjoni tal-klawżoli standard, għall-kuntrarju tal-"koordinazzjoni sigrieta tas-[sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà] minn għadd żgħir ta' trasportaturi". Hija ċaħditu billi kkonstatat, essenzjalment, li mid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li l-għan tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet mhux biss ma kienx relatat mat-tilwima pubblika ta' natura legali msemmija minn SAS Cargo *et*, iżda kien ta' natura li jsaħħaħ il-koordinazzjoni relatata mas-sovrataxxi.

301 Il-Qorti Ġenerali għalhekk esponiet sew ir-raġunijiet għalfejn SAS Cargo *et* ma rnexxilhomx jistabbilixxu li, minħabba dawn l-allegati kuntesti differenti u għanijiet differenti, in-natura unika tal-ksur ma kinitx ġiet stabbilita b'mod suffiċjenti mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 84 u 85 ta' din is-sentenza, l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ma huwiex stabbilit.

302 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument imressaq fil-punt 290 ta' din is-sentenza, għandu, qabelxejn, jiġi rrilevat li, sa fejn, permezz tiegħu, SAS Cargo *et* jinvokaw żnaturament li allegatament twettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punt 604 tas-sentenza appellata, sa fejn hija rreferiet għal kunċett ta'

"kontinwazzjoni" ("huma jibqgħu jsostnuh") fl-użu tal-kriterju tal-piż reali, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni li jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 108 ta' din is-sentenza, peress li SAS Cargo *et* ma tesponix b'mod partikolari l-kontenut tal-messaġġ elettroniku li allegatament ġie żnaturat. Konsegwentement, dan l-argument huwa inammissibbli.

303 Sussegwentement, sa fejn SAS Cargo *et* jallegaw li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi ma indirizzatx l-argument li huma kienu esponew fil-punt 161 tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif diġà ġie espost fil-punt 85 ta' din is-sentenza, dan l-obbligu ta' motivazzjoni ma jimponix fuq il-Qorti Ġenerali li tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha artikolati mill-partijiet fil-kawża, sakemm il-motivazzjoni tas-sentenza appellata tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell. Issa, il-Qorti Ġenerali evalwat l-argument ta' SAS Cargo *et* dwar l-aġir li seħħ fl-Isvizzera, li kien is-suġġett tal-punti 158 sa 164 ta' dan ir-rikors, fil-punti 597 sa 618 tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, SAS Cargo *et* lanqas ma jallegaw li huma ma tqegħdux f'pożizzjoni li jifhmu l-motivi li għalihom l-argument tagħhom fl-ewwel istanza ntlaqa' biss parzjalment mill-Qorti Ġenerali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ma ġiex stabbilit.

304 Fl-aħħar nett, sa fejn SAS Cargo *et* jikkritikaw il-punti 605, 606 u 610 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li huma jipprovaw, fir-realtà li l-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi għal dik li saret mill-Qorti Ġenerali mingħajr ma takkużaha b'ebda żnaturament. Minn dan isegwi li din il-kritika hija inammissibbli, skont il-ġurisprudenza li tinsab fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

305 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-argument imressaq fil-punt 291 ta' din is-sentenza, SAS Cargo *et* jipprovaw mill-ġdid jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi dwar l-affermazzjonijiet tat-trasportaturi l-oħra fir-rigward tal-aġir tagħhom, imwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 629 sa 650 tas-sentenza appellata, u b'mod iktar preċiż tal-evalwazzjonijiet tagħha li permezz tagħhom hija laqgħet biss parzjalment it-talba tagħhom li ċerti kuntatti jiġu esklużi mis-sensiela ta' indizji kkunsidrati fil-konfront tagħhom fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Dan l-argument, li ma jikkritika lill-Qorti Ġenerali b'ebda żnaturament, huwa għalhekk inammissibbli wkoll, skont il-ġurisprudenza li tinsab fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

306 Fir-raba' lok, l-istess japplika, essenzjalment, għall-argument imressaq fil-punt 292 ta' din is-sentenza, fejn SAS Cargo *et* jipprovaw, permezz tagħha, jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi dwar il-portata tal-kuntatti li seħħew fi ħdan l-alleanza WOW.

307 Għall-bqija, sa fejn SAS Cargo *et* jallegaw li l-Qorti Ġenerali ma wrietx li kienet teżisti rabta oġġettiva bejn dawn il-kuntatti u l-ksur uniku u kontinwu, għandu jiġi kkonstatat li l-ilment ta' SAS Cargo *et* dwar l-inklużjoni tal-kuntatti fi ħdan l-alleanza WOW fil-kamp tal-ksur uniku u kontinwu ġie eżaminat mill-Qorti Ġenerali mhux biss fil-punt 430 tas-sentenza appellata, iżda fil-punti 429 sa 431 ta' din is-sentenza, li fihom il-Qorti Ġenerali esponiet fid-dettall ir-raġunijiet li għalihom il-fatturi ppreżentati minn SAS Cargo *et* sabiex juru li ma kienx hemm rabta oġġettiva bejn il-kuntatti tal-membri tal-alleanza WOW u l-ksur uniku u kontinwu ma kinux,

essenzjalment, ta' natura li jqegħdu inkwistjoni l-eżistenza tal-pjan globali kkonstatat fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Għaldaqstant, l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ma ġiex stabbilit.

308 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument imressaq fil-punt 293 ta' din is-sentenza, għandu, l-ewwel nett, jiġi kkonstatat li, sa fejn, permezz tiegħu, SAS Cargo *et* jallegaw li l-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat il-portata tal-messaġġi elettroniċi msejħa "Għeżież imsieħba ", huma jerġgħu jagħmlu mezz li l-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti u tal-provi għal dik li saret mill-Qorti Ġenerali fil-punti 477 sa 485 tas-sentenza appellata mingħajr ma takkużaha b'ebda żnaturament. Dan l-argument huwa għalhekk ukoll inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

309 It-tieni nett, sa fejn SAS Cargo *et* jallegaw ksur tal-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' preżunzjoni ta' innoċenza, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din l-allegazzjoni hija bbażata fuq il-premessa li l-messaġġi elettroniċi msejħa "Għeżież imsieħba", li huma, kif jirriżulta mill-punt 468 tas-sentenza appellata, messaġġi elettroniċi kollettivi mibgħuta minn Lufthansa Cargo, ma jippermettux li jiġi stabbilit li huma wettqu ksur peress li jirreferu biss għall-kuntatti jew għall-azzjonijiet ta' impjegati ta' trasportaturi oħra, mingħajr ma jittrattaw l-involviment ta' SAS Cargo *et* f'dawn il-kuntatti jew l-għarfien tagħhom tal-kuntatti. Fir-realtà, l-imsemmija allegazzjoni għalhekk tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid il-fatti u l-provi diġà evalwati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 475 sa 488 tas-sentenza appellata mingħajr ma takkużaha b'ebda żnaturament. Din hija, konsegwentement, inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

310 It-tielet nett, l-allegazzjoni ta' ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha lanqas ma tista' tintlaqa'. Fil-fatt, għalkemm il-punti 480 u 481 tas-sentenza appellata sempliċement jesponu r-raġunijiet li għalihom il-Qorti Ġenerali qieset li kien għalxejn li SAS Cargo *et* invokaw in-natura pubblika tal-informazzjoni mxerrda fil-messaġġi elettroniċi deskritta fil-premessi 446, 450, 482 u 495 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-punti 475 sa 479 kif ukoll 482 sa 488 ta' din is-sentenza jeżaminaw l-argumenti u l-elementi l-oħra li SAS Cargo *et* kienu ppreżentaw quddiemha u li kienu intiżi, b'mod partikolari, sabiex jistabbilixxu li dawn il-messaġġi elettroniċi ma kinux jikkonċernaw il-ksur uniku u kontinwu, iżda l-applikazzjoni ta' sovrataxxa tal-fjuwil fil-kuntest ta' ftehimiet ta' riżervazzjoni tal-kapaċitajiet bejn Lufthansa u trasportaturi oħra.

311 Issa, f'dan ir-rigward, hija kkonstatat, għar-raġunijiet esposti fil-punti 476 sa 483 tas-sentenza appellata, li, kuntrarjament għal dak li jsostnu SAS Cargo *et*, ma setax jitqies li l-imsemmija messaġġi elettroniċi kienu intiżi esklużivament sabiex jiżguraw l-eżekuzzjoni tajba ta' ftehimiet ipotetiċi ta' riżervazzjoni tal-kapaċitajiet. Għall-kuntrarju, hija kkonstatat li dawn kellhom l-għan li jinformaw kollettivament lid-destinatarji tagħhom, fosthom SAS Cargo *et*, bl-intenzjoni ta' Lufthansa li żżid is-sovrataxxa tal-fjuwil tagħha minn data futura speċifika. Fid-dawl ta' dawn l-elementi u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 84 u 85 ta' din is-sentenza, ma jistax jitqies li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk il-provi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni kinux ippermettewlha tikkonkludi ġustament li ma kienx hemm spjegazzjoni plawżibbli oħra għar-riċezzjoni minn SAS Cargo *et* tal-istess messaġġi elettroniċi.

312 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' sostituzzjoni tal-motivi, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, fil-punt 482 tas-sentenza appellata, huwa b'riferiment għall-messaġġi elettroniċi deskritti fil-premessi 446, 450, 482 u 495 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll għall-premessa 797 tagħha li l-Qorti Ġenerali osservat li Lufthansa ma kinitx sempliċement ikkomunikat informazzjoni

pubblikament aċċessibbli lill-partijiet fi ftehimiet ipotetiċi ta' riżervazzjoni tal-kapaċitajiet, iżda li hija kienet, għall-kuntrarju, bagħtitilhom messaġġi elettroniċi kollettivi, b'tali mod li hija żvelat lid-destinatarji kollha l-identità tat-trasportaturi kkonċernati kif ukoll l-ammont u l-kalendarju tas-sovrataxxa tal-fjuwil li kellhom iħallsu skont dawn il-ftehimiet ipotetiċi. Min-naħa l-oħra, fil-punt 483 ta' din is-sentenza, huwa b'riferiment għall-premessi 453 u 450 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll għall-Annessi A.59 sa A.61 tar-rikors fl-ewwel istanza li l-Qorti Ġenerali qieset li SAS Cargo *et* lanqas ma allegaw li tali messaġġi kollettivi kienu neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-ftehimiet ipotetiċi u li l-atti tal-proċess dehru li juru li dan ma kienx il-każ. Is-sostituzzjoni tal-motivi allegata għalhekk ma hijiex stabbilita, peress li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali mogħtija f'dawn il-punti 482 u 483 huma marbuta mal-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża u jindirizzaw l-argument li SAS Cargo *et* kienu ressqu quddiemha, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 180 u 181ta' din is-sentenza.

313 Fis-sitt lok, fir-rigward tal-argument imressaq fil-punt 294 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, ċertament, fil-punt 669 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li SAS Cargo *et* kienu involuti fi tnejn mit-tliet komponenti tal-ksur uniku u kontinwu, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà, u mhux li huma kellhom sempliċement għarfien ipprovat jew preżunt tiegħu, iżda li l-Kummissjoni madankollu ma kinitx ikkunsidrat li huma kienu pparteċipaw direttament fl-attivitajiet antikompetittivi kollha li kienu jaqgħu taħt dawn il-komponenti.

314 Il-Qorti Ġenerali madankollu, sussegwentement, minn naħa, fil-punti 670 sa 676 tas-sentenza appellata, esponiet il-motivi li għalihom, fid-dawl tal-kuntatti deskritti fihom u tal-fatt li SAS Cargo *et* ma rnexxilhomx, barra minn hekk, juru li l-messaġġi elettroniċi deskritti fil-premessi 274, 279, 346, 411, 446, 450, 482 u 495 tad-Deċiżjoni kontenzjuża setgħu jkunu s-suġġett ta' spjegazzjoni alternattiva plawżibbli għall-koordinazzjoni tas-sovrataxxa tal-fjuwil, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li huma kienu ta' natura li jagħtuhom għarfien suffiċjenti tal-koordinazzjoni bejn Lufthansa u trasportaturi inkriminati oħra. Hija reġgħet, f'dan ir-rigward, esponiet kunsiderazzjonijiet superfluwi fil-punti 677 sa 679 tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, hija esponiet, fil-punti 681 u 682 ta' din is-sentenza, ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni kienet ġustament ikkunsidrat li SAS Cargo *et* kellhom l-għarfien suffiċjenti meħtieġ tal-aġir relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil implimentat fil-pajjiżi terzi li fihom huma ma kinux preżenti.

315 Min-naħa l-oħra, fil-punti 684 sa 693 tas-sentenza appellata, hija esponiet il-motivi li għalihom, fid-dawl tal-elementi li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża u tal-argumenti li SAS Cargo *et* kienu ressqu quddiemha, huma ma kellhomx raġun jikkritikaw lill-Kummissjoni talli kkonkludiet li huma kellhom għarfien suffiċjenti tal-elementi tal-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatati mas-sovrataxxa tas-sigurtà li huma ma kinux ipparteċipaw direttament fihom.

316 Huwa għalhekk b'mod infondat li SAS Cargo *et* essenzjalment isostnu, permezz tas-sitt ilment ta' din il-parti, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma vverifikatx jekk il-Kummissjoni kinitx ipprovat li huma kienu jafu bl-attivitajiet antikompetittivi tat-trasportaturi l-oħra li fihom huma ma kinux ipparteċipaw direttament. Barra minn hekk, sa fejn, permezz tal-argument tagħhom, huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx korrettament il-portata ta' ċerti kuntatti jew messaġġi elettroniċi li għalihom irreferiet, tat piż żbaljat lil ċerti messaġġi elettroniċi jew premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li ma humiex konklużivi biżżejjed, meta pparagunati ma' oħrajn, jew ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċerti provi li allegatament jiskaġunaw, huma jikkontestaw, fir-realtà,

l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi li l-Qorti Ġenerali wettqet f'dawn il-punti 669 sa 693 tas-sentenza appellata. Konsegwentement, l-imsemmi argument huwa, għalhekk, inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 72 ta' din is-sentenza.

317 It-tieni nett, l-allegazzjonijiet ta' żnaturament ikkritikati lill-Qorti Ġenerali, dwar il-punti 670, 678 u 679 tas-sentenza appellata, ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' preċiżjoni li jirriżultaw mill-ġurisprudenza li tinsab fil-punt 108 ta' din is-sentenza. Dawn huma għalhekk ammissibbli.

318 It-tielet nett, fid-dawl tal-elementi esposti fil-punti 313 sa 315 ta' din is-sentenza u tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 84 u 85 tagħha, l-allegazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, esposta fil-punt 294 ta' din is-sentenza, ma hijiex fondata.

319 Ir-raba' nett, hija wkoll infondata l-allegazzjoni ta' sostituzzjoni tal-motivi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fil-punti 671, 672, 677 u 678 tas-sentenza appellata, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 180 ta' din is-sentenza, peress li dawn il-punti sempliċement jesponu elementi li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

320 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

321 Konsegwentement, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli, parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fl-eżerċizzju, mill-Qorti Ġenerali, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha

L-argumenti tal-partijiet

322 SAS Cargo *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li għandu jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li hija ma tannullax kompletament il-multa bħala konsegwenza tal-ewwel erba' aggravji, sabiex tnaqqas l-ammont tagħha.

323 Fil-punt 940 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li, sabiex tiġi żgurata ugwaljanza fit-trattament bejn it-trasportaturi inkriminati, kellu "jiġi integrat mill-ġdid" fil-valur tal-bejgħ id-dħul mill-bejgħ imwettaq minn SAS Cargo *et* esklużivament fuq ir-rotot interni. F'dan ir-rigward, hija tirrikonoxxi, fil-punt 934 ta' din is-sentenza, li la l-appellanti u lanqas il-Kummissjoni ma talbu tali bidla fil-multa. Madankollu, hija kkonstatat, fil-punt 932 tal-imsemmija sentenza, li, skont it-tweġiba tal-Kummissjoni għal mistoqsija li kienet indirizzatilha, kien "possibbli" li t-trasportaturi l-oħra ma kinux naqqsu d-dħul mill-bejgħ tagħhom fuq ir-rotot interni tagħhom f'pajjiż wieħed. Sussegwentement, hija qieset, fil-punti 935 sa 937 u 939 tal-istess sentenza, mingħajr ma dan tqajjem matul il-proċedura quddiemha, li l-formulazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni kontenzjuża u talba għal informazzjoni indirizzata lit-trasportaturi kienu jindikaw li d-dħul mill-bejgħ relatat mar-rotot interni f'pajjiż wieħed kellu jiġi integrat fil-valur tal-bejgħ. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement donnha tippreżumi, fil-punti 938 u 939 tas-sentenza appellata, li t-trasportaturi kienu inkludew dan id-dħul mill-bejgħ fil-valur tal-bejgħ tagħhom, u konsegwentement ikkonkludiet, fil-punt 940 ta' din is-sentenza, li l-multa imposta fuq SAS Cargo *et* kienet diskriminatorja.

324 Fl-ewwel lok, billi aġġustat il-multa b'mod li jmur lil hinn mit-talbiet tar-rikors ippreżentat quddiemha, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' *ne ultra petita*, li l-portata tiegħu ma tinbidilx mill-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali. Permezz tat-talbiet tagħhom kif ukoll tal-ħames motiv tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, SAS Cargo *et* talbu tnaqqis tal-ammont tal-multa. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar it-tweġiba tat-22 ta' April 2021, huma indikaw espressament li d-dħul mill-bejgħ relatat mar-rotot interni ma kellux jiġi inkluż fil-valur tal-bejgħ għall-finijiet tal-kalkolu ta' kwalunkwe multa ġdida li l-Qorti Ġenerali setgħet timponi bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Bl-istess mod, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni indikat b'mod inekwivoku li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ ta' SAS Cargo *et* imwettaq fi ħdan l-istess pajjiż taż-ŻEE jekk hija tiddeċiedi li teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tqajjem din il-kwistjoni *ex officio*, peress li din ma kinitx kwistjoni ta' ordni pubbliku.

325 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt għal smigħ ta' SAS Cargo *et* kif ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju. Dawn tal-aħħar qatt ma tpoġġew f'pożizzjoni li jikkontestaw il-konklużjoni tagħha li l-multa kienet diskriminatorja, peress li ebda parti fil-proċedura ma kienet qajmet din il-kwistjoni. Issa, anki li kieku kellu jitqies li l-Qorti Ġenerali tista', *ex officio*, iżżid l-ammont tal-multa, l-impriża kkonċernata għandha tal-inqas ikollha l-istess dritt għal smigħ bħal dak li hija għandha dritt għalih meta l-Kummissjoni tipprova taġġusta l-multa matul il-proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja, b'mod partikolari sabiex tiżgura opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

326 F'dan ir-rigward, SAS Cargo *et* jippreċiżaw li, ċertament, fit-28 ta' April 2021, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali stedinhom jikkummentaw dwar it-tweġibiet tal-Kummissjoni għal diversi mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, inkluża t-tweġiba tat-22 ta' April 2021. Madankollu, din it-tweġiba indikat f'termini inekwivoċi li d-dħul mill-bejgħ iġġenerat mill-bejgħ relatat mar-rotot interni ma kellux jiġi inkluż fil-valur tal-bejgħ. Huma stess qatt ma ġew mistiedna jwieġbu l-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward u fl-ebda mument ma ġew informati mill-Qorti Ġenerali bl-intenzjoni tagħha li żżid il-multa sabiex tinkludi l-bejgħ tar-rotot interni, abbażi tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-mistoqsija magħmula lill-Kummissjoni kienet ġiet indirizzata ukoll lilhom, tali mistoqsija kienet tkun wisq impreċiża sabiex id-dritt tagħhom għal smigħ jitqies li ġie rrispettat.

327 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 932 u 939 tas-sentenza appellata, kisret il-preżunzjoni ta' innoċenza kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għad-detriment ta' SAS Cargo *et*. Il-Kummissjoni indikat b'mod ċar, fit-tweġiba tagħha tat-22 ta' April 2021, li ma kinitx taf jekk it-trasportaturi l-oħra kinux inkludew id-dħul mill-bejgħ tar-rotot interni. Barra minn hekk, ċerti trasportaturi ma kinux operaw tali rotot, b'tali mod li ma setgħux jiġu żvantaġġati. Il-Qorti Ġenerali stess tammetti, f'dan il-punt 932, li l-Kummissjoni kienet iddikjarat li kien "possibbli" li t-trasportaturi l-oħra eskludew id-dħul mill-bejgħ imwettaq fuq ir-rotot interni.

328 B'dan il-mod, hija wettqet ukoll żball ta' liġi billi bbażat ruħha fuq prova ipotetika. Fid-dawl tal-eżistenza ta' dubju dwar jekk it-trasportaturi l-oħra kinux inkludew ir-rotot interni tagħhom, il-Qorti Ġenerali kellha, skont il-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni, tiddeċiedi favur SAS Cargo *et*. L-elementi rrilevati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 935 u 937 tas-sentenza appellata huma irrilevanti f'dan ir-rigward, peress li dawn l-elementi ma humiex ta' natura li jistabbilixxu jekk it-trasportaturi l-oħra kinux inkludew jew eskludew id-dħul mill-bejgħ magħmul fuq ir-rotot interni mid-dħul mill-bejgħ tagħhom ikkomunikat lill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali qatt ma eżaminat id-data tagħhom u l-Kummissjoni qatt ma kkonfermat din l-inklużjoni. Għalhekk, l-imsemmija elementi la jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' diskriminazzjoni u lanqas li

jiġi ggarantit li s-sentenza appellata ma hijiex hija stess diskriminatorja. Il-punt 938 ta' din is-sentenza huwa, barra minn hekk, illoġiku, peress li t-talba ta' SAS Cargo *et* imsemmija fiha tirriżulta mill-fatt li t-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni kienet ekwivoka. Fir-rigward tal-punt 939 tal-imsemmija sentenza, dan ma huwa bbażat fuq ebda bażi fattwali u jiżnatura t-tweġiba tat-22 ta' April 2021.

329 Fir-raba' lok, fil-punti 934 u 940 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi ma weġbitx għall-osservazzjonijiet ta' SAS Cargo *et* li jipprovdu, minn naħa, li huma ma kinux f'sitwazzjoni simili għal dik ta' trasportaturi oħra, peress li huma biss kienu talbu lill-Kummissjoni teskludi r-rotot interni, u, min-naħa l-oħra, li ma kienx hemm aġir illegali fuq ir-rotot interni, peress li l-azzjonijiet tagħhom fis-swieq Skandinavi tal-kabotaġġ kienu influwenzati biss mill-koordinazzjoni leċita tagħhom ma' Lufthansa.

330 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla l-inklużjoni mill-Qorti Ġenerali tal-bejgħ relatat mar-rotot interni fid-dħul mill-bejgħ ikkunsidrat għall-kalkolu tal-multa tal-appellanti u, b'mod korrispondenti, tnaqqas il-multa.

331 Il-Kummissjoni tosserva li hija kienet talbet lil SAS Cargo *et*, matul il-proċedura amministrattiva, sabiex jikkomunikawlha d-dħul mill-bejgħ tagħhom u li dawn tal-aħħar talbuha teskludi d-dħul mill-bejgħ relatat mar-rotot fi Stat Membru wieħed biss, li hija aċċettat, kif indikat fit-tweġiba tagħha lill-Qorti Ġenerali tat-22 ta' April 2021. Hija indikat li spjegat lill-Qorti Ġenerali li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif żviluppata mill-adozzjoni tad-deċiżjoni inizjali, hija kellha tinkludi dan id-dħul mill-bejgħ fil-valur tal-bejgħ. Hija żżid li ppreċiżat li kien diffiċli li jiġi ddeterminat jekk trasportaturi oħra kinux inkludew dan it-tip ta' dħul mill-bejgħ fid-data li huma kienu kkomunikawlha u li, konsegwentement, għal raġunijiet ta' ekwità, hija kienet ipproponiet lill-Qorti Ġenerali li ma tinkludihx għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa tal-appellanti. Il-Qorti Ġenerali ma tatx segwitu għal din il-proposta. Dan il-ħames aggravju xorta ma huwiex fondat.

332 Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali hija awtorizzata tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni u, konsegwentement, tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta. Barra minn hekk, il-qorti tal-Unjoni tista' tirriforma l-att ikkontestat, anki fl-assenza ta' annullament, sabiex tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta, b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha. Il-fatt li l-Kummissjoni kienet eskludiet mill-valur tal-bejgħ ta' SAS Cargo *et* id-dħul mill-bejgħ imwettaq fuq ir-rotot fi Stat Membru wieħed kien jikkostitwixxi tali ċirkustanza. Li kieku l-pożizzjoni ta' SAS Cargo *et* kienet ġiet segwita, din kienet tirrendi impossibbli kwalunkwe żieda fil-multa, peress li appellant qatt ma jitlob tali żieda u jkollu għalhekk dritt għal veto fuqha. Għalhekk, peress li l-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali ma hijiex limitata għall-argumenti tal-appellant, din tipprevali fuq il-prinċipju ta' *ne ultra petita*.

333 Fit-tieni lok, lanqas ma kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ ta' SAS Cargo *et*. Il-Qorti Ġenerali tathom il-possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq dan l-aspett speċifiku tal-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ, peress li l-Kummissjoni indirizzat espliċitament dan il-punt fit-tweġiba tagħha tat-22 ta' April 2021. Il-fatt li huma ma ntalbux jirrispondu speċifikament għad-domanda tal-Qorti Ġenerali huwa irrilevanti.

334 Fit-tielet lok, f'dan l-istadju tal-motivi tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali diġà eżaminat fil-fond il-fatti tal-każ u kkonstatat ir-responsabbiltà ta' SAS Cargo *et* għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Konsegwentement, huma ma jistgħux jibbenefikaw iktar mill-preżunzjoni ta' innoċenza fl-istadju tal-kalkolu tal-ammont tal-multa.

335 Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 936 tas-sentenza appellata, li d-dħul mill-bejgħ kollu marbut direttament jew indirettament mal-ksur uniku u kontinwu kellu jiġi integrat fil-valur tal-bejgħ, anki jekk kien jikkonċerna rotot interni. Ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament biss jekk persuni oħra li jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħal SAS Cargo *et* kienu ġew ittrattati b'mod differenti. Huma dawn tal-aħħar li għandhom jipproduċu l-prova ta' dan, ħaġa li huma ma għamlux, peress li SAS Cargo *et* sempliċement assumew li dan seta' kien il-każ.

336 Fil-ħames u fl-aħħar lok, fid-dawl tal-ġurisprudenza dwar il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali wieġbet b'mod suffiċjenti għall-argument li SAS Cargo *et* kienu ressqu quddiemha fir-rigward tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjoni tagħhom ma' dik ta' trasportaturi oħra, filwaqt li l-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għall-punti 765, 766 u 936 tas-sentenza appellata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

337 Peress li SAS Cargo *et* jikkritikaw essenzjalment, permezz ta' dan l-aggravju, il-punti 931 sa 940 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 931 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mit-tweġibiet tal-Kummissjoni għal mistoqsija bil-miktub indirizzata lilha jirriżulta li t-total tal-valur tal-bejgħ li hija kienet użat għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa imposta fuq SAS Cargo *et* kien jeskludi d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn SAS Cargo *et* esklużivament fuq ir-rotot interni.

338 Fil-punt 932 ta' din is-sentenza, hija indikat li, mistoqsija dwar il-kompatibbiltà ta' tali esklużjoni mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u mal-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006, il-Kummissjoni kienet osservat, minn naħa, li, skont il-ġurisprudenza sussegwenti għad-deċiżjoni inizjali, dan id-dħul eskluż kien effettivament jaqa' taħt il-bejgħ imwettaq b'rabta diretta jew indiretta mal-ksur, fis-sens ta' dan il-punt 13, u, min-naħa l-oħra, "li kien possibbli li tali 'bejgħ intern' ma kienx tnaqqas mill-valur tal-bejgħ applikat għat-trasportaturi inkriminati l-oħra, sa fejn hija ma kinitx talbithom jagħmlu dan, matul il-proċedura amministrattiva, meta hija kienet staqsiethom dwar id-dħul mill-bejgħ tagħhom għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, u sa fejn dawn it-trasportaturi, bl-eċċezzjoni [ta' SAS Cargo *et*], ma kinux semmew fit-tweġibiet tagħhom l-għażla tagħhom li jeskludu l-imsemmi 'bejgħ intern'".

339 Hija żiedet ukoll fil-punt 933 tal-imsemmija sentenza li, madankollu, il-Kummissjoni qieset li ma kienx hemm lok għall-Qorti Ġenerali li tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ ta' SAS Cargo *et* fuq ir-rotot interni fil-kuntest tal-eżerċizzju, jekk ikun il-każ, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, peress li l-multa imposta fuqhom tibqa' xierqa u proporzjonata, anki bl-esklużjoni ta' dan id-dħul mill-bejgħ. Hija spjegat ukoll li, skont il-Kummissjoni, it-trasportaturi inkriminati l-oħra li eventwalment inkludew tali bejgħ intern fid-dħul mill-bejgħ ikkomunikat lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva ma jistgħux jibbenefikaw minn illegalità mwettqa favur ħaddieħor.

340 Fil-punt 934 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, mistiedna jirreaġixxu għar-risposti tal-Kummissjoni, SAS Cargo *et* kienu sostnew ukoll li ma kienx hemm lok li jiġi inkluż mill-ġdid fil-valur tal-bejgħ tagħhom id-dħul mill-bejgħ li huma kienu għamlu fuq ir-rotot interni.

341 Fil-punt 935 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali madankollu qieset li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni kontenzjuża li dan kien jirrigwarda aġir li jseħħ kemm fuq rotot bejn Stati Membri jew partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE kif ukoll fuq ir-rotot operati fi Stat Membru wieħed biss jew f'parti kontraenti waħda biss.

342 Fil-punt 936 ta' din is-sentenza, hija qieset li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dħul mill-bejgħ magħmul mit-trasportaturi inkriminati fuq ir-rotot operati fi Stat Membru wieħed biss jew f'parti kontraenti waħda biss jaqa' manifestament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur uniku u kontinwu, u ma tkunx saret evalwazzjoni ġusta tal-importanza ekonomika tiegħu u tar-rwol ta' kull trasportatur inkriminat f'dan ir-rigward jekk ma jitteħidx inkunsiderazzjoni dan id-dħul mill-bejgħ għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa.

343 Fil-punt 937 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żiedet li, barra minn hekk, it-talbiet għal informazzjoni li l-Kummissjoni kienet bagħtet lit-trasportaturi inkriminati matul il-proċedura amministrattiva u li permezz tagħhom hija kellha l-intenzjoni, b'mod partikolari, li tikseb id-dħul mill-bejgħ tagħhom fuq ir-rotot fiż-ŻEE, jagħmlu riferiment għar-"rotot li għalihom l-ajruporti ta' oriġini u ta' destinazzjoni kienu t-tnejn li huma jinsabu ġewwa ż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali], mingħajr ma ġie ppreċiżat li dawn ir-rotot kienu neċessarjament transkonfinali. Hija żiedet ukoll li fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni indikat fil-premessa 1197 tagħha li, fir-rigward tal-valur tal-bejgħ, id-"dħul mill-bejgħ [fiż-ŻEE jitwettaq] fi ħdan [18 minn 28] pajjiż li kienu partijiet kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'dak iż-żmien" u d-"dħul mill-bejgħ [Unjoni-Svizzera jitwettaq] fuq ir-rotot bejn [15 minn 25] Stat Membru f'dak iż-żmien u l-Isvizzera" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija għalhekk qieset li l-użu tal-kliem "fi ħdan" f'każ u tal-kelma "bejn" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fl-ieħor juri l-intenzjoni tal-Kummissjoni, fl-ewwel każ, li ma tagħmilx distinzjoni bejn ir-rotot interni u r-rotot transkonfinali, għaliex kieku kienet tindika li d-dħul mill-bejgħ fiż-ŻEE kien minn rotot "bejn" il-partijiet kontraenti.

344 Fil-punt 938 tal-istess sentenza, hija qieset li din l-interpretazzjoni kienet tirrifletti l-intenzjoni tal-Kummissjoni kif mifhuma mit-trasportaturi inkriminati. Hija żiedet li dan kien ikkorroborat mill-fatt li SAS Cargo *et* kienu sostnew espressament, matul il-proċedura amministrattiva, li l-bejgħ li sar fuq ir-rotot interni kellu jiġi eskluż mill-valur tal-bejgħ tagħhom fuq ir-rotot fiż-ŻEE, minħabba li din it-talba għall-esklużjoni tar-rotot interni kienet tagħmel sens biss jekk, bħala prinċipju, kien aċċettat li r-rotot fiż-ŻEE kienu jkopruhom.

345 Fil-punt 939 tas-sentenza appellata, hija qieset li minn dan kien jirriżulta li d-dħul mill-bejgħ magħmul mit-trasportaturi inkriminati fuq ir-rotot fiż-ŻEE fi ħdan l-istess parti kontraenti "ma kienx ġie integrat fil-valur tal-bejgħ, kif [sostniet] il-Kummissjoni, bi żball", iżda li dan id-dħul mill-bejgħ kien fost l-elementi mitluba mill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva, kien inkluż fil-valur tal-bejgħ użat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża abbażi tal-metodu li hija segwiet u kien jirrifletti l-perimetru ġeografiku tal-ksur uniku u kontinwu, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni.

346 Fl-aħħar nett, fil-punt 940 ta' din is-sentenza, hija żiedet li, bil-għan li tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament bejn it-trasportaturi inkriminati li ppreżentaw rikors kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża, kien importanti li l-Qorti Ġenerali tintegra mill-ġdid, fil-valur tal-bejgħ li jservi ta' bażi għall-kalkolu tal-multa imposta fuq SAS Cargo *et*, id-dħul mill-bejgħ imwettaq minnhom fuq ir-rotot interni, li jammonta għal EUR 7 991 282.

347 Billi ddeċidiet hekk, il-Qorti Ġenerali, kif isostnu SAS Cargo *et*, ivvizzjat is-sentenza appellata b'diversi żbalji ta' liġi. Fil-fatt, l-ewwel nett, f'dan il-punt 939, hija mhux biss ikkontradixxiet il-preżentazzjoni tagħha stess tat-tweġiba tat-22 ta' April 2021, li hija kienet esponiet fil-punt 932 tas-sentenza appellata, iżda żnaturat ukoll din it-tweġiba billi qieset li, fiha, il-Kummissjoni sempliċement indikat li d-dħul mill-bejgħ magħmul mit-trasportaturi inkriminati fuq ir-rotot fiż-ŻEE fi ħdan l-istess parti kontraenti waħda ma kienx ġie integrat fil-valur tal-bejgħ bi żball,

filwaqt li mis-sustanza tal-imsemmija tweġiba, li SAS Cargo *et* annettew mal-appell tagħhom, jirriżulta b'mod ċar li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet iktar sfumata u ma setgħetx raġonevolment tissostanzja l-interpretazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet f'dan il-punt 939.

348 Fil-fatt, fil-punt 4 tal-istess tweġiba, il-Kummissjoni kienet qabelxejn ippreżentat in-nuqqas ta' inklużjoni tad-dħul mill-bejgħ possibbilment magħmul minn destinatarji oħra tad-Deċiżjoni kontenzjuża fuq ir-rotot operati fi Stat Membru wieħed jew f'parti kontraenti waħda, mhux bħala ċertezza, iżda bħala sempliċi possibbiltà ("*the Commission may inadvertently not have deducted sales within one and the same EEA country when calculating the fines of certain other addresse[e]s of the 2017 Decision*").

349 Barra minn hekk, hija kienet indikat li din l-eventwali nuqqas ta' inklużjoni, anki jekk kienet tirriżulta minn żball, kienet dovuta għal żewġ motivi. Minn naħa, dan kien il-fatt li, fit-talba tagħha għal informazzjoni tas-26 ta' Jannar 2009, hija ma kinitx indikat speċifikament jekk it-trasportaturi inkriminati kellhomx jinkludu jew jeskludu l-bejgħ ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija fuq ir-rotot operati fi Stat Membru wieħed jew f'parti kontraenti waħda mid-dħul mill-bejgħ tagħhom imwettaq fl-2005 fuq ir-rotot bejn l-ajruporti tat-18 jew tat-28 Stati Membri taż-ŻEE, skont il-perijodu. Min-naħa l-oħra, dan kien il-fatt li, fit-tweġibiet tagħhom għal din it-talba għal informazzjoni, it-trasportaturi li indikaw li fl-2005 kisbu dħul mill-bejgħ fir-rigward tar-rotot bejn l-ajruporti tat-18 jew tat-28 Stati Membri taż-ŻEE, skont il-perijodu, ma kinux indikaw, bl-eċċezzjoni ta' SAS Cargo *et*, jekk kinux inkludew jew eskludew mid-dħul mill-bejgħ tagħhom il-bejgħ ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija mwettaq fuq ir-rotot operati biss fi Stat Membru wieħed taż-ŻEE.

350 Minn dan hija kienet iddeduċiet, fil-punt 5 tat-tweġiba tat-22 ta' April 2021 li, sabiex tikkonċilja l-prinċipji ta' legalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn SAS Cargo *et* fuq dawn ir-rotot interni jekk tiddeċiedi li teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, filwaqt li spjegat f'dan ir-rigward, minn naħa, li minkejja dan in-nuqqas ta' inklużjoni, il-multa imposta fuq SAS Cargo *et* kienet għadha xierqa u proporzjonata u li, min-naħa l-oħra, anki jekk trasportaturi oħra setgħu inkludew il-bejgħ li sar fuq ir-rotot operati fi Stat Membru wieħed taż-ŻEE, huma ma jistgħux jinvokaw għall-benefiċċju tagħhom żball li allegatament twettaq mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-multa ta' SAS Cargo *et*.

351 It-tieni nett, billi qieset, barra minn hekk, fil-punt 938 tas-sentenza appellata, li setgħet tibbaża ruħha fuq "l-intenzjoni tal-Kummissjoni kif mifhuma mit-trasportaturi inkriminati" u billi qieset li l-pożizzjoni tagħha kienet ikkorroborata mill-fatt li SAS Cargo *et* kienu sostnew li l-bejgħ imwettaq fuq ir-rotot interni kellu jiġi eskluż mill-valur tal-bejgħ li sar fuq ir-rotot fiż-ŻEE, il-Qorti Ġenerali, f'dan il-punt, marret ukoll manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli tal-provi prodotti quddiemha. Fil-fatt, minn naħa, din il-preżunta intenzjoni tal-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali qieset li tista' tkun ibbażata fuq l-użu mill-Kummissjoni, fil-premessa 1197 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, tal-kliem "fi ħdan" u "bejn", li huma tal-inqas ekwivoċi fir-rigward tal-punt dwar jekk il-valur tal-bejgħ imwettaq fuq ir-rotot interni kellux jiġi eskluż mill-valur tal-bejgħ li sar fuq ir-rotot fiż-ŻEE, kienet direttament kontradetta mill-pożizzjoni espressa minn din l-istituzzjoni fit-tweġiba tagħha lill-Qorti Ġenerali tal-21 ta' April 2021. Min-naħa l-oħra, kif sostnew SAS Cargo *et*, il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-esklużjoni ta' dan il-bejgħ mid-dħul mill-bejgħ rilevanti setgħet tirriżulta mill-fatt li t-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni kienet ekwivoka. Issa, il-Kummissjoni kienet hija stess irrikonoxxiet dan il-fatt f'din it-tweġiba.

352 Minn dawn l-elementi jirriżulta li, it-tielet nett u kif isostnu SAS Cargo *et*, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi, fil-punt 940 tas-sentenza appellata, billi bbażat fuq elementi putattivi d-deċiżjoni tagħha li tintegra mill-ġdid fil-valur tal-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa imposta fuq SAS Cargo *et*, id-dħul mill-bejgħ imwettaq minnhom fuq ir-rotot interni, sabiex tiġi żgurata ugwaljanza fit-trattament bejn it-trasportaturi li talbu l-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 347 sa 351 ta' din is-sentenza, l-elementi prodotti quddiemha bl-ebda mod ma kienu jistabbilixxu li t-trasportaturi inkriminati kollha u li kkontestaw id-Deċiżjoni kontenzjuża kienu, b'differenza minn SAS Cargo *et*, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ tagħhom possibbilment imwettaq fuq rotot operati fi Stat Membru wieħed taż-ŻEE integrat fil-valur tal-bejgħ tagħhom li serva bħala bażi għall-kalkolu tal-multi tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex elementi li kienu jippermettulha tikkonstata b'ċertezza ksur tal-ugwaljanza fit-trattament li hija kellha tirrettifika.

353 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argumenti esposti fil-punti 327 u 328 ta' din is-sentenza huma fondati. Sussegwentement, il-ħames aggravju għandu jintlaqa' u s-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn tistabbilixxi, fil-punt 4 tad-dispożittiv tagħha, l-ammont tal-multa imposta fuq SAS Cargo *et* abbażi ta' dħul mill-bejgħ li jintegra l-bejgħ ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija li huma għamlu matul is-sena 2005 esklużivament fuq ir-rotot interni, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra mressqa insostenn ta' dan l-aggravju.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

354 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' l-kawża definittivament meta din tkun fi stat li tiġi deċiża jew tista' tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi.

355 F'dan il-każ, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li r-rikors ta' SAS Cargo *et* quddiem il-Qorti Ġenerali huwa bbażat fuq motivi li kienu s-suġġett ta' dibattitu kontradittorju quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-eżami ma jeħtieġx li tiġi ordnata xi miżura supplimentari ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżura istruttorja, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan ir-rikors huwa fi stat li jiġi deċiż u li hemm lok li tagħti deċiżjoni definittiva fuqu fil-limiti tal-kawża li hija tibqa' adita biha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

356 Fil-fatt, fid-dawl taċ-ċaħda, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-appell ippreżentat minn SAS Cargo *et* sa fejn, permezz tiegħu, huma kkontestaw is-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet it-talbiet tagħhom intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża, ir-rikors fil-Kawża T-324/17 jibqa' jeżisti biss sa fejn jikkonċerna l-eżerċizzju, mill-Qorti Ġenerali, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Barra minn hekk, fid-dawl tal-annullament parzjali tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward u tal-fatt li, permezz tal-appell tagħhom, SAS Cargo *et* ikkontestaw l-eżerċizzju, mill-Qorti Ġenerali, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, biss fir-rigward tal-integrazzjoni mill-ġdid, fid-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa tagħhom, tal-valur tal-bejgħ tagħhom ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija mwettqa fuq ir-rotot interni, jibqa' biss li jiġi eżaminat l-argument ta' SAS Cargo *et* li tali dħul mill-bejgħ ma għandux jiġi integrat f'dan id-dħul mill-bejgħ li jservi bħala bażi għall-kalkolu tal-multa.

357 Issa, mill-motivi esposti fil-punti 347 sa 352 ta' din is-sentenza jirriżulta li tali integrazzjoni ma għandhiex titwettaq.

358 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li għandha teżamina mill-ġdid l-integrazzjoni li kienet saret mill-Qorti Ġenerali. F'dan ir-rigward, peress li, minn naħa, l-għażla tal-Qorti Ġenerali li tadotta l-metodu ta' kalkolu tal-multi applikat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li jsegwi l-metodoloġija esposta fil-Linji Gwida tal-2006, mingħajr ma dan ġie kkontestat fl-appell, u, min-naħa l-oħra, in-neċessità li tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament tat-trasportaturi ssanzjonati minn din id-deċiżjoni kif ukoll li jiġu rrettifikati l-iżbalji materjali li vvizzjaw il-kalkoli tal-Qorti Ġenerali, huwa xieraq li l-ammont tal-multa imposta fuq SAS Consortium jiġi ffissat għal EUR 4 744 224, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo u SAS Consortium flimkien u *in solidum* għal EUR 4 069 120, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo *et* flimkien u *in solidum* għal EUR 4 365 056, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo u SAS flimkien u i*n solidum* għal EUR 27 730 944, u dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo għal EUR 21 974 880.

Fuq l-ispejjeż

359 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

360 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, sakemm dawn ikunu ntalbu.

361 Skont l-Artikolu 138(3) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell abbażi tal-Artikolu 184(1) tagħhom, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament wieħed jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

362 F'dan il-każ, peress li SAS Cargo *et* u l-Kummissjoni tilfu rispettivament waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom u talbu li l-parti l-oħra tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kemm SAS Cargo *et* kif ukoll il-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza u mal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punti 4, 6 u 7 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), huma annullati.**

2) **Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.**

3) **L-ammont tal-multa imposta fuq Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden huwa ffissat għal EUR 4 744 224, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo Group A/S u fuq Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden flimkien u *in solidum* għal EUR 4 069 120, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo Group, fuq Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden u fuq SAS flimkien u *in***

solidum **għal EUR 4 365 056, dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo Group u fuq SAS flimkien u** ***in solidum*** **għal EUR 27 730 944 u dak tal-multa imposta fuq SAS Cargo Group huwa ffissat għal EUR 21 974 880.**

4) **SAS Cargo Group A/S, Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden, SAS AB u l-Kummissjoni Ewropea huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura tal-ewwel istanza u mal-appell.**

Firem